*Kumitat dwar l-Affarijiet Barranin*

**2012/2138(INI)**

2.10.2012

# EMENDI
# 1 - 198

**Abbozz ta' rapport**
**Arnaud Danjean**
(PE494.671v01-00)

dwar l-implimentazzjoni tal-Politika ta' Sigurtà u ta' Difiża Komuni (abbażi tar-Rapport Annwali tal-Kunsill lill-Parlament Ewropew dwar il-Politika Estera u ta' Sigurtà Komuni)
(COM12562/2011 -C7-0000/2012 – 2012/2138(INI))

AM_Com_NonLegReport

**Emenda 1**
**Ramon Tremosa i Balcells, Raül Romeva i Rueda, Ana Miranda**

**Mozzjoni għal riżoluzzjoni**
**Kunsiderazzjoni 5a (ġdida)**

| *Mozzjoni għal riżoluzzjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| | ***- wara li kkunsidra l-Artikolu 24 tat-Trattat dwar l-Unjoni Ewropea,*** |

Or. en

**Emenda 2**
**Ramon Tremosa i Balcells, Raül Romeva i Rueda, Ana Miranda**

**Mozzjoni għal riżoluzzjoni**
**Kunsiderazzjoni 5b (ġdida)**

| *Mozzjoni għal riżoluzzjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| | ***- wara li kkunsidra l-Artikoli 2 u 3 tat-Trattat dwar l-Unjoni Ewropea,*** |

Or. en

**Emenda 3**
**Maria Eleni Koppa**

**Mozzjoni għal riżoluzzjoni**
**Kunsiderazzjoni 8a (ġdida)**

| *Mozzjoni għal riżoluzzjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| | ***- wara li kkunsidra l-Karta tan-Nazzjonijiet Uniti,*** |

Or. en

**Emenda 4**
**Norica Nicolai**

**Mozzjoni għal riżoluzzjoni**
**Premessa A**

| *Mozzjoni għal riżoluzzjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| A. billi t-tibdil importanti li għaddej bħalissa fil-kuntest ġeostrateġiku li fih tinsab il-PESK u l-PSDK, partikolarment minħabba t-taqlib fil-Lvant Qarib u Nofsani (rivoluzzjonijiet, kunflitti u tibdil ta' reġim fil-Libja, fit-Tuneżija, fl-Eġittu, fis-Sirja... ), l-emerġenza ta' atturi ġodda b'ambizzjonijiet reġjonali jew globali fix-xena internazzjonali, kif ukoll tar-riorjentament tal-prijoritajiet tal-politika ta' difiża tal-Istati Uniti tal-Amerika lejn iż-żona tal-Asja-Paċifiku; | A. billi t-tibdil importanti li għaddej bħalissa fil-kuntest ġeostrateġiku li fih tinsab il-PESK u l-PSDK, partikolarment minħabba t-taqlib fil-Lvant Qarib u Nofsani (rivoluzzjonijiet, kunflitti u tibdil ta' reġim fil-Libja, fit-Tuneżija, fl-Eġittu, fis-Sirja... ), l-emerġenza ta' atturi ġodda b'ambizzjonijiet reġjonali jew globali fix-xena internazzjonali, ***l-effetti sekondarji mifruxa ta' kunflitti oħra fl-Afrika Sub-Saħarjana, l-aċċelerazzjoni ta' tensjonijiet antiki fuq territorji potenzjalment sinjuri fir-riżorsi fl-Asja tax-Xlokk,*** kif ukoll tar-riorjentament tal-prijoritajiet tal-politika ta' difiża tal-Istati Uniti tal-Amerika lejn iż-żona tal-Asja-Paċifiku; |

Or. en

**Emenda 5**
**Ágnes Hankiss**

**Mozzjoni għal riżoluzzjoni**
**PremessaA**

| *Mozzjoni għal riżoluzzjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| A. billi t-tibdil importanti li għaddej bħalissa fil-kuntest ġeostrateġiku li fih tinsab il-PESK u l-PSDK, partikolarment minħabba t-taqlib fil-Lvant Qarib u Nofsani (rivoluzzjonijiet, kunflitti u tibdil ta' reġim fil-Libja, fit-Tuneżija, fl-Eġittu, fis-Sirja...), l-emerġenza ta' atturi ġodda b'ambizzjonijiet reġjonali jew globali fix-xena internazzjonali, kif ukoll tar-riorjentament tal-prijoritajiet tal-politika ta' difiża tal-Istati Uniti tal-Amerika lejn iż- | A. billi t-tibdil importanti li għaddej bħalissa fil-kuntest ġeostrateġiku li fih tinsab il-PESK u l-PSDK, partikolarment minħabba t-taqlib fil-Lvant Qarib u Nofsani ***u fl-Afrika ta' Fuq*** (rivoluzzjonijiet, kunflitti u tibdil ta' reġim fil-Libja, fit-Tuneżija, fl-Eġittu, fis-Sirja...), l-emerġenza ta' atturi ġodda b'ambizzjonijiet reġjonali jew globali fix-xena internazzjonali, kif ukoll tar-riorjentament tal-prijoritajiet tal-politika ta' |

| | |
|---|---|
| żona tal-Asja-Paċifiku; | difiża tal-Istati Uniti tal-Amerika lejn iż-żona tal-Asja-Paċifiku; |

Or. hu

**Emenda 6**
**Ana Gomes**

**Mozzjoni għal riżoluzzjoni**
**Premessa A**

| *Mozzjoni għal riżoluzzjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| A. billi t-tibdil importanti li għaddej bħalissa fil-kuntest ġeostrateġiku li fih tinsab il-PESK u l-PSDK, partikolarment minħabba t-taqlib fil-Lvant Qarib u Nofsani (rivoluzzjonijiet, kunflitti u tibdil ta' reġim fil-Libja, fit-Tuneżija, fl-Eġittu, fis-Sirja... ), l-emerġenza ta' atturi ġodda b'ambizzjonijiet reġjonali jew globali fix-xena internazzjonali, kif ukoll tar-riorjentament tal-prijoritajiet tal-politika ta' difiża tal-Istati Uniti tal-Amerika lejn iż-żona tal-Asja-Paċifiku; | A. billi t-tibdil importanti li għaddej bħalissa fil-kuntest ġeostrateġiku li fih tinsab il-PESK u l-PSDK, partikolarment minħabba t-taqlib fil-Lvant Qarib u Nofsani ***u l-Afrika ta' Fuq*** (rivoluzzjonijiet, kunflitti u tibdil ta' reġim fil-Libja, fit-Tuneżija, fl-Eġittu, fis-Sirja... ), l-emerġenza ta' atturi ġodda b'ambizzjonijiet reġjonali jew globali fix-xena internazzjonali, kif ukoll tar-riorjentament tal-prijoritajiet tal-politika ta' difiża tal-Istati Uniti tal-Amerika lejn iż-żona tal-Asja-Paċifiku; |

Or. en

**Emenda 7**
**Luis Yáñez-Barnuevo García**

**Mozzjoni għal riżoluzzjoni**
**Premessa B**

| *Mozzjoni għal riżoluzzjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| B. billi, fl-istess ħin, it-theddid għas-sigurtà dinjija qiegħed jiżdied, minħabba l-inċertezzi marbuta mal-atteġġjament tal-Istati impenjati fi programmi li jħeġġu b'mod perikoluż il-proliferazzjoni nukleari, l-evoluzzjoni ta' kriżijiet lokali fil-viċinat | B. billi, fl-istess ħin, it-theddid ***u l-isfidi*** għas-sigurtà dinjija qiegħed jiżdied, minħabba l-inċertezzi marbuta mal-atteġġjament tal-Istati impenjati fi programmi li jħeġġu b'mod perikoluż il-proliferazzjoni nukleari, l-evoluzzjoni ta' |

| | |
|---|---|
| tal-UE, b'konsegwenzi reġjonali kbar bħall-kunflitt attwali Sirjan, ir-riskji marbuta mal-proċessi ta' tranżizzjoni fil-pajjiżi Għarab u d-dimensjoni ta' sigurtà tagħhom (Libja, Sinaj, eċċ.), l-evoluzzjoni taż-żona Pakistan-Afganistan fil-prospettiva tal-irtirar tal-forzi militari tan-NATO kif ukoll iż-żieda tat-theddid terroristiku fir-reġjuni Afrikani tas-Saħel, tal-Qarn tal-Afrika u tan-Niġerja; | kriżijiet lokali fil-viċinat tal-UE, b'konsegwenzi reġjonali kbar bħall-kunflitt attwali Sirjan, ir-riskji marbuta mal-proċessi ta' tranżizzjoni fil-pajjiżi Għarab u d-dimensjoni ta' sigurtà tagħhom (Libja, Sinaj, eċċ.), l-evoluzzjoni taż-żona Pakistan-Afganistan fil-prospettiva tal-irtirar tal-forzi militari tan-NATO kif ukoll iż-żieda tat-theddid terroristiku fir-reġjuni Afrikani tas-Saħel, tal-Qarn tal-Afrika u tan-Niġerja; |

Or. es

**Emenda 8**
**Michael Gahler**

**Mozzjoni għal riżoluzzjoni**
**Premessa B**

| *Mozzjoni għal riżoluzzjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| B. billi, fl-istess ħin, it-theddid għas-sigurtà dinjija qiegħed jiżdied, minħabba l-inċertezzi marbuta mal-atteġġjament tal-Istati impenjati fi programmi li jħeġġu b'mod perikoluż il-proliferazzjoni nukleari, l-evoluzzjoni ta' kriżijiet lokali fil-viċinat tal-UE, b'konsegwenzi reġjonali kbar bħall-kunflitt attwali Sirjan, ir-riskji marbuta mal-proċessi ta' tranżizzjoni fil-pajjiżi Għarab u d-dimensjoni ta' sigurtà tagħhom (Libja, Sinaj, eċċ.), l-evoluzzjoni taż-żona Pakistan-Afganistan fil-prospettiva tal-irtirar tal-forzi militari tan-NATO kif ukoll iż-żieda tat-theddid terroristiku fir-reġjuni Afrikani tas-Saħel, tal-Qarn tal-Afrika u tan-Niġerja; | B. billi, fl-istess ħin, it-theddid għas-sigurtà dinjija qiegħed jiżdied, minħabba l-inċertezzi marbuta mal-atteġġjament tal-Istati ***u tal-atturi mhux statali*** impenjati fi programmi li jħeġġu b'mod perikoluż il-proliferazzjoni nukleari, l-evoluzzjoni ta' kriżijiet lokali fil-viċinat tal-UE, b'konsegwenzi reġjonali kbar bħall-kunflitt attwali Sirjan, ir-riskji marbuta mal-proċessi ta' tranżizzjoni fil-pajjiżi Għarab u d-dimensjoni ta' sigurtà tagħhom (Libja, Sinaj, eċċ.), l-evoluzzjoni taż-żona Pakistan-Afganistan fil-prospettiva tal-irtirar tal-forzi militari tan-NATO kif ukoll iż-żieda tat-theddid terroristiku fir-reġjuni Afrikani tas-Saħel, tal-Qarn tal-Afrika u tan-Niġerja; |

Or. en

**Emenda 9**
**Norica Nicolai**

**Mozzjoni għal riżoluzzjoni**
**Premessa B**

| *Mozzjoni għal riżoluzzjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| B. billi, fl-istess ħin, it-theddid għas-sigurtà dinjija qiegħed jiżdied, minħabba l-inċertezzi marbuta mal-atteġġjament tal-Istati impenjati fi programmi li jħeġġu b'mod perikoluż il-proliferazzjoni nukleari, l-evoluzzjoni ta' kriżijiet lokali fil-viċinat tal-UE, b'konsegwenzi reġjonali kbar bħall-kunflitt attwali Sirjan, ir-riskji marbuta mal-proċessi ta' tranżizzjoni fil-pajjiżi Għarab u d-dimensjoni ta' sigurtà tagħhom (Libja, Sinaj, eċċ.), l-evoluzzjoni taż-żona Pakistan-Afganistan fil-prospettiva tal-irtirar tal-forzi militari tan-NATO kif ukoll iż-żieda tat-theddid terroristiku fir-reġjuni Afrikani tas-Saħel, tal-Qarn tal-Afrika u tan-Niġerja; | B. billi, fl-istess ħin, it-theddid għas-sigurtà dinjija qiegħed jiżdied, minħabba l-inċertezzi marbuta mal-atteġġjament tal-Istati impenjati fi programmi li jħeġġu b'mod perikoluż il-proliferazzjoni nukleari ***jew rabtiet ma' organizzazzjonijiet terroristiċi***, l-evoluzzjoni ta' kriżijiet lokali fil-viċinat tal-UE, b'konsegwenzi reġjonali kbar bħall-kunflitt attwali Sirjan, ir-riskji marbuta mal-proċessi ta' tranżizzjoni fil-pajjiżi Għarab u d-dimensjoni ta' sigurtà tagħhom (Libja, Sinaj, eċċ.), l-evoluzzjoni taż-żona Pakistan-Afganistan fil-prospettiva tal-irtirar tal-forzi militari tan-NATO kif ukoll iż-żieda tat-theddid terroristiku fir-reġjuni Afrikani tas-Saħel, tal-Qarn tal-Afrika u tan-Niġerja; |

Or. en

**Emenda 10**
**Ana Gomes**

**Mozzjoni għal riżoluzzjoni**
**Premessa B**

| *Mozzjoni għal riżoluzzjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| B. billi, fl-istess ħin, it-theddid għas-sigurtà dinjija qiegħed jiżdied, minħabba l-inċertezzi marbuta mal-atteġġjament tal-Istati impenjati fi programmi li jħeġġu b'mod perikoluż il-proliferazzjoni nukleari, l-evoluzzjoni ta' kriżijiet lokali fil-viċinat tal-UE, b'konsegwenzi reġjonali kbar bħall-kunflitt attwali Sirjan, ir-riskji marbuta mal-proċessi ta' tranżizzjoni fil-pajjiżi Għarab u d-dimensjoni ta' sigurtà tagħhom (Libja, Sinaj, eċċ.), l-evoluzzjoni taż-żona Pakistan-Afganistan fil-prospettiva tal- | B. billi, fl-istess ħin, it-theddid għas-sigurtà dinjija qiegħed jiżdied, minħabba l-inċertezzi marbuta mal-atteġġjament tal-Istati impenjati fi programmi li jħeġġu b'mod perikoluż il-proliferazzjoni ***tal-AQM, jiġifieri*** nukleari, l-evoluzzjoni ta' kriżijiet lokali fil-viċinat tal-UE, b'konsegwenzi reġjonali kbar bħall-kunflitt attwali Sirjan, ir-riskji marbuta mal-proċessi ta' tranżizzjoni fil-pajjiżi Għarab u d-dimensjoni ta' sigurtà tagħhom (Libja, Sinaj, eċċ.), l-evoluzzjoni taż-żona |

| | |
|---|---|
| irtirar tal-forzi militari tan-NATO kif ukoll iż-żieda tat-theddid terroristiku fir-reġjuni Afrikani tas-Saħel, tal-Qarn tal-Afrika u tan-Niġerja; | Pakistan-Afganistan fil-prospettiva tal-irtirar tal-forzi militari tan-NATO kif ukoll iż-żieda tat-theddid terroristiku fir-reġjuni Afrikani tas-Saħel, tal-Qarn tal-Afrika u tan-Niġerja; |

Or. en

**Emenda 11**
**Ryszard Czarnecki**

**Mozzjoni għal riżoluzzjoni**
**Premessa B**

| *Mozzjoni għal riżoluzzjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| B. billi, fl-istess ħin, it-theddid għas-sigurtà dinjija qiegħed jiżdied, minħabba l-inċertezzi marbuta mal-atteġġjament tal-Istati impenjati fi programmi li jħeġġu b'mod perikoluż il-proliferazzjoni nukleari, l-evoluzzjoni ta' kriżijiet lokali fil-viċinat tal-UE, b'konsegwenzi reġjonali kbar bħall-kunflitt attwali Sirjan, ir-riskji marbuta mal-proċessi ta' tranżizzjoni fil-pajjiżi Għarab u d-dimensjoni ta' sigurtà tagħhom (Libja, Sinaj, eċċ.), ***l-evoluzzjoni taż-żona Pakistan-Afganistan fil-prospettiva tal-irtirar tal-forzi militari tan-NATO*** kif ukoll iż-żieda tat-theddid terroristiku fir-reġjuni Afrikani tas-Saħel, tal-Qarn tal-Afrika u tan-Niġerja; | B. billi, fl-istess ħin, it-theddid għas-sigurtà dinjija qiegħed jiżdied, minħabba l-inċertezzi marbuta mal-atteġġjament tal-Istati impenjati fi programmi li jħeġġu b'mod perikoluż il-proliferazzjoni nukleari, ***il-kenn lil organizzazzjonijiet terroristiċi kif espost fl-evoluzzjoni taż-żona Afganistan-Pakistan fil-prospettiva tal-irtirar tal-forzi militari tan-NATO,*** l-evoluzzjoni ta' kriżijiet lokali fil-viċinat tal-UE, b'konsegwenzi reġjonali kbar bħall-kunflitt attwali Sirjan, ir-riskji marbuta mal-proċessi ta' tranżizzjoni fil-pajjiżi Għarab u d-dimensjoni ta' sigurtà tagħhom (Libja, Sinaj, eċċ.), ***[...]*** kif ukoll iż-żieda tat-theddid terroristiku fir-reġjuni Afrikani tas-Saħel, tal-Qarn tal-Afrika u tan-Niġerja; |

Or. en

**Emenda 12**
**Justas Vincas Paleckis**

**Mozzjoni għal riżoluzzjoni**
**Premessa Ba (ġdida)**

| Mozzjoni għal riżoluzzjoni | Emenda |
|---|---|
| | ***Ba. billi t-tibdil fil-klima huwa rikonoxxut ġeneralment bħala fattur essenzjali u fattur li jimmultiplika t-theddida għas-sigurtà globali, il-paċi u l-istabbilità;*** |

Or. en

**Emenda 13**
**Ana Gomes**

**Mozzjoni għal riżoluzzjoni**
**Premessa C**

| Mozzjoni għal riżoluzzjoni | Emenda |
|---|---|
| C. billi l-Unjoni Ewropea ***trid*** tirreaġixxi b'vuċi waħda u taġixxi fi spirtu ta' solidarjetà bejn l-Istati Membri tagħha, | C. billi l-Unjoni Ewropea ***għandha*** tirreaġixxi ***għal dawn it-theddidiet u l-isfidi*** b'vuċi waħda u taġixxi fi spirtu ta' solidarjetà bejn l-Istati Membri tagħha, |

Or. en

**Emenda 14**
**Tunne Kelam**

**Mozzjoni għal riżoluzzjoni**
**Premessa C**

| Mozzjoni għal riżoluzzjoni | Emenda |
|---|---|
| C. billi l-Unjoni Ewropea trid tirreaġixxi b'vuċi waħda u taġixxi fi spirtu ta' solidarjetà bejn l-Istati Membri tagħha, | C. billi l-Unjoni Ewropea trid tirreaġixxi b'vuċi waħda***, tiżgura koerenza politika*** u taġixxi fi spirtu ta' solidarjetà bejn l-Istati Membri tagħha, |

Or. en

**Emenda 15**
**Luis Yáñez-Barnuevo García**

**Mozzjoni għal riżoluzzjoni**
**Premessa C**

| *Mozzjoni għal riżoluzzjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| C. billi l-Unjoni Ewropea trid tirreaġixxi b'vuċi waħda u taġixxi fi spirtu ta' solidarjetà bejn l-Istati Membri tagħha, | C. billi l-Unjoni Ewropea trid tirreaġixxi b'vuċi waħda u taġixxi fi spirtu ta' solidarjetà bejn l-Istati Membri tagħha, ***isostni wkoll, li l-UE hija lesta u għandha terfa' r-responsabbiltà tagħha rigward l-isfidi globali, u għandha tuża l-mezzi u l-istrumenti kollha għad-dispożizzjoni tagħna, fis-servizz tal-paċi u s-sigurtà taċ-ċittadini.*** |

Or. es

**Emenda 16**
**Ramon Tremosa i Balcells, Raül Romeva i Rueda, Ana Miranda**

**Mozzjoni għal riżoluzzjoni**
**Premessa Ca (ġdida)**

| *Mozzjoni għal riżoluzzjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| | ***Ca. billi l-applikazzjoni tal-Artikolu 24 għandha timxi id f'id mar-rispett għall-Artikoli 2 u 3 tat-TUE sabiex jiġu rrispettati bis-sħiħ il-valuri tal-Unjoni u jiġi żgurat li l-forzi armati ma jintużawx, jew ikun hemm theddida li jintużaw, fi Stati Membri tal-UE għall-ġlieda kontra movimenti politiċi paċifiċi u demokratiċi.*** |

Or. en

**Emenda 17**
**Ioan Mircea Paşcu**

**Mozzjoni għal riżoluzzjoni**
**Premessa E**

| *Mozzjoni għal riżoluzzjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| E. billi jiġi affermat li l-PSDK ***tista' kontribwixxi*** għall-paċi u għall-istabilità fid-dinja permezz tal-missjonijiet u tal-operazzjonijiet tagħha li jidħlu fil-qafas tal-approċċ globali li l-Unjoni Ewropea timplimenta fil-konfront ta' pajjiż jew ta' reġjun, u dan permezz ukoll tal-kooperazzjoni multilaterali *fi ħdan l-organizzazzjonijiet* internazzjonali – partikolarment in-Nazzjonijiet Uniti – u reġjonali, fir-rispett tal-Karta tan-Nazzjonijiet Uniti, | E. billi jiġi affermat li l-PSDK ***għandha tikkonsolida l-kontribut tagħha*** għall-paċi u għall-istabilità fid-dinja permezz tal-missjonijiet u tal-operazzjonijiet tagħha li jidħlu fil-qafas tal-approċċ globali li l-Unjoni Ewropea timplimenta fil-konfront ta' pajjiż jew ta' reġjun, u dan permezz ukoll tal-kooperazzjoni multilaterali *fl-organizzazzjonijiet* internazzjonali – partikolarment in-Nazzjonijiet Uniti – u reġjonali, fir-rispett tal-Karta tan-Nazzjonijiet Uniti, |

Or. en

**Emenda 18**
**Norica Nicolai**

**Mozzjoni għal riżoluzzjoni**
**Premessa E**

| *Mozzjoni għal riżoluzzjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| E. billi jiġi affermat li l-PSDK ***tista'*** *kontribwixxi* għall-paċi u għall-istabilità fid-dinja permezz tal-missjonijiet u tal-operazzjonijiet tagħha li jidħlu fil-qafas tal-approċċ globali li l-Unjoni Ewropea timplimenta fil-konfront ta' pajjiż jew ta' reġjun, u dan permezz ukoll tal-kooperazzjoni multilaterali *fi ħdan l-organizzazzjonijiet* internazzjonali – partikolarment in-Nazzjonijiet Uniti – u reġjonali, fir-rispett tal-Karta tan-Nazzjonijiet Uniti, | E. billi jiġi affermat li l-PSDK ***għandha l-ħila bil-provi li*** *tikkontribwixxi* għall-paċi u għall-istabilità fid-dinja permezz tal-missjonijiet u tal-operazzjonijiet tagħha li jidħlu fil-qafas tal-approċċ globali li l-Unjoni Ewropea timplimenta fil-konfront ta' pajjiż jew ta' reġjun, u dan permezz ukoll tal-kooperazzjoni multilaterali *fl-organizzazzjonijiet* internazzjonali – partikolarment in-Nazzjonijiet Uniti – u reġjonali, fir-rispett tal-Karta tan-Nazzjonijiet Uniti, |

Or. en

**Emenda 19**
**Ana Gomes**

**Mozzjoni għal riżoluzzjoni**
**Premessa E**

| *Mozzjoni għal riżoluzzjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| E. billi jiġi affermat li l-PSDK tista' *kontribwixxi* għall-paċi u ***għall-istabilità*** fid-dinja permezz tal-missjonijiet u tal-operazzjonijiet tagħha li jidħlu fil-qafas tal-approċċ globali li l-Unjoni Ewropea timplimenta fil-konfront ta' pajjiż jew ta' reġjun, u dan permezz ukoll tal-kooperazzjoni multilaterali *fi ħdan l-organizzazzjonijiet* internazzjonali – partikolarment in-Nazzjonijiet Uniti – u reġjonali, fir-rispett tal-Karta tan-Nazzjonijiet Uniti, | E. billi jiġi affermat li l-PSDK tista' *tikkontribwixxi* għall-paċi***, għall-istabilità*** u ***għas-sigurtà tal-bniedem*** fid-dinja permezz tal-missjonijiet u tal-operazzjonijiet tagħha li jidħlu fil-qafas tal-approċċ globali li l-Unjoni Ewropea timplimenta fil-konfront ta' pajjiż jew ta' reġjun, u dan permezz ukoll tal-kooperazzjoni multilaterali *fl-organizzazzjonijiet* internazzjonali – partikolarment in-Nazzjonijiet Uniti – u reġjonali, fir-rispett tal-Karta tan-Nazzjonijiet Uniti, |

Or. en

**Emenda 20**
**Maria Eleni Koppa**

**Mozzjoni għal riżoluzzjoni**
**Premessa E**

| *Mozzjoni għal riżoluzzjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| E. billi jiġi affermat li l-PSDK tista' *kontribwixxi* għall-paċi u għall-istabilità fid-dinja permezz tal-missjonijiet u tal-operazzjonijiet tagħha li jidħlu fil-qafas tal-approċċ globali li l-Unjoni Ewropea timplimenta fil-konfront ta' pajjiż jew ta' reġjun, u dan permezz ukoll tal-kooperazzjoni multilaterali *fi ħdan l-organizzazzjonijiet* internazzjonali – partikolarment in-Nazzjonijiet Uniti – u reġjonali, fir-rispett tal-Karta tan-Nazzjonijiet Uniti, | E. billi jiġi affermat li l-PSDK tista' *tikkontribwixxi* għall-paċi u għall-istabilità fid-dinja permezz tal-missjonijiet u tal-operazzjonijiet tagħha li jidħlu fil-qafas tal-approċċ globali li l-Unjoni Ewropea timplimenta fil-konfront ta' pajjiż jew ta' reġjun, u dan permezz ukoll tal-kooperazzjoni multilaterali *fl-organizzazzjonijiet* internazzjonali – partikolarment in-Nazzjonijiet Uniti – u reġjonali, fir-rispett tal-Karta tan-Nazzjonijiet Uniti ***u tkun rikonoxxuta bis-sħiħ ir-responsabbiltà primarja tal-Kunsill tas-Sigurtà tan-Nazzjonijiet Uniti*** |

| | |
|---|---|
| | ***fi kwistjonijiet ta' paċi u sigurtà internazzjonali**,* |

Or. en

**Emenda 21**
**Luis Yáñez-Barnuevo García**

**Mozzjoni għal riżoluzzjoni**
**Premessa Ea (ġdida)**

| *Mozzjoni għal riżoluzzjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| | ***Ea. billi d-Diżarm u n-NonProliferazzjoni, huma parti integrali tal-PSDK u għandhom jiġu msaħħa fid-djalogu politiku tagħna ma' pajjiżi terzi, kif ukoll obbligu tal-UE taħt il-Ftehimiet u l-Konvenzjonijiet Internazzjonali, iqis li dan l-impenn huwa perfettament kompatibbli ma' tisħiħ tal-kapaċitajiet ċivili u militari fil-qafas tal-PSDK.*** |

Or. es

**Emenda 22**
**Luis Yáñez-Barnuevo García**

**Mozzjoni għal riżoluzzjoni**
**Premessa F**

| *Mozzjoni għal riżoluzzjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| F. billi jfakkar li t-Trattat ta' Lisbona introduċa innovazzjonijiet għal ***dak li għandu x'jaqsam mal-PSDK*** iżda dawn għadhom ma ntużawx***,*** | F. billi jfakkar li t-Trattat ta' Lisbona introduċa innovazzjonijiet ***importanti li wasslu*** għal ***tisħiħ tal-PSDK*** iżda dawn għadhom ma ntużawx***;*** |

Or. es

**Emenda 23**
**Tarja Cronberg**

f'isem il-Grupp Verts/ALE

**Mozzjoni għal riżoluzzjoni**
**Paragrafu 1**

| *Mozzjoni għal riżoluzzjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| 1. Jenfasizza li l-Unjoni Ewropea hija adatta biex tkun attur politiku globali fix-xena internazzjonali, bl-iskop li tippromwovi l-paċi u s-sigurtà internazzjonali, ***tħares l-interessi*** tagħha ***fid-dinja*** u tiggarantixxi s-sigurtà taċ-ċittadini tagħha; iqis li l-Unjoni Ewropea trid tkun kapaċi tassumi r-responsabilitajiet tagħha quddiem it-theddid, il-kriżijiet u l-kunflitti internazzjonali, partikolarment fil-viċinat tagħha; | 1. Jenfasizza li l-Unjoni Ewropea hija adatta biex tkun attur politiku globali fix-xena internazzjonali, bl-iskop li tippromwovi l-paċi u s-sigurtà internazzjonali, ***iżda wkoll il-prinċipji*** tagħha ***bħad-demokrazija, l-istat tad-dritt, l-universalità*** u ***l-indiviżibbiltà tad-drittijiet tal-bniedem u l-libertajiet fundamentali kif stipulat fl-Artikolu 21 TUE u*** tiggarantixxi s-sigurtà taċ-ċittadini tagħha; iqis li l-Unjoni Ewropea trid tkun kapaċi tassumi r-responsabilitajiet tagħha quddiem it-theddid, il-kriżijiet u l-kunflitti internazzjonali, partikolarment fil-viċinat tagħha; |

Or. en

**Emenda 24**
**Ana Gomes**

**Mozzjoni għal riżoluzzjoni**
**Paragrafu 1**

| *Mozzjoni għal riżoluzzjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| 1. Jenfasizza li l-Unjoni Ewropea hija adatta biex tkun attur politiku globali fix-xena internazzjonali, bl-iskop li tippromwovi l-paċi u s-sigurtà internazzjonali, tħares l-interessi tagħha fid-dinja u tiggarantixxi s-sigurtà taċ-ċittadini tagħha; iqis li l-Unjoni Ewropea ***trid*** tkun kapaċi tassumi r-responsabilitajiet tagħha quddiem it-theddid, il-kriżijiet u l-kunflitti internazzjonali, partikolarment fil-viċinat tagħha; | 1. Jenfasizza li l-Unjoni Ewropea hija adatta biex tkun attur politiku globali fix-xena internazzjonali, bl-iskop li tippromwovi l-paċi u s-sigurtà internazzjonali ***tal-bniedem***, tħares l-interessi tagħha fid-dinja u tiggarantixxi s-sigurtà taċ-ċittadini tagħha; iqis li l-Unjoni Ewropea ***għandha*** tkun kapaċi tassumi r-responsabilitajiet tagħha quddiem it-theddid, il-kriżijiet u l-kunflitti internazzjonali, partikolarment fil-viċinat tagħha; |

Or. en

**Emenda 25**
**Tunne Kelam**

**Mozzjoni għal riżoluzzjoni**
**Paragrafu 1**

| *Mozzjoni għal riżoluzzjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| 1. Jenfasizza li l-Unjoni Ewropea hija adatta biex tkun attur politiku globali fix-xena internazzjonali, bl-iskop li tippromwovi l-paċi u s-sigurtà internazzjonali, tħares l-interessi tagħha fid-dinja u tiggarantixxi s-sigurtà taċ-ċittadini tagħha; iqis li l-Unjoni Ewropea trid tkun kapaċi tassumi r-responsabilitajiet tagħha quddiem it-theddid, il-kriżijiet u l-kunflitti internazzjonali, partikolarment fil-viċinat tagħha; | 1. Jenfasizza li l-Unjoni Ewropea hija adatta biex tkun attur politiku globali fix-xena internazzjonali, bl-iskop li tippromwovi l-paċi u s-sigurtà internazzjonali, tħares l-interessi tagħha fid-dinja u tiggarantixxi s-sigurtà taċ-ċittadini tagħha; iqis li l-Unjoni Ewropea trid tkun kapaċi tassumi r-responsabilitajiet tagħha quddiem it-theddid, il-kriżijiet u l-kunflitti internazzjonali, partikolarment fil-viċinat tagħha***, jissottolinja f'dan ir-rigward il-ħtieġa li l-UE tkun konsistenti fil-politiki tagħha u aktar mgħaġġla u aktar effiċjenti fit-teħid tar-responsabbiltajiet imsemmija***; |

Or. en

**Emenda 26**
**Tarja Cronberg**
f'isem il-Grupp Verts/ALE

**Mozzjoni għal riżoluzzjoni**
**Paragrafu 2**

| *Mozzjoni għal riżoluzzjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| 2. Jenfasizza f'*dawn* ir-rigward fuq il-bżonn li l-Unjoni tafferma ***l-awtonomija strateġika tagħha permezz ta'*** politika estera, ta' sigurtà u ta' difiża ***b'saħħitha*** u effikaċi, li tippermettilha, jekk ikun meħtieġ, taġixxi waħedha; jisħaq fuq il-fatt | 2. Jenfasizza f'*dan* ir-rigward fuq il-bżonn li l-Unjoni tafferma politika estera, ta' sigurtà u ta' difiża ***kredibbli*** u effikaċi, li tippermettilha, jekk ikun meħtieġ, taġixxi waħedha; jisħaq fuq il-fatt li ***l-PSDK bħala għodda utli ta' politika estera*** tibqa' |

| | |
|---|---|
| li ***din l-awtonomija strateġika*** tibqa' illużorja mingħajr kapaċitajiet militari ***kredibbli***; ifakkar li ***din l-awtonomija strateġika*** tinbena fir-rispett tal-alleanzi eżistenti u taż-żamma ta' rabta transatlantika qawwija, kif enfasizzat fl-Artikolu 42 tat-Trattat dwar l-Unjoni Ewropea; | illużorja mingħajr kapaċitajiet militari ***effettivi***; ifakkar li ***l-PSDK*** tinbena fir-rispett tal-alleanzi eżistenti u taż-żamma ta' rabta transatlantika qawwija, kif enfasizzat fl-Artikolu 42 tat-Trattat dwar l-Unjoni Ewropea; |

Or. en

**Emenda 27**
**Michael Gahler**

**Mozzjoni għal riżoluzzjoni**
**Paragrafu 2**

| *Mozzjoni għal riżoluzzjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| 2. Jenfasizza f'*dawn* ir-rigward fuq il-bżonn li l-Unjoni tafferma l-awtonomija strateġika tagħha permezz ta' politika estera, ta' sigurtà u ta' difiża b'saħħitha u effikaċi, li tippermettilha, jekk ikun meħtieġ, taġixxi waħedha; jisħaq fuq il-fatt li din l-awtonomija strateġika tibqa' illużorja mingħajr kapaċitajiet militari kredibbli; ifakkar li din l-awtonomija strateġika tinbena fir-rispett tal-alleanzi eżistenti u taż-żamma ta' rabta transatlantika qawwija, kif enfasizzat fl-Artikolu 42 tat-Trattat dwar l-Unjoni Ewropea; | 2. Jenfasizza f'*dan* ir-rigward fuq il-bżonn li l-Unjoni tafferma l-awtonomija strateġika tagħha permezz ta' politika estera, ta' sigurtà u ta' difiża b'saħħitha u effikaċi, li tippermettilha, jekk ikun meħtieġ, taġixxi waħedha; jisħaq fuq il-fatt li din l-awtonomija strateġika tibqa' illużorja mingħajr kapaċitajiet ***ċivili u*** militari kredibbli; ifakkar li din l-awtonomija strateġika tinbena fir-rispett tal-alleanzi eżistenti u taż-żamma ta' rabta transatlantika qawwija, kif enfasizzat fl-Artikolu 42 tat-Trattat dwar l-Unjoni Ewropea; |

Or. en

**Emenda 28**
**Ana Gomes**

**Mozzjoni għal riżoluzzjoni**
**Paragrafu 2**

| *Mozzjoni għal riżoluzzjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| 2. Jenfasizza f'*dawn* ir-rigward fuq il-bżonn li l-Unjoni tafferma l-awtonomija strateġika tagħha permezz ta' politika estera, ta' sigurtà u ta' difiża b'saħħitha u effikaċi, li tippermettilha, jekk ikun meħtieġ, taġixxi waħedha; jisħaq fuq il-fatt li din l-awtonomija strateġika tibqa' illużorja mingħajr kapaċitajiet militari kredibbli; ifakkar li din l-awtonomija strateġika tinbena fir-rispett tal-alleanzi eżistenti u taż-żamma ta' rabta transatlantika qawwija, kif enfasizzat fl-Artikolu 42 tat-Trattat dwar l-Unjoni Ewropea; | 2. Jenfasizza f'*dan* ir-rigward fuq il-bżonn li l-Unjoni tafferma l-awtonomija strateġika tagħha permezz ta' politika estera, ta' sigurtà u ta' difiża b'saħħitha u effikaċi, li tippermettilha, jekk ikun meħtieġ, taġixxi waħedha; jisħaq fuq il-fatt li din l-awtonomija strateġika tibqa' illużorja mingħajr kapaċitajiet militari kredibbli; ifakkar li din l-awtonomija strateġika tinbena fir-rispett tal-alleanzi eżistenti***, notevolment fir-rigward tan-NATO,*** u taż-żamma ta' rabta transatlantika qawwija, kif enfasizzat fl-Artikolu 42 tat-Trattat dwar l-Unjoni Ewropea; |

Or. en

**Emenda 29**
**Luis Yáñez-Barnuevo García**

**Mozzjoni għal riżoluzzjoni**
**Paragrafu 2**

| *Mozzjoni għal riżoluzzjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| 2. Jenfasizza f'dawn ir-rigward fuq il-bżonn li l-Unjoni tafferma l-awtonomija strateġika tagħha permezz ta' politika estera, ta' sigurtà u ta' difiża b'saħħitha u effikaċi, li tippermettilha, jekk ikun meħtieġ, taġixxi waħedha; jisħaq fuq il-fatt li din l-awtonomija strateġika tibqa' illużorja mingħajr kapaċitajiet militari kredibbli; ifakkar li din l-awtonomija strateġika tinbena fir-rispett tal-alleanzi eżistenti u taż-żamma ta' rabta transatlantika qawwija, kif enfasizzat fl-Artikolu 42 tat-Trattat dwar l-Unjoni Ewropea; | 2. Jenfasizza f'dawn ir-rigward fuq il-bżonn li l-Unjoni tafferma l-awtonomija strateġika tagħha permezz ta' politika estera, ta' sigurtà u ta' difiża b'saħħitha u effikaċi, li tippermettilha, jekk ikun meħtieġ, taġixxi waħedha; jisħaq fuq il-fatt li din l-awtonomija strateġika tibqa' illużorja mingħajr kapaċitajiet militari kredibbli; ifakkar li din l-awtonomija strateġika tinbena fir-rispett tal-alleanzi eżistenti u taż-żamma ta' rabta transatlantika qawwija, kif enfasizzat fl-Artikolu 42 tat-Trattat dwar l-Unjoni Ewropea***, u naturalment ir-rispett u t-tisħiħ tal-multilateraliżmu effettiv, bħala prinċipju ta' gwida għall-intervent tal-UE fil-ġestjoni ta' kriżijiet internazzjonali***; |

Or. es

**Emenda 30**
**Tarja Cronberg, Reinhard Bütikofer**
f'isem il-Grupp Verts/ALE

**Mozzjoni għal riżoluzzjoni**
**Paragrafu 3**

| *Mozzjoni għal riżoluzzjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| 3. Jinsab imħasseb bil-prospettiva tad-deklin strateġiku li jhedded l-UE, ***mhux biss permezz tat-tendenza li jiċkienu l-baġits tad-difiża***, iżda wkoll minħabba l-marġinalizzazzjoni relattiva u progressiva tal-istrumenti tagħha ta' ġestjoni tal-kriżijiet, speċjalment dawk militari; iqis li l-Unjoni trid ikollha l-ambizzjoni li ma tiddelegax lil ħaddieħor is-sigurtà tagħha; | 3. Jinsab imħasseb bil-prospettiva tad-deklin strateġiku li jhedded l-UE ***minħabba n-nuqqas ta' inizjattivi konġunti fost l-Istati Membri sabiex ikun hemm tisħiħ***, ***akkomunament u kondiviżjoni tal-kapaċitajiet ċivili u militari rispettivi tagħhom***, iżda wkoll minħabba l-marġinalizzazzjoni relattiva u progressiva tal-istrumenti tagħha ta' ġestjoni tal-kriżijiet, speċjalment dawk militari; iqis li l-Unjoni trid ikollha l-ambizzjoni li ma tiddelegax lil ħaddieħor is-sigurtà tagħha; |

Or. en

**Emenda 31**
**Ioan Mircea Paşcu**

**Mozzjoni għal riżoluzzjoni**
**Paragrafu 3**

| *Mozzjoni għal riżoluzzjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| 3. Jinsab imħasseb bil-prospettiva tad-deklin strateġiku li jhedded l-UE, mhux biss permezz tat-tendenza li jiċkienu l-baġits tad-difiża, iżda wkoll minħabba l-marġinalizzazzjoni relattiva u progressiva tal-istrumenti tagħha ta' ġestjoni tal-kriżijiet, speċjalment dawk militari; iqis li l-Unjoni trid ikollha l-ambizzjoni li ma | 3. Jinsab imħasseb bil-prospettiva tad-deklin strateġiku li jhedded l-UE, mhux biss permezz tat-tendenza li jiċkienu l-baġits tad-difiża, ***fil-kuntest tal-kriżi finanzjarja u ekonomika globali u Ewropea,*** iżda wkoll minħabba l-marġinalizzazzjoni relattiva u progressiva tal-istrumenti tagħha ta' ġestjoni tal-kriżijiet, speċjalment dawk militari; iqis li |

| | |
|---|---|
| ***tiddelegax*** lil ħaddieħor ***is-sigurtà tagħha***; | l-Unjoni trid ikollha l-ambizzjoni li ***ssaħħaħ is-sigurtà tagħha u li*** ma ***tiddelegahiex*** lil ħaddieħor ; |

Or. en

**Emenda 32**
**Norica Nicolai**

**Mozzjoni għal riżoluzzjoni**
**Paragrafu 3**

| *Mozzjoni għal riżoluzzjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| 3. Jinsab imħasseb bil-prospettiva tad-deklin strateġiku li jhedded l-UE, mhux biss permezz tat-tendenza li jiċkienu l-baġits tad-difiża, iżda wkoll minħabba l-marġinalizzazzjoni relattiva u progressiva tal-istrumenti tagħha ta' ġestjoni tal-kriżijiet, speċjalment dawk militari; iqis li l-Unjoni trid ikollha l-ambizzjoni li ma tiddelegax lil ħaddieħor is-sigurtà tagħha; | 3. Jinsab imħasseb bil-prospettiva tad-deklin strateġiku li jhedded l-UE, mhux biss permezz tat-tendenza li jiċkienu l-baġits tad-difiża, iżda wkoll minħabba l-marġinalizzazzjoni relattiva u progressiva tal-istrumenti tagħha ta' ġestjoni tal-kriżijiet, speċjalment dawk militari***, kif ukoll l-użu rari effettiv u f'waqtu tagħhom f'operazzjonijiet konġunti***; iqis li l-Unjoni trid ikollha l-ambizzjoni li ma tiddelegax lil ħaddieħor is-sigurtà tagħha; |

Or. en

**Emenda 33**
**Ana Gomes**

**Mozzjoni għal riżoluzzjoni**
**Paragrafu 3**

| *Mozzjoni għal riżoluzzjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| 3. Jinsab imħasseb bil-prospettiva tad-deklin strateġiku li jhedded l-UE, mhux biss permezz tat-tendenza li jiċkienu l-baġits tad-difiża, iżda wkoll minħabba l-marġinalizzazzjoni relattiva u progressiva tal-istrumenti tagħha ta' ġestjoni tal-kriżijiet, speċjalment dawk militari; iqis li | 3. Jinsab imħasseb bil-prospettiva tad-deklin strateġiku li jhedded l-UE, mhux biss permezz tat-tendenza li jiċkienu l-baġits tad-difiża, iżda wkoll minħabba l-marġinalizzazzjoni relattiva u progressiva tal-istrumenti tagħha ta' ġestjoni tal-kriżijiet, speċjalment dawk militari; iqis li |

l-Unjoni trid ikollha l-ambizzjoni li ma tiddelegax lil ħaddieħor is-sigurtà tagħha;

l-Unjoni trid ikollha l-ambizzjoni li ma tiddelegax lil ħaddieħor is-sigurtà tagħha ***u dik tal-viċinat tagħha***;

Or. en

**Emenda 34**
**Michael Gahler**

**Mozzjoni għal riżoluzzjoni**
**Paragrafu 3**

*Mozzjoni għal riżoluzzjoni*

3. Jinsab imħasseb bil-prospettiva tad-deklin strateġiku li jhedded l-UE, mhux biss permezz tat-tendenza li jiċkienu l-baġits tad-difiża, iżda wkoll minħabba l-marġinalizzazzjoni relattiva u progressiva tal-istrumenti tagħha ta' ġestjoni tal-kriżijiet, speċjalment dawk militari; iqis li l-Unjoni ***trid ikollha l-ambizzjoni li ma tiddelegax lil ħaddieħor is-sigurtà*** tagħha;

*Emenda*

3. Jinsab imħasseb bil-prospettiva tad-deklin strateġiku li jhedded l-UE, mhux biss permezz tat-tendenza li jiċkienu l-baġits tad-difiża, iżda wkoll minħabba l-marġinalizzazzjoni relattiva u progressiva tal-istrumenti ***u l-kapaċitajiet*** tagħha ta' ġestjoni tal-kriżijiet ***u tal-kunflitti***, speċjalment dawk militari; iqis li l-Unjoni ***għandha rwol importanti bħala fornitur tas-sigurtà għall-Istati Membri u ċ-ċittadini*** tagħha;

Or. en

**Emenda 35**
**Maria Eleni Koppa**

**Mozzjoni għal riżoluzzjoni**
**Paragrafu 3**

*Mozzjoni għal riżoluzzjoni*

3. Jinsab imħasseb bil-prospettiva tad-deklin strateġiku li jhedded l-UE, mhux biss permezz tat-tendenza li jiċkienu l-baġits tad-difiża, iżda wkoll minħabba l-marġinalizzazzjoni relattiva u progressiva tal-istrumenti tagħha ta' ġestjoni tal-kriżijiet, speċjalment dawk militari; iqis li

*Emenda*

3. Jinsab imħasseb bil-prospettiva tad-deklin strateġiku li jhedded l-UE, mhux biss permezz tat-tendenza li jiċkienu l-baġits tad-difiża, iżda wkoll minħabba l-marġinalizzazzjoni relattiva u progressiva tal-istrumenti tagħha ta' ġestjoni tal-kriżijiet, speċjalment dawk militari; iqis li

| | |
|---|---|
| l-Unjoni trid ikollha l-ambizzjoni li ma tiddelegax lil ħaddieħor is-sigurtà tagħha; | l-Unjoni trid ikollha l-ambizzjoni li ma tiddelegax lil ħaddieħor is-sigurtà tagħha ***u tkun kapaċi tikkontribwixxi b'mod siewi lejn iż-żamma tal-paċi permezz ta' operazzjonijiet internazzjonali ta' ġestjoni ta' kriżi madwar id-dinja***; |

Or. en

**Emenda 36**
**Andrew Duff**

**Mozzjoni għal riżoluzzjoni**
**Paragrafu 4**

| *Mozzjoni għal riżoluzzjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| 4. Jikkonstata li l-Istrateġija Ewropea ta' Sigurtà, imfassla fl-2003 u kompletata fl-2008, minkejja l-validità, sal-lum, tal-analiżijiet u tal-affermazzjonijiet tagħha, ***qiegħda tibda tkun antikwata billi l-viżjoni strateġika li seta' kellna fl-2003*** ma għadhiex biżżejjed ***biex nifhmu d-dinja*** tal-lum; jistieden għalhekk ***lir-Rappreżentant*** Għoli/Viċi President ***tal-Kummissjoni u lill-Kunsill jippreżentaw malajr*** White Paper dwar is-sigurtà u d-difiża tal-UE***, li jiddefinixxi b'mod preċiż*** l-interessi strateġiċi tal-UE, ***iqis l-evoluzzjoni tat-theddid u tal-iżvilupp tar-relazzjonijiet mal-alleati tagħna u ma' sħabna iżda wkoll mal-pajjiżi emerġenti***; jisħaq fuq l-importanza ta***' dan il-qafas*** strateġiku ***biex imexxi l-azzjoni esterna tal-Unjoni Ewropea, biex jidderieġi l-politiki esteri tal-Istati Membri lejn għanijiet komuni kif ukoll biex jorjenta*** l-ippjanar strateġiku f'terminu medju u twil tal-kapaċitajiet ċivili u militari li għandhom jiġu żviluppati u miksuba fil-qafas tal-PSDK; | 4. Jikkonstata li l-Istrateġija Ewropea ta' Sigurtà, imfassla fl-2003 u kompletata fl-2008, minkejja l-validità, sal-lum, tal-analiżijiet u tal-affermazzjonijiet tagħha, ma għadhiex biżżejjed ***għad-dinja*** tal-lum; jistieden għalhekk ***lill-Kunsill Ewropew biex jikkummissjona mir-Rappreżentant*** Għoli/Viċi President White Paper dwar is-sigurtà u d-difiża tal-UE ***li teżamina*** l-interessi strateġiċi tal-UE ***fid-dawl tal-kapaċitajiet ta' sigurtà tal-Istati tal-UE***, ***il-kapaċità tal-istituzzjonijiet tal-UE li jaġixxu b'mod effettiv fil-politika tas-sigurtà, is-sħubija tal-UE man-NATO u, b'mod partikolari, ir-relazzjonijiet tal-UE mal-ġirien tagħha***; jisħaq fuq l-importanza ***li titwettaq, bl-assistenza tal-Aġenzija Ewropea għad-Difiża u l-kooperazzjoni tan-NATO, reviżjoni teknika tal-punti qawwijin u dgħajfin militari tal-Istati tal-UE qabel ma jibdew reviżjoni oħra tal-Istrateġija Ewropea*** ta***' Sigurtà; jemmen li l-White Paper se tifforma l-bażi tal-approċċ*** strateġiku ***futur tal-Ewropa u se tipprovdi gwida dwar*** l-ippjanar strateġiku f'terminu medju u twil tal-kapaċitajiet ċivili u militari li għandhom jiġu żviluppati u miksuba fil-qafas tal-PSDK; ***iħeġġeġ li l-White Paper tiġi ppubblikata matul l-*** |

***2013;***

Or. en

**Emenda 37**
**Michael Gahler**

**Mozzjoni għal riżoluzzjoni**
**Paragrafu 4**

| *Mozzjoni għal riżoluzzjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| 4. Jikkonstata li l-Istrateġija Ewropea ta' Sigurtà, imfassla fl-2003 u kompletata fl-2008, minkejja l-validità, sal-lum, tal-analiżijiet u tal-affermazzjonijiet tagħha, qiegħda tibda ***tkun antikwata*** billi l-viżjoni strateġika li seta' kellna fl-2003 ma għadhiex biżżejjed biex nifhmu d-dinja tal-lum; jistieden ***għalhekk*** lir-Rappreżentant Għoli/Viċi President tal-Kummissjoni u lill-Kunsill jippreżentaw malajr White Paper dwar is-sigurtà u d-difiża tal-UE, li jiddefinixxi b'mod preċiż l-interessi strateġiċi tal-UE, iqis l-evoluzzjoni tat-theddid u tal-iżvilupp tar-relazzjonijiet mal-alleati tagħna u ma' sħabna iżda wkoll mal-pajjiżi emerġenti; jisħaq fuq l-importanza ta' dan il-qafas strateġiku biex imexxi l-azzjoni esterna tal-Unjoni Ewropea, biex jidderieġi l-politiki esteri tal-Istati Membri lejn għanijiet komuni kif ukoll biex jorjenta l-ippjanar strateġiku f'terminu medju u twil tal-kapaċitajiet ċivili u militari li għandhom jiġu żviluppati u miksuba fil-qafas tal-PSDK; | 4. Jikkonstata li l-Istrateġija Ewropea ta' Sigurtà, imfassla fl-2003 u kompletata fl-2008, minkejja l-validità, sal-lum, tal-analiżijiet u tal-affermazzjonijiet tagħha, qiegħda tibda ***tiġi megħluba minn avvenimenti*** billi l-viżjoni strateġika li seta' kellna fl-2003 ma għadhiex biżżejjed biex nifhmu d-dinja tal-lum; ***jerġa'*** jistieden lir-Rappreżentant Għoli/Viċi President tal-Kummissjoni u lill-Kunsill jippreżentaw malajr White Paper dwar is-sigurtà u d-difiża tal-UE, li jiddefinixxi b'mod preċiż l-interessi strateġiċi tal-UE, iqis l-evoluzzjoni tat-theddid u tal-iżvilupp tar-relazzjonijiet mal-alleati tagħna u ma' sħabna iżda wkoll mal-pajjiżi emerġenti; jisħaq fuq l-importanza ta' dan il-qafas strateġiku biex imexxi l-azzjoni esterna tal-Unjoni Ewropea, biex jidderieġi l-politiki esteri tal-Istati Membri lejn għanijiet komuni***, jikkunsidra l-kapaċitajiet eżistenti ċivili u militari*** kif ukoll biex jorjenta l-ippjanar strateġiku ***Ewropew*** f'terminu medju u twil tal-kapaċitajiet ċivili u militari li għandhom jiġu żviluppati u miksuba fil-qafas tal-PSDK; |

Or. en

**Emenda 38**
**Ana Gomes**

**Mozzjoni għal riżoluzzjoni**
**Paragrafu 4**

| *Mozzjoni għal riżoluzzjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| 4. Jikkonstata li l-Istrateġija Ewropea ta' Sigurtà, imfassla fl-2003 u kompletata fl-2008, minkejja l-validità, sal-lum, tal-analiżijiet u tal-affermazzjonijiet tagħha, qiegħda tibda tkun antikwata billi l-viżjoni strateġika li seta' kellna fl-2003 ma għadhiex biżżejjed biex nifhmu d-dinja tal-lum; jistieden għalhekk lir-Rappreżentant Għoli/Viċi President tal-Kummissjoni u lill-Kunsill jippreżentaw malajr White Paper dwar is-sigurtà u d-difiża tal-UE, li jiddefinixxi b'mod preċiż l-interessi strateġiċi tal-UE, iqis l-evoluzzjoni tat-theddid u tal-iżvilupp tar-relazzjonijiet mal-alleati tagħna u ma' sħabna iżda wkoll mal-pajjiżi emerġenti; jisħaq fuq l-importanza ta' dan il-qafas strateġiku biex imexxi l-azzjoni esterna tal-Unjoni Ewropea, biex jidderieġi l-politiki esteri tal-Istati Membri lejn għanijiet komuni kif ukoll biex jorjenta l-ippjanar strateġiku f'terminu medju u twil tal-kapaċitajiet ċivili u militari li għandhom jiġu żviluppati u miksuba fil-qafas tal-PSDK; | 4. Jikkonstata li l-Istrateġija Ewropea ta' Sigurtà, imfassla fl-2003 u kompletata fl-2008, minkejja l-validità, sal-lum, tal-analiżijiet u tal-affermazzjonijiet tagħha, qiegħda tibda tkun antikwata billi l-viżjoni strateġika li seta' kellna fl-2003 ma għadhiex biżżejjed biex nifhmu d-dinja tal-lum; jistieden għalhekk lir-Rappreżentant Għoli/Viċi President tal-Kummissjoni u lill-Kunsill jippreżentaw malajr White Paper dwar is-sigurtà u d-difiża tal-UE, li jiddefinixxi b'mod preċiż l-interessi strateġiċi tal-UE, iqis l-evoluzzjoni tat-theddid u tal-iżvilupp tar-relazzjonijiet mal-alleati tagħna u ma' sħabna iżda wkoll mal-pajjiżi emerġenti; jisħaq fuq l-importanza ta' dan il-qafas strateġiku biex imexxi l-azzjoni esterna tal-Unjoni Ewropea, biex jidderieġi l-politiki esteri tal-Istati Membri lejn għanijiet komuni kif ukoll biex jorjenta l-ippjanar strateġiku f'terminu medju u twil tal-kapaċitajiet ċivili u militari li għandhom jiġu żviluppati u miksuba fil-qafas tal-PSDK; ***jistieden lill-Rappreżentant Għoli / Viċi-President biex jibni fuq l-eżitu ta' White Paper futura biex iniedi r-reviżjoni tal-Istrateġija Ewropea ta' Sigurtà tal-2008;*** |

Or. en

**Emenda 39**
**Luis Yáñez-Barnuevo García**

**Mozzjoni għal riżoluzzjoni**
**Paragrafu 4**

| *Mozzjoni għal riżoluzzjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| 4. Jikkonstata li l-Istrateġija Ewropea ta' | 4. Jikkonstata li l-Istrateġija Ewropea ta' |

| | |
|---|---|
| Sigurtà, imfassla fl-2003 u kompletata fl-2008, minkejja l-validità, sal-lum, tal-analiżijiet u tal-affermazzjonijiet tagħha, qiegħda tibda tkun antikwata billi l-viżjoni strateġika li seta' kellna fl-2003 ma għadhiex biżżejjed biex nifhmu d-dinja tal-lum; jistieden għalhekk lir-Rappreżentant Għoli/Viċi President tal-Kummissjoni u lill-Kunsill jippreżentaw malajr White Paper dwar is-sigurtà u d-difiża tal-UE, li jiddefinixxi b'mod preċiż l-interessi strateġiċi tal-UE, ***iqis*** l-evoluzzjoni tat-theddid u tal-iżvilupp tar-relazzjonijiet mal-alleati tagħna u ma' sħabna iżda wkoll mal-pajjiżi emerġenti; jisħaq fuq l-importanza ta' dan il-qafas strateġiku biex imexxi l-azzjoni esterna tal-Unjoni Ewropea, biex jidderieġi l-politiki esteri tal-Istati Membri lejn għanijiet komuni kif ukoll biex jorjenta l-ippjanar strateġiku f'terminu medju u twil tal-kapaċitajiet ċivili u militari li għandhom jiġu żviluppati u miksuba fil-qafas tal-PSDK; | Sigurtà, imfassla fl-2003 u kompletata fl-2008, minkejja l-validità, sal-lum, tal-analiżijiet u tal-affermazzjonijiet tagħha, qiegħda tibda tkun antikwata billi l-viżjoni strateġika li seta' kellna fl-2003 ma għadhiex biżżejjed biex nifhmu d-dinja tal-lum; jistieden għalhekk lir-Rappreżentant Għoli/Viċi President tal-Kummissjoni u lill-Kunsill jippreżentaw malajr White Paper dwar is-sigurtà u d-difiża tal-UE, li jiddefinixxi b'mod preċiż l-interessi strateġiċi tal-UE, ***il-mezzi disponibbli u jqis*** l-evoluzzjoni tat-theddid u tal-iżvilupp tar-relazzjonijiet mal-alleati tagħna u ma' sħabna iżda wkoll mal-pajjiżi emerġenti***, u abbażi ta' dik l-analiżi jifformula prijoritajiet ċari għall-politika ta' sigurtà***; jisħaq fuq l-importanza ta' dan il-qafas strateġiku biex imexxi l-azzjoni esterna tal-Unjoni Ewropea, biex jidderieġi l-politiki esteri tal-Istati Membri lejn għanijiet komuni kif ukoll biex jorjenta l-ippjanar strateġiku f'terminu medju u twil tal-kapaċitajiet ċivili u militari li għandhom jiġu żviluppati u miksuba fil-qafas tal-PSDK; |

Or. en

**Emenda 40**
**Tunne Kelam**

**Mozzjoni għal riżoluzzjoni**
**Paragrafu 4**

| *Mozzjoni għal riżoluzzjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| 4. Jikkonstata li l-Istrateġija Ewropea ta' Sigurtà, imfassla fl-2003 u kompletata fl-2008, minkejja l-validità, sal-lum, tal-analiżijiet u tal-affermazzjonijiet tagħha, ***qiegħda tibda tkun*** antikwata billi l-viżjoni strateġika li seta' kellna fl-2003 ma għadhiex biżżejjed biex nifhmu d-dinja tal-lum; jistieden għalhekk lir-Rappreżentant Għoli/Viċi President tal-Kummissjoni u | 4. Jikkonstata li l-Istrateġija Ewropea ta' Sigurtà, imfassla fl-2003 u kompletata fl-2008, minkejja l-validità, sal-lum, tal-analiżijiet u tal-affermazzjonijiet tagħha, ***hija*** antikwata billi l-viżjoni strateġika li seta' kellna fl-2003 ma għadhiex biżżejjed biex nifhmu d-dinja tal-lum; jistieden għalhekk lir-Rappreżentant Għoli/Viċi President tal-Kummissjoni u lill-Kunsill |

lill-Kunsill jippreżentaw malajr White Paper dwar is-sigurtà u d-difiża tal-UE, li jiddefinixxi b'mod preċiż l-interessi strateġiċi tal-UE, iqis l-evoluzzjoni tat-theddid u tal-iżvilupp tar-relazzjonijiet mal-alleati tagħna u ma' sħabna iżda wkoll mal-pajjiżi emerġenti; jisħaq fuq l-importanza ta' dan il-qafas strateġiku biex imexxi l-azzjoni esterna tal-Unjoni Ewropea, biex jidderieġi l-politiki esteri tal-Istati Membri lejn għanijiet komuni kif ukoll biex jorjenta l-ippjanar strateġiku f'terminu medju u twil tal-kapaċitajiet ċivili u militari li għandhom jiġu żviluppati u miksuba fil-qafas tal-PSDK;

jippreżentaw malajr White Paper dwar is-sigurtà u d-difiża tal-UE, li jiddefinixxi b'mod preċiż l-interessi strateġiċi tal-UE, iqis l-evoluzzjoni tat-theddid u tal-iżvilupp tar-relazzjonijiet mal-alleati tagħna u ma' sħabna iżda wkoll mal-pajjiżi emerġenti; jisħaq fuq l-importanza ta' dan il-qafas strateġiku biex imexxi l-azzjoni esterna tal-Unjoni Ewropea, biex jidderieġi l-politiki esteri tal-Istati Membri lejn għanijiet komuni kif ukoll biex jorjenta l-ippjanar strateġiku f'terminu medju u twil tal-kapaċitajiet ċivili u militari li għandhom jiġu żviluppati u miksuba fil-qafas tal-PSDK;

Or. en

**Emenda 41**
**Ioan Mircea Paşcu**

**Mozzjoni għal riżoluzzjoni**
**Paragrafu 4**

| *Mozzjoni għal riżoluzzjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| 4. Jikkonstata li l-Istrateġija Ewropea ta' Sigurtà, imfassla fl-2003 u ***kompletata*** fl-2008, minkejja l-validità, sal-lum, ***tal-analiżijiet u tal-affermazzjonijiet*** tagħha, qiegħda tibda tkun antikwata billi l-viżjoni strateġika li seta' kellna fl-2003 ma għadhiex biżżejjed biex nifhmu d-dinja tal-lum; jistieden għalhekk lir-Rappreżentant Għoli/Viċi President tal-Kummissjoni u lill-Kunsill jippreżentaw malajr White Paper dwar is-sigurtà u d-difiża tal-UE, li jiddefinixxi b'mod preċiż l-interessi strateġiċi tal-UE, iqis l-evoluzzjoni tat-theddid u tal-iżvilupp tar-relazzjonijiet mal-alleati tagħna u ma' sħabna iżda wkoll mal-pajjiżi emerġenti; jisħaq fuq l-importanza ta' dan il-qafas strateġiku biex imexxi l-azzjoni esterna tal-Unjoni Ewropea, biex jidderieġi l-politiki esteri tal-Istati Membri lejn għanijiet komuni kif | 4. Jikkonstata li l-Istrateġija Ewropea ta' Sigurtà, imfassla fl-2003 u ***riveduta*** fl-2008, minkejja l-validità, sal-lum, ***tal-parti l-kbira mill-analiżijiet u l-affermazzjonijiet*** tagħha, qiegħda tibda tkun antikwata billi l-viżjoni strateġika li seta' kellna fl-2003 ma għadhiex biżżejjed biex nifhmu d-dinja tal-lum; jistieden għalhekk lir-Rappreżentant Għoli/Viċi President tal-Kummissjoni u lill-Kunsill jippreżentaw malajr White Paper dwar is-sigurtà u d-difiża tal-UE, li jiddefinixxi b'mod preċiż l-interessi strateġiċi tal-UE, iqis l-evoluzzjoni tat-theddid u tal-iżvilupp tar-relazzjonijiet mal-alleati tagħna u ma' sħabna iżda wkoll mal-pajjiżi emerġenti***, ibbażata fuq Strateġija Ewropea ta' Sigurtà aġġornata***; jisħaq fuq l-importanza ta' dan il-qafas strateġiku biex imexxi l-azzjoni esterna tal-Unjoni Ewropea, biex |

ukoll biex jorjenta l-ippjanar strateġiku f'terminu medju u twil tal-kapaċitajiet ċivili u militari li għandhom jiġu żviluppati u miksuba fil-qafas tal-PSDK;

jidderieġi l-politiki esteri ***u tad-difiża*** tal-Istati Membri lejn għanijiet komuni kif ukoll biex jorjenta l-ippjanar strateġiku f'terminu medju u twil tal-kapaċitajiet ċivili u militari li għandhom jiġu żviluppati u miksuba fil-qafas tal-PSDK;

Or. en

**Emenda 42**
**Tarja Cronberg**
f'isem il-Grupp Verts/ALE

**Mozzjoni għal riżoluzzjoni**
**Paragrafu 4**

| *Mozzjoni għal riżoluzzjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| 4. Jikkonstata li l-Istrateġija Ewropea ta' Sigurtà, imfassla fl-2003 u kompletata fl-2008, minkejja l-validità, sal-lum, tal-analiżijiet u tal-affermazzjonijiet tagħha, qiegħda tibda tkun antikwata billi l-viżjoni strateġika li seta' kellna fl-2003 ma għadhiex biżżejjed biex nifhmu d-dinja tal-lum; jistieden għalhekk lir-Rappreżentant Għoli/Viċi President tal-Kummissjoni u lill-Kunsill jippreżentaw malajr White Paper dwar is-sigurtà u d-difiża tal-UE, li jiddefinixxi b'mod preċiż l-interessi strateġiċi tal-UE, iqis l-evoluzzjoni tat-theddid u tal-iżvilupp tar-relazzjonijiet mal-alleati tagħna u ma' sħabna iżda wkoll mal-pajjiżi emerġenti; jisħaq fuq l-importanza ta' dan il-qafas strateġiku biex imexxi l-azzjoni esterna tal-Unjoni Ewropea, biex jidderieġi l-politiki esteri tal-Istati Membri lejn għanijiet komuni kif ukoll biex jorjenta l-ippjanar strateġiku f'terminu medju u twil tal-kapaċitajiet ċivili u militari ***li għandhom jiġu żviluppati u miksuba fil-qafas*** tal-PSDK; | 4. Jikkonstata li l-Istrateġija Ewropea ta' Sigurtà, imfassla fl-2003 u kompletata fl-2008, minkejja l-validità, sal-lum, tal-analiżijiet u tal-affermazzjonijiet tagħha, qiegħda tibda tkun antikwata billi l-viżjoni strateġika li seta' kellna fl-2003 ma għadhiex biżżejjed biex nifhmu d-dinja tal-lum; jistieden għalhekk lir-Rappreżentant Għoli/Viċi President tal-Kummissjoni u lill-Kunsill jippreżentaw malajr White Paper dwar is-sigurtà u d-difiża tal-UE, li jiddefinixxi b'mod preċiż l-interessi strateġiċi tal-UE, iqis l-evoluzzjoni tat-theddid u tal-iżvilupp tar-relazzjonijiet mal-alleati tagħna u ma' sħabna iżda wkoll mal-pajjiżi emerġenti; jisħaq fuq l-importanza ta' dan il-qafas strateġiku biex imexxi l-azzjoni esterna tal-Unjoni Ewropea, biex jidderieġi l-politiki esteri tal-Istati Membri lejn għanijiet komuni kif ukoll biex jorjenta l-ippjanar strateġiku f'terminu medju u twil ***kemm*** tal-kapaċitajiet ċivili u ***kemm dawk*** militari***, billi jirrevedi l-kapaċitajiet nazzjonali eżistenti u ppjanati taħt perspettiva*** tal-PSDK; |

Or. en

**Emenda 43**
**Luis Yáñez-Barnuevo García**

**Mozzjoni għal riżoluzzjoni**
**Paragrafu 4a (ġdid)**

| *Mozzjoni għal riżoluzzjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| | ***4a. Isostni li r-reviżjoni tal-Istrateġija Ewropea ta' Sigurtà, għandha tkun ibbażata fuq il-kunċetti tal-Istrateġija attwali li għadhom fis-seħħ u li diġà ntlaħaq ftehim fuqhom fl-UE u fl-Istati Membri tagħha; jitlob li l-aġġornamnet isir b'kunsiderazzjoni tal-isfidi u d-dimensjonijiet il-ġodda tas-sigurtà, u fost affarijiet oħra jitlob l-inklużjoni tal-kunċett tas-sigurtà tal-bniedem.*** |

Or. es

**Emenda 44**
**Luis Yáñez-Barnuevo García**

**Mozzjoni għal riżoluzzjoni**
**Paragrafu 4b (ġdid)**

| *Mozzjoni għal riżoluzzjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| | ***4b. Ifakkar li l-UE ddefendiet u wriet l-impenn tagħha għall-prinċipju ta' "Responsabbiltà ta' Protezzjoni", maħluq fi ħdan in-Nazzjonijiet Uniti, u li jiġġustifika l-intervent estern, meta f'pajjiż jew f'reġjun ikunu qegħdin iseħħu każijiet ta' ġenoċidju, delitti tal-gwerra, jew l-attakki mill-aktar brutali kontra d-drittijiet tal-bniedem. Jitlob li dan l-element jiġi inkluż ukoll fil-Qafas Strateġiku l-ġdid.*** |

Or. es

**Emenda 45**
**Michael Gahler**

**Mozzjoni għal riżoluzzjoni**
**Paragrafu 5**

| *Mozzjoni għal riżoluzzjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| 5. Jilqa' pożittivament ir-rapport tar-Rappreżentant Għoli/Viċi President tal-Kummissjoni dwar l-aspetti prinċipali u l-għażliet fundamentali tal-PESK, li parti *minnha* hija ddedikata għall-kwistjonijiet tas-sigurtà u tad-difiża; jinsisti madankollu fuq il-bżonn li jogħla l-livell ta' ambizzjoni għall-iżvilupp tal-PSDK; jistieden lill-Istati Membri, bis-sostenn tar-Rappreżentant Għoli/Viċi President tal-Kummissjoni, jisfruttaw il-potenzjal sħiħ ta' dan l-istrument maħluq mit-Trattat ta' Lisbona, f'kuntest fejn bosta kriżijiet għadhom jippersistu, anki mal-fruntieri tal-Ewropa, u fejn id-diżimpenn Amerikan huwa dejjem aktar evidenti; | 5. Jilqa***' l-konklużjonijiet tal-Kunsill dwar politika ta' sigurtà u ta' difiża komuni tat-23 ta' Lulju 2012 u t-tħabbir ta' Kunsill Ewropew matul l-2013 dwar kwistjonijiet ta' difiża; jinkoraġġixxi lill-Istati Membri u lill-President tal-Kunsill Ewropew biex jinvolvu lill-Parlament Ewropew fit-tħejjija tal-laqgħa tal-Kunsill; jilqa***' pożittivament ir-rapport tar-Rappreżentant Għoli/Viċi President tal-Kummissjoni dwar l-aspetti prinċipali u l-għażliet fundamentali tal-PESK, li parti *minnu* hija ddedikata għall-kwistjonijiet tas-sigurtà u tad-difiża; jinsisti madankollu fuq il-bżonn li jogħla l-livell ta' ambizzjoni għall-iżvilupp tal-PSDK; jistieden lill-Istati Membri, bis-sostenn tar-Rappreżentant Għoli/Viċi President tal-Kummissjoni, jisfruttaw il-potenzjal sħiħ ta' dan l-istrument maħluq mit-Trattat ta' Lisbona, f'kuntest fejn bosta kriżijiet għadhom jippersistu, anki mal-fruntieri tal-Ewropa, u fejn id-diżimpenn Amerikan huwa dejjem aktar evidenti; |

Or. en

**Emenda 46**
**Ioan Mircea Paşcu**

**Mozzjoni għal riżoluzzjoni**
**Paragrafu 5**

| *Mozzjoni għal riżoluzzjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| 5. Jilqa' pożittivament ir-rapport tar- | 5. Jilqa' pożittivament ir-rapport tar- |

| | |
|---|---|
| Rappreżentant Għoli/Viċi President tal-Kummissjoni dwar l-aspetti prinċipali u l-għażliet fundamentali tal-PESK, li parti *minnha* hija ddedikata għall-kwistjonijiet tas-sigurtà u tad-difiża; jinsisti madankollu fuq il-bżonn li jogħla l-livell ta' ambizzjoni għall-iżvilupp tal-PSDK; jistieden lill-Istati Membri, bis-sostenn tar-Rappreżentant Għoli/Viċi President tal-Kummissjoni, jisfruttaw il-potenzjal sħiħ ta' dan l-istrument maħluq mit-Trattat ta' Lisbona, f'kuntest fejn bosta kriżijiet għadhom jippersistu, anki mal-fruntieri tal-Ewropa, u fejn ***id-diżimpenn*** Amerikan huwa dejjem aktar evidenti; | Rappreżentant Għoli/Viċi President tal-Kummissjoni dwar l-aspetti prinċipali u l-għażliet fundamentali tal-PESK, li parti *minnu* hija ddedikata għall-kwistjonijiet tas-sigurtà u tad-difiża; jinsisti madankollu fuq il-bżonn li jogħla l-livell ta' ambizzjoni għall-iżvilupp tal-PSDK; jistieden lill-Istati Membri, bis-sostenn tar-Rappreżentant Għoli/Viċi President tal-Kummissjoni, jisfruttaw il-potenzjal sħiħ ta' dan l-istrument maħluq mit-Trattat ta' Lisbona, f'kuntest fejn bosta kriżijiet għadhom jippersistu, anki mal-fruntieri tal-Ewropa, u fejn ***l-impenn definit mill-ġdid*** Amerikan huwa dejjem aktar evidenti; |

Or. en

**Emenda 47**
**Norica Nicolai**

**Mozzjoni għal riżoluzzjoni**
**Paragrafu 6**

| *Mozzjoni għal riżoluzzjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| 6. Jilqa' b'sodisfazzjon l-inizjattiva ta' Weimar, li magħha ngħaqdu Spanja u l-Italja, biex terġa' titnieda l-aġenda tal-PSDK, u l-ispinta li tat fit-tliet oqsma fundamentali: l-istituzzjonijiet, l-operazzjonijiet u l-kapaċitajiet; jappella għaż-żamma tal-impenn meħud minn dawn il-pajjiżi biex ikomplu jkollhom viżjoni ambizzjuża tal-PSDK; | 6. Jilqa' b'sodisfazzjon l-inizjattiva ta' Weimar, li magħha ngħaqdu Spanja u l-Italja, biex terġa' titnieda l-aġenda tal-PSDK, u l-ispinta li tat fit-tliet oqsma fundamentali: l-istituzzjonijiet, l-operazzjonijiet u l-kapaċitajiet; jappella għaż-żamma tal-impenn meħud minn dawn il-pajjiżi biex ikomplu jkollhom viżjoni ambizzjuża tal-PSDK ***u jqis l-azzjonijiet tagħhom bħala mudell li l-Istati Membri l-oħra għandhom jingħaqdu miegħu u jsegwuh***; |

Or. en

**Emenda 48**
**Michael Gahler**

**Mozzjoni għal riżoluzzjoni**
**Paragrafu 7**

| *Mozzjoni għal riżoluzzjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| 7. Jissottolinja li s-saħħa tal-Unjoni Ewropea meta mqabbla ma' organizzazzjonijiet oħrajn tikkonsisti fil-kapaċità tagħha li timmobilizza firxa sħiħa ta' strumenti politiċi, ekonomiċi u umanitarji b'appoġġ għall-operazzjonijiet ċivili u militari tagħha ta' ġestjoni tal-kriżijiet, u li dan l-approċċ globali jagħtiha ċerta flessibilità kif ukoll effikaċja unika u apprezzata; | 7. ***Jilqa' l-konklużjonijiet tal-Kunsill dwar politika ta' sigurtà u ta' difiża komuni tat-23 ta' Lulju 2012 u l-aħbar dwar il-preżentazzjoni ta' komunikazzjoni konġunta dwar l-approċċ komprensiv mill-Kummissjoni Ewropea u r-Rappreżentant Għoli; ifakkar lit-tnejn li huma biex jinvolvu lill-Parlament Ewropew f'dan it-tentattiv;*** jissottolinja li s-saħħa tal-Unjoni Ewropea meta mqabbla ma' organizzazzjonijiet oħrajn tikkonsisti fil-kapaċità tagħha li timmobilizza firxa sħiħa ta' strumenti politiċi, ekonomiċi u umanitarji b'appoġġ għall-operazzjonijiet ċivili u militari tagħha ta' ġestjoni tal-kriżijiet, u li dan l-approċċ globali jagħtiha ċerta flessibilità kif ukoll effikaċja unika u apprezzata; |

Or. en

**Emenda 49**
**Luis Yáñez-Barnuevo García**

**Mozzjoni għal riżoluzzjoni**
**Paragrafu 7**

| *Mozzjoni għal riżoluzzjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| 7. Jissottolinja li s-saħħa tal-Unjoni Ewropea meta mqabbla ma' organizzazzjonijiet oħrajn tikkonsisti ***fil-kapaċità*** tagħha li timmobilizza ***firxa*** sħiħa ta' strumenti politiċi, ekonomiċi u umanitarji b'appoġġ għall-operazzjonijiet ċivili u militari tagħha ta' ġestjoni tal-kriżijiet, u li dan l-approċċ globali jagħtiha ċerta flessibilità kif ukoll effikaċja unika u apprezzata; | 7. Jissottolinja li s-saħħa tal-Unjoni Ewropea meta mqabbla ma' organizzazzjonijiet oħrajn tikkonsisti ***fil-potenzjal uniku*** tagħha li timmobilizza ***l-firxa*** sħiħa ta' strumenti politiċi, ekonomiċi ***, tal-iżvilupp*** u umanitarji b'appoġġ għall-operazzjonijiet ċivili u militari tagħha ta' ġestjoni tal-kriżijiet ***taħt is-saqaf ta' korp politiku uniku***, u li dan l-approċċ globali jagħtiha ċerta flessibilità kif ukoll effikaċja |

| | |
|---|---|
| | unika u apprezzata; |

Or. en

**Emenda 50**
**Ágnes Hankiss**

**Mozzjoni għal riżoluzzjoni**
**Paragrafu 7**

| *Mozzjoni għal riżoluzzjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| 7. Jissottolinja li s-saħħa tal-Unjoni Ewropea meta mqabbla ma' organizzazzjonijiet oħrajn tikkonsisti fil-kapaċità tagħha li timmobilizza firxa sħiħa ta' strumenti politiċi, ekonomiċi u umanitarji b'appoġġ ***għall-operazzjonijiet*** ċivili u militari tagħha ta' ġestjoni tal-kriżijiet, u li dan l-approċċ globali jagħtiha ċerta flessibilità kif ukoll effikaċja unika u apprezzata; | 7. Jissottolinja li s-saħħa tal-Unjoni Ewropea meta mqabbla ma' organizzazzjonijiet oħrajn tikkonsisti fil-kapaċità tagħha li timmobilizza firxa sħiħa ta' strumenti politiċi, ekonomiċi u umanitarji b'appoġġ ***għall-missjonijiet u l-operazzjonijiet*** ċivili u militari tagħha ta' ġestjoni tal-kriżijiet, u li dan l-approċċ globali jagħtiha ċerta flessibilità kif ukoll effikaċja unika u apprezzata; |

Or. hu

**Emenda 51**
**Ana Gomes**

**Mozzjoni għal riżoluzzjoni**
**Paragrafu 7**

| *Mozzjoni għal riżoluzzjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| 7. Jissottolinja li s-saħħa tal-Unjoni Ewropea meta mqabbla ma' organizzazzjonijiet oħrajn tikkonsisti fil-kapaċità tagħha li timmobilizza firxa sħiħa ta' strumenti politiċi, ekonomiċi u umanitarji b'appoġġ għall-operazzjonijiet ċivili u militari tagħha ta' ġestjoni tal-kriżijiet, u li dan l-approċċ globali jagħtiha ***ċerta*** flessibilità kif ukoll effikaċja unika ***u apprezzata***; | 7. Jissottolinja li s-saħħa tal-Unjoni Ewropea meta mqabbla ma' organizzazzjonijiet oħrajn tikkonsisti fil-kapaċità tagħha li timmobilizza firxa sħiħa ta' strumenti politiċi, ekonomiċi u umanitarji b'appoġġ għall-operazzjonijiet ċivili u militari tagħha ta' ġestjoni tal-kriżijiet, u li dan l-approċċ globali jagħtiha flessibilità kif ukoll effikaċja unika ***li l-UE għandha tikkapitalizza effettivament***; |

Or. en

**Emenda 52**
**Michael Gahler**

**Mozzjoni għal riżoluzzjoni**
**Paragrafu 8**

| *Mozzjoni għal riżoluzzjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| 8. Iqis madankollu li l-implimentazzjoni ***ta' approċċ*** globali ***ma għandux jikkontribwixxi għal marġinalizzazzjoni tal-PSDK; jenfasizza li l-PSDK, permezz ta' dawn l-operazzjonijiet, trid tibqa' l-istrument privileġġjat għall-ġestjoni tal-kriżijiet tal-Unjoni, billi hija l-unika politika li tista' tagħti kredibilità u viżibilità politika lill-azzjoni tal-Unjoni, filwaqt li tħalli kontroll politiku; iqis li l-istrumenti l-oħra tal-azzjoni esterna huma adatti, fil-kuntest ta' kriżi, biex isostnu l-operazzjonijiet PSDK u, f'terminu aktar fit-tul, biex jieħdu f'idejhom s-sitwazzjoni fil-post meta din tippermetti u meta l-urġenza politika tkun għaddiet;*** | 8. Iqis madankollu li l-implimentazzjoni ***tal-approċċ*** globali ***għandu jiggarantixxi li l-Unjoni tirrispondi għar-riskji speċifiċi bil-mezzi ċivili u / jew militari xierqa li ġejjin jew mill-Unjoni jew mill-Istati Membri;*** |

Or. en

**Emenda 53**
**Luis Yáñez-Barnuevo García**

**Mozzjoni għal riżoluzzjoni**
**Paragrafu 8**

| *Mozzjoni għal riżoluzzjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| 8. Iqis madankollu li l-implimentazzjoni ta' approċċ globali ma għandux jikkontribwixxi għal marġinalizzazzjoni tal-PSDK; jenfasizza li l-PSDK, permezz ta' dawn l-operazzjonijiet, trid tibqa' l-istrument privileġġjat għall-ġestjoni tal-kriżijiet tal-Unjoni, billi hija l-unika | 8. Iqis madankollu li l-implimentazzjoni ta' approċċ globali ma għandux jikkontribwixxi għal marġinalizzazzjoni tal-PSDK; jenfasizza li l-PSDK, permezz ta' dawn l-operazzjonijiet, trid tibqa' l-istrument privileġġjat għall-ġestjoni tal-kriżijiet tal-Unjoni, billi hija l-unika |

| | |
|---|---|
| politika li tista' tagħti kredibilità u viżibilità politika lill-azzjoni tal-Unjoni, filwaqt li tħalli kontroll politiku; ***iqis li l-istrumenti l-oħra tal-azzjoni esterna huma adatti, fil-kuntest ta' kriżi, biex isostnu l-operazzjonijiet PSDK u, f'terminu aktar fit-tul, biex jieħdu f'idejhom s-sitwazzjoni fil-post meta din tippermetti u meta l-urġenza politika tkun għaddiet;*** | politika li tista' tagħti kredibilità u viżibilità politika lill-azzjoni tal-Unjoni, filwaqt li tħalli kontroll politiku; |

Or. en

**Emenda 54**
**Andrew Duff**

**Mozzjoni għal riżoluzzjoni**
**Paragrafu 8**

| *Mozzjoni għal riżoluzzjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| 8. Iqis madankollu li l-implimentazzjoni ta' approċċ globali ma għandux jikkontribwixxi għal marġinalizzazzjoni tal-PSDK; jenfasizza li l-PSDK, permezz ta' dawn l-operazzjonijiet, trid tibqa' l-istrument privileġġjat għall-ġestjoni tal-kriżijiet tal-Unjoni, billi hija l-unika politika li tista' tagħti kredibilità u viżibilità politika lill-azzjoni tal-Unjoni, filwaqt li tħalli kontroll politiku; iqis li l-istrumenti l-oħra tal-azzjoni esterna huma adatti, fil-kuntest ta' kriżi, biex isostnu l-operazzjonijiet PSDK u, f'terminu aktar fit-tul, biex jieħdu f'idejhom *s-sitwazzjoni* fil-post meta din tippermetti u meta l-urġenza ***politika*** tkun għaddiet; | 8. Iqis madankollu li l-implimentazzjoni ta' approċċ globali ma għandux jikkontribwixxi għal marġinalizzazzjoni tal-PSDK; jenfasizza li l-PSDK, permezz ta' dawn l-operazzjonijiet, trid tibqa' l-istrument privileġġjat għall-ġestjoni tal-kriżijiet tal-Unjoni, billi hija l-unika politika li tista' tagħti kredibilità u viżibilità politika lill-azzjoni tal-Unjoni, filwaqt li tħalli kontroll politiku; iqis li l-istrumenti l-oħra tal-azzjoni esterna huma adatti, fil-kuntest ta' kriżi, biex isostnu l-operazzjonijiet PSDK u, f'terminu aktar fit-tul, biex jieħdu f'idejhom *is-sitwazzjoni* fil-post meta din tippermetti u meta l-urġenza ***ta' sigurtà*** tkun għaddiet; |

Or. en

**Emenda 55**
**Michael Gahler**

**Mozzjoni għal riżoluzzjoni**
**Paragrafu 9 – parti introduttorja**

| *Mozzjoni għal riżoluzzjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| 9. Ifakkar fil-fatt li t-Trattat ta' Lisbona introduċa innovazzjonijiet importanti għal dak li għandu x'jaqsam mal-PSDK, li tagħhom qegħdin nistennew l-implimentazzjoni: | 9. Ifakkar fil-fatt li t-Trattat ta' Lisbona introduċa innovazzjonijiet importanti għal dak li għandu x'jaqsam mal-PSDK, li tagħhom qegħdin nistennew l-implimentazzjoni: ***jiddispjaċih f'dan ir-rigward dwar in-negliġenza tar-Rappreżentant Għoli / Viċi President tal-Kummissjoni Ewropea rigward riżoluzzjonijiet parlamentari passati li jitolbu avvanz aktar attiv u koerenti fl-implimentazzjoni tal-istrumenti l-ġodda tat-Trattat ta' Lisbona:*** |

Or. en

**Emenda 56**
**Ioan Mircea Paşcu**

**Mozzjoni għal riżoluzzjoni**
**Paragrafu 9 – punt 3**

| *Mozzjoni għal riżoluzzjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| · klawsola ta' ***assistenza*** reċiproka kif ukoll klawsola ta' solidarjetà ddaħħlu bis-saħħa tat-Trattat; | · klawsola ta' ***difiża*** reċiproka kif ukoll klawsola ta' solidarjetà ddaħħlu bis-saħħa tat-Trattat; |

Or. en

**Emenda 57**
**Tarja Cronberg, Reinhard Bütikofer**
f'isem il-Grupp Verts/ALE

**Mozzjoni għal riżoluzzjoni**
**Paragrafu 9 – punt 4**

| *Mozzjoni għal riżoluzzjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| · lill-Aġenzija Ewropea għad-Difiża ġiet fdata kompiti importanti ***għall-iżvilupp*** tal-kapaċitajiet militari tal-Istati Membri, fosthom ***it-tisħiħ tal-bażi industrijali*** u ***teknoloġika tas-settur tad-difiża, id-definizzjoni ta' politika Ewropea tal-kapaċitajiet u tal-armament u*** l-implimentazzjoni tal-kooperazzjoni strutturata permanenti; | · lill-Aġenzija Ewropea għad-Difiża ġiet fdata kompiti importanti ***għall-assistenza fl-iżvilupp*** tal-kapaċitajiet militari tal-Istati Membri, fosthom ***il-bidu ta' programmi konġunti bħall-Akkomunament*** u ***l-Kondiviżjoni u*** l-implimentazzjoni tal-kooperazzjoni strutturata permanenti; |

Or. en

**Emenda 58**
**Norica Nicolai**

**Mozzjoni għal riżoluzzjoni**
**Paragrafu 10a (ġdid)**

| *Mozzjoni għal riżoluzzjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| | ***10a. Jitlob lill-Istati Membri biex jaħdmu b'mod attiv mal-Viċi President / ir-Rappreżentant Għoli u mal-Kunsill biex jadottaw id-dispożizzjonijiet tat-Trattat ta' Lisbona dwar il-PSDK fl-istrateġiji ta' difiża nazzjonali tagħhom;*** |

Or. en

**Emenda 59**
**Maria Eleni Koppa**

**Mozzjoni għal riżoluzzjoni**
**Paragrafu 12**

| *Mozzjoni għal riżoluzzjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| 12. ***Jenfasizza*** li l-PSDK hija adatta biex ***tintervjeni fit-teatri ta' kriżi, inkluż fil-kuntesti ta' kunflitti ta' intensità għolja,*** | 12. ***Ifakkar*** li l-PSDK hija adatta biex ***tikkontribwixxi għaż-żamma tal-paċi*** u ***t-tisħiħ tas-sigurtà internazzjonali u*** |

| | |
|---|---|
| ***b'viżibilità politika għolja*** u livell ta' ambizzjoni biżżejjed biex tħalli impatt reali fil-post; | ***jenfasizza l-ħtieġa li l-azzjoni tal-UE jkollha*** livell ta' ambizzjoni biżżejjed biex tħalli impatt reali fil-post; |

Or. en

**Emenda 60**
**Tarja Cronberg**
f'isem il-Grupp Verts/ALE

**Mozzjoni għal riżoluzzjoni**
**Paragrafu 12**

| *Mozzjoni għal riżoluzzjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| 12. Jenfasizza li l-PSDK hija adatta biex tintervjeni fit-teatri ta' kriżi, inkluż fil-kuntesti ta' kunflitti ta' intensità għolja, b'viżibilità politika għolja u livell ta' ambizzjoni biżżejjed biex tħalli impatt reali fil-post; | 12. Jenfasizza li l-PSDK hija adatta biex tintervjeni fit-teatri ta' kriżi, inkluż fil-kuntesti ta' kunflitti ta' intensità għolja, b'viżibilità politika għolja u livell ta' ambizzjoni biżżejjed biex tħalli impatt reali fil-post; ***ifakkar il-fatt li fost is-27 operazzjoni passata u kurrenti tal-PSDK żewġ missjonijiet biss, ATALANTA u ARTEMIS, għandhom jiġu kkunsidrati bħala operazzjonijiet ta' kumbattiment li jinkludu l-użu tal-forza, li jfisser li fl-aħħar mill-aħħar l-UE għandha ftit wisq esperjenza fit-trattament ta' kunflitti ta' intensità għolja;*** |

Or. en

**Emenda 61**
**Ioan Mircea Paşcu**

**Mozzjoni għal riżoluzzjoni**
**Paragrafu 13**

| *Mozzjoni għal riżoluzzjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| 13. Josserva li bħalissa għaddejjin 15-il operazzjoni, 12 ċivili u 3 militari; jilqa' pożittivament it-tnedija ta' 3 operazzjonijiet | 13. Josserva li bħalissa għaddejjin 15-il operazzjoni, 12 ċivili u 3 militari; jilqa' pożittivament it-tnedija ta' 3 operazzjonijiet |

| | |
|---|---|
| ċivili ġodda matul is-sajf 2012 fil-Qarn tal-Afrika (EUCAP Nestor), fin-Niġer (EUCAP Sahel Niger) u fis-Sudan t'Isfel (EUAVSEC South Sudan) u l-ippjanar ta' missjoni ċivili ta' appoġġ lill-kontroll tal-fruntieri fil-Libja; iqis li dawn il-missjonijiet jirrappreżentaw l-ewwel sinjal ta' dinamiżmu ġdid tal-aġenda tal-PSDK; | ċivili ġodda matul is-sajf 2012 fil-Qarn tal-Afrika (EUCAP Nestor), fin-Niġer (EUCAP Sahel Niger) u fis-Sudan t'Isfel (EUAVSEC South Sudan) u l-ippjanar ta' missjoni ċivili ta' appoġġ lill-kontroll tal-fruntieri fil-Libja; iqis li dawn il-missjonijiet jirrappreżentaw l-ewwel sinjal ta' dinamiżmu ġdid tal-aġenda tal-PSDK; ***jissottolinja l-importanza tat-titjib tal-qafas ta' lezzjonijiet meħuda mill-missjonijiet u l-operazzjonijiet;*** |

Or. en

**Emenda 62**
**Tarja Cronberg, Franziska Katharina Brantner**
f'isem il-Grupp Verts/ALE

**Mozzjoni għal riżoluzzjoni**
**Paragrafu 14**

| *Mozzjoni għal riżoluzzjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| 14. ***Jiddispjaċih, madankollu, li mill-2008, għajr għall-EUTM Somalia, ma tnediet l-ebda operazzjoni militari ġdida, minkejja li bosta kriżijiet setgħu jiġġustifikaw intervent tal-Unjoni, partikolarment fil-Libja u fil-Mali; f'dan il-kuntest, iħeġġeġ l-approfondiment tal-ippjanar matul operazzjonijiet militari possibbli;*** | 14. ***Jenfasizza l-ħtieġa li tiġi kkunsidrata l-assistenza fil-qasam tar-Riforma tas-Settur tas-Sigurtà għall-pajjiżi tar-Rebbiegħa Għarbija, speċjalment fl-Afrika ta' Fuq, iżda wkoll għal pajjiżi oħra fir-reġjun tas-Saħel bħall-Mali;*** |

Or. en

**Emenda 63**
**Krzysztof Lisek**

**Mozzjoni għal riżoluzzjoni**
**Paragrafu 14**

| *Mozzjoni għal riżoluzzjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| 14. Jiddispjaċih, ***madankollu, li mill-2008,*** | 14. Jiddispjaċih ***li l-UE ma tiħux vantaġġ*** |

| | |
|---|---|
| ***għajr għall-EUTM Somalia, ma tnediet l-ebda operazzjoni militari ġdida, minkejja li bosta kriżijiet setgħu jiġġustifikaw intervent tal-Unjoni, partikolarment fil-Libja u fil-Mali; f'dan il-kuntest, iħeġġeġ l-approfondiment tal-ippjanar matul operazzjonijiet militari possibbli;*** | ***sħiħ mill-għodod militari tal-PSDK li għandha għad-dispożizzjoni tagħha. Il-possibbiltà li jintużaw il-kapaċitajiet militari għandha tiġi kkunsidrata aktar ta' spiss**, **fost l-oħrajn bħala appoġġ għall-missjonijiet ċivili;*** |

Or. en

**Emenda 64**
**Ana Gomes**

**Mozzjoni għal riżoluzzjoni**
**Paragrafu 14**

| *Mozzjoni għal riżoluzzjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| 14. Jiddispjaċih, madankollu, li mill-2008, għajr għall-EUTM Somalia, ma tnediet l-ebda operazzjoni militari ġdida, minkejja li bosta kriżijiet setgħu jiġġustifikaw intervent tal-Unjoni, partikolarment fil-Libja u ***fil-Mali***; f'dan il-kuntest, iħeġġeġ l-approfondiment tal-ippjanar matul operazzjonijiet militari possibbli; | 14. Jiddispjaċih, madankollu, li mill-2008, għajr għall-EUTM Somalia, ma tnediet l-ebda operazzjoni militari ġdida, minkejja li bosta kriżijiet setgħu jiġġustifikaw intervent tal-Unjoni, partikolarment fil-Libja***, fil-Mali*** u ***fil-Guinea-Bissau***; f'dan il-kuntest, iħeġġeġ l-approfondiment tal-ippjanar matul operazzjonijiet militari possibbli; ***jiddispjaċih u jindika l-vulnerabbiltà għal azzjoni futura fl-Afrika tal-Punent li tirriżulta mill-isponsorizzar attiv tal-ECOWAS ta' kolp ta' stat fil-Ginea-Bissau u l-astensjoni tal-UE milli tikkritika dan l-imsieħeb rilevanti ta' sigurtà fir-reġjun;*** |

Or. en

**Emenda 65**
**Maria Eleni Koppa**

**Mozzjoni għal riżoluzzjoni**
**Paragrafu 14**

| *Mozzjoni għal riżoluzzjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| 14. Jiddispjaċih, madankollu, li mill-2008, għajr għall-EUTM Somalia, ma tnediet l-ebda operazzjoni militari ġdida, minkejja li bosta kriżijiet setgħu jiġġustifikaw intervent tal-Unjoni, partikolarment fil-Libja u fil-Mali; f'dan il-kuntest, iħeġġeġ l-approfondiment tal-ippjanar matul operazzjonijiet militari possibbli; | 14. Jiddispjaċih, madankollu, li mill-2008, għajr għall-EUTM Somalia, ma tnediet l-ebda operazzjoni militari ġdida, minkejja li bosta kriżijiet setgħu jiġġustifikaw intervent tal-Unjoni, partikolarment fil-Libja u fil-Mali; f'dan il-kuntest, iħeġġeġ l-approfondiment tal-ippjanar matul operazzjonijiet militari possibbli ***u, fl-istess ħin, jitlob għal evalwazzjoni mill-ġdid tal-missjonijiet li għaddejjin bil-għan li eventwalment jiġu aboliti dawk li saru obsoleti***; |

Or. en

**Emenda 66**
**Norica Nicolai**

**Mozzjoni għal riżoluzzjoni**
**Paragrafu 14**

| *Mozzjoni għal riżoluzzjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| 14. Jiddispjaċih, madankollu, li mill-2008, għajr għall-EUTM Somalia, ma tnediet l-ebda operazzjoni militari ġdida, minkejja li bosta kriżijiet setgħu jiġġustifikaw intervent tal-Unjoni, partikolarment fil-Libja u fil-Mali; f'dan il-kuntest, iħeġġeġ l-approfondiment tal-ippjanar matul operazzjonijiet militari possibbli; | 14. Jiddispjaċih, madankollu, li mill-2008, għajr għall-EUTM Somalia, ma tnediet l-ebda operazzjoni militari ġdida, minkejja li bosta kriżijiet setgħu jiġġustifikaw intervent tal-Unjoni, partikolarment fil-Libja u fil-Mali; f'dan il-kuntest, iħeġġeġ l-approfondiment tal-ippjanar matul operazzjonijiet militari possibbli; ***jistieden lill-Istati Membri biex jissostanzjaw id-dikjarazzjonijiet b'azzjonijiet u jużaw il-mezzi, il-protokolli u l-ftehimiet eżistenti sabiex iqiegħdu l-kapaċitajiet tagħhom għad-dispożizzjoni tal-PSDK, pereżempju fl-għamla ta' gruppi tattiċi jew task forces konġunti;*** |

Or. en

**Emenda 67**
**Maria Eleni Koppa**

**Mozzjoni għal riżoluzzjoni**
**Paragrafu 15**

| *Mozzjoni għal riżoluzzjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| 15. Ifakkar ***fl-importanza*** politika u simbolika tal-impenn tal-Unjoni Ewropea fil-Balkani tal-Punent, li ***għadu*** prova ta' kredibilità għall-Unjoni; jistieden lir-Rappreżentant Għoli/Viċi President tal-Kummissjoni u lill-Kunsill jivvalutaw il-kontribut tal-UE għas-sigurtà ***fir-reġjun***; | 15. Ifakkar ***u jilqa' l-importanza*** politika u simbolika tal-impenn tal-Unjoni Ewropea fil-Balkani tal-Punent, li ***kkontribwixxa għall-paċi u s-sigurtà fir-reġjun; ifakkar, madankollu, li dan ir-reġjun ikompli jiffaċċja numru ta' sfidi li jirrappreżentaw*** prova ta' kredibilità għall-Unjoni; jistieden lir-Rappreżentant Għoli/Viċi President tal-Kummissjoni u lill-Kunsill jivvalutaw il-kontribut tal-UE għas-sigurtà ***fil-Balkani tal-Punent, b'attenzjoni partikolari fuq it-tisħiħ tal-istat tad-dritt, il-ħarsien tal-komunitajiet ta' minoranza u l-ġlieda kontra l-kriminalità organizzata u l-korruzzjoni***; |

Or. en

**Emenda 68**
**Eduard Kukan**

**Mozzjoni għal riżoluzzjoni**
**Paragrafu 15**

| *Mozzjoni għal riżoluzzjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| 15. Ifakkar fl-importanza politika u simbolika tal-impenn tal-Unjoni Ewropea fil-Balkani tal-Punent, li għadu prova ta' kredibilità għall-Unjoni; jistieden lir-Rappreżentant Għoli/Viċi President tal-Kummissjoni u lill-Kunsill jivvalutaw il-kontribut tal-UE għas-sigurtà fir-reġjun; | 15. Ifakkar fl-importanza politika**,** ***strateġika*** u simbolika tal-impenn tal-Unjoni Ewropea fil-Balkani tal-Punent, li għadu prova ta' kredibilità għall-Unjoni; jistieden lir-Rappreżentant Għoli/Viċi President tal-Kummissjoni u lill-Kunsill jivvalutaw il-kontribut tal-UE għas-sigurtà fir-reġjun; |

Or. en

**Emenda 69**
**Tarja Cronberg**
f'isem il-Grupp Verts/ALE

**Mozzjoni għal riżoluzzjoni**
**Paragrafu 17**

| *Mozzjoni għal riżoluzzjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| 17. Jikkonstata li l-operazzjoni EUFOR Althea fil-Bosnja-Ħerzegovina, imnedija fl-2004, tnaqqsilha kostantement il-persunal u għalhekk isostni ***orjentament*** ġdid ***tal-mandat tagħha għat-tisħiħ*** tal-kapaċitajiet u għat-taħriġ tal-forzi armati tal-Bosnja-Ħerzegovina; | 17. Jikkonstata li l-operazzjoni EUFOR Althea fil-Bosnja-Ħerzegovina, imnedija fl-2004, tnaqqsilha kostantement il-persunal u għalhekk isostni ***l-għeluq ta' din il-missjoni u tip*** ġdid ***ta' assistenza mill-UE fil-qasam tat-tisħiħ*** tal-kapaċitajiet u għat-taħriġ tal-forzi armati tal-Bosnja-Ħerzegovina; |

Or. en

**Emenda 70**
**Ioan Mircea Paşcu**

**Mozzjoni għal riżoluzzjoni**
**Paragrafu 17**

| *Mozzjoni għal riżoluzzjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| 17. Jikkonstata li l-operazzjoni EUFOR Althea fil-Bosnja-Ħerzegovina, imnedija fl-2004, tnaqqsilha kostantement il-persunal u għalhekk isostni orjentament ġdid tal-mandat tagħha għat-tisħiħ tal-kapaċitajiet u għat-taħriġ tal-forzi armati tal-Bosnja-Ħerzegovina; | 17. Jikkonstata li l-operazzjoni EUFOR Althea fil-Bosnja-Ħerzegovina, imnedija fl-2004, tnaqqsilha kostantement il-persunal u għalhekk isostni ***koordinazzjoni u koerenza aħjar tal-istrumenti differenti tal-UE u*** orjentament ġdid tal-mandat tagħha għat-tisħiħ tal-kapaċitajiet u għat-taħriġ tal-forzi armati tal-Bosnja-Ħerzegovina; |

Or. en

**Emenda 71**
**Petru Constantin Luhan**

**Mozzjoni għal riżoluzzjoni**
**Paragrafu 17a (ġdid)**

| *Mozzjoni għal riżoluzzjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| | ***17a. Jinnota, mil-lezzjoni li ttieħdet mill-esperjenza fil-Bosnja-Ħerzegovina, li r-rwol tar-Rappreżentant Speċjali għandu jissaħħaħ u għandu jkun parti mil-linja ta' kmand fir-rigward tal-missjonijiet ta' difiża tal-Ewropa.*** |

Or. fr

**Emenda 72**
**Maria Eleni Koppa**

**Mozzjoni għal riżoluzzjoni**
**Paragrafu 18**

| *Mozzjoni għal riżoluzzjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| 18. Jilqa' favorevolement ***ir-rwol pożittiv li żvolġiet il-missjoni*** EULEX Kosovo, ***li topera f'ambjent politiku diffiċli, biex tgħin lil dan il-pajjiż jibni Stat*** tad-dritt u ***jistabbilixxi*** apparat ġudizzjarju, tal-pulizija u doganali ħieles minn kull indħil politiku u konformi ***mal-prattiki tajba rikonoxxuti fuq livelli*** internazzjonali ***kif ukoll mal-prattiki tajba*** Ewropej; ***jirrikonoxxi***, madankollu, li għad iridu jsiru sforzi kbar biex l-EULEX ittemm totalment il-missjonijiet tagħha li ġew assenjati lilha u tgawdi mill-fiduċja totali tal-popolazzjonijiet, partikolarment tal-komunità Serba tal-Kosovo; jistieden lill-missjoni twieġeb b'attenzjoni u b'rigorożità kbar *lill-mistoqsijiet* imqajma mir-rapport tal-Kunsill tal-Ewropa dwar il-veridiċità tal-akkużi ta' traffikar tal-organi u timplimenta mal-Istati kkonċernati programm ta' protezzjoni tax-xhieda li | 18. Jilqa' favorevolement ***l-estensjoni tal-mandat tal-missjoni tal-istat tad-dritt tal-UE,*** EULEX Kosovo, ***għal sentejn oħra, sal-14 ta' Ġunju 2014; jenfasizza r-rwol pożittiv tagħha fl-istabbiliment tal-istat*** tad-dritt u apparat ġudizzjarju, tal-pulizija u doganali ħieles minn kull indħil politiku u konformi ***mal-aħjar prattiki u standards*** internazzjonali ***u*** Ewropej; ***jinnota r-rikonfigurazzjoni u t-tnaqqis fid-daqs tal-missjoni***, ***u jqishom bħala sinjal ċar tal-progress li sar sa issa; jenfasizza,*** madankollu, li għad iridu jsiru sforzi kbar biex l-EULEX ittemm totalment il-missjonijiet tagħha li ġew assenjati lilha u tgawdi mill-fiduċja totali tal-popolazzjonijiet, partikolarment tal-komunità Serba tal-Kosovo; jistieden lill-missjoni twieġeb b'attenzjoni u b'rigorożità kbar *il-mistoqsijiet* imqajma mir-rapport tal-Kunsill tal-Ewropa dwar il-veridiċità |

| | |
|---|---|
| jippermetti lil proċediment ġudizzjarju rigoruż jaċċerta l-fatti: | tal-akkużi ta' traffikar tal-organi u timplimenta mal-Istati kkonċernati programm ta' protezzjoni tax-xhieda li jippermetti lil proċediment ġudizzjarju rigoruż jaċċerta l-fatti: |

Or. en

**Emenda 73**
**Eduard Kukan**

**Mozzjoni għal riżoluzzjoni**
**Paragrafu 18**

| *Mozzjoni għal riżoluzzjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| 18. ***Jilqa' favorevolement ir-rwol pożittiv*** li żvolġiet il-missjoni EULEX Kosovo, li topera f'ambjent politiku diffiċli, biex tgħin lil dan il-pajjiż jibni Stat tad-dritt u jistabbilixxi apparat ġudizzjarju, tal-pulizija u doganali ħieles minn kull indħil politiku u konformi mal-prattiki tajba rikonoxxuti fuq livelli internazzjonali kif ukoll mal-prattiki tajba Ewropej; jirrikonoxxi, madankollu, li għad iridu jsiru sforzi kbar biex l-EULEX ittemm totalment il-missjonijiet tagħha li ġew assenjati lilha u tgawdi mill-fiduċja totali ***tal-popolazzjonijiet, partikolarment tal-komunità Serba tal-Kosovo***; jistieden lill-missjoni twieġeb b'attenzjoni u b'rigorożità kbar *lill-mistoqsijiet* imqajma mir-rapport tal-Kunsill tal-Ewropa dwar il-veridiċità tal-akkużi ta' traffikar tal-organi u timplimenta mal-Istati kkonċernati programm ta' protezzjoni tax-xhieda li jippermetti lil proċediment ġudizzjarju rigoruż jaċċerta l-fatti***:*** | 18. ***Jappoġġja r-rwol*** li żvolġiet il-missjoni EULEX Kosovo, li topera f'ambjent politiku diffiċli, biex tgħin lil dan il-pajjiż jibni Stat tad-dritt u jistabbilixxi apparat ġudizzjarju, tal-pulizija u doganali ***indipendenti*** ħieles minn kull indħil politiku u konformi mal-prattiki tajba rikonoxxuti fuq livelli internazzjonali kif ukoll mal-prattiki tajba Ewropej; jirrikonoxxi, madankollu, li għad iridu jsiru sforzi kbar biex l-EULEX ittemm totalment il-missjonijiet tagħha li ġew assenjati lilha u tgawdi mill-fiduċja totali ***tal-popolazzjoni ta' Kosovo***; jistieden lill-missjoni ***biex issaħħaħ l-attivitajiet tagħha fit-tramuntana ta' Kosovo, biex tinvolvi ruħha aktar fl-investigazzjoni u l-prosekuzzjoni ta' każijiet ta' korruzzjoni f'livell għoli u*** twieġeb b'attenzjoni u b'rigorożità kbar *il-mistoqsijiet* imqajma mir-rapport tal-Kunsill tal-Ewropa dwar il-veridiċità tal-akkużi ta' traffikar tal-organi u timplimenta mal-Istati kkonċernati programm ta' protezzjoni tax-xhieda li jippermetti lil proċediment ġudizzjarju rigoruż jaċċerta l-fatti***;*** |

Or. en

**Emenda 74**
**Tarja Cronberg, Ulrike Lunacek**
f'isem il-Grupp Verts/ALE

**Mozzjoni għal riżoluzzjoni**
**Paragrafu 18**

| *Mozzjoni għal riżoluzzjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| 33. Iqis li l-kriżi Libjana setgħet tikkostitwixxi, għall-UE, l-okkażjoni biex turi l-kapaċità tagħha li taġixxi, anki militarment jekk ikun il-każ, fir-rispett sħiħ tar-riżoluzzjonijiet tal-Kunsill tas-Sigurtà tan-Nazzjonijiet Uniti, quddiem kriżi ewlenija li kienet qed isseħħ ***wara biebha*** u li laqtet direttament l-istabilità tal-kuntest Ewropew; jiddispjaċih li l-assenza ta' rieda politika komuni fost l-Istati Membri u r-reticenzi ideoloġiċi biex l-Unjoni tħaddem il-kapaċitajiet tagħha żammew l-Unjoni fi rwol sekondarju; | 33. ***Jilqa' l-għajnuna umanitarja u l-attivitajiet tal-protezzjoni ċivili tal-passat tal-Kummissjoni Ewropea u l-Istati Membri fil-Libja u l-pajjiżi ġirien b'appoġġ għall-organizzazzjonijiet tan-NU;*** iqis ***madankollu*** li l-kriżi Libjana setgħet tikkostitwixxi, għall-UE, l-okkażjoni biex turi l-kapaċità tagħha li taġixxi ***b'mod aktar komprensiv***, anki militarment jekk ikun il-każ, fir-rispett sħiħ tar-riżoluzzjonijiet tal-Kunsill tas-Sigurtà tan-Nazzjonijiet Uniti, quddiem kriżi ewlenija li kienet qed isseħħ ***fil-viċinat immedjat tagħha*** u li laqtet direttament l- |

| | |
|---|---|
| | istabilità tal-kuntest Ewropew; jiddispjaċih li l-assenza ta' rieda politika komuni fost l-Istati Membri u r-retiċenzi ideoloġiċi biex l-Unjoni tħaddem il-kapaċitajiet tagħha żammew l-Unjoni fi rwol sekondarju; ***jieħu nota tar-retiċenzi ta' xi Membri tal-Kunsill tas-Sigurtà tan-NU biex jawtorizzaw lill-UE tniedi l-operazzjoni militari umanitarja tagħha fil-Libja;*** |

Or. en

**Emenda 106**
**Krzysztof Lisek**

**Mozzjoni għal riżoluzzjoni**
**Paragrafu 32**

| *Mozzjoni għal riżoluzzjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| 32. Jappella għat-tkomplija tal-ippjanar ta' ***operazzjoni intiża li ssostni***, b'rabta mal-ECOWAS, ***ir-ristrutturar*** tal-forzi armati tal-Mali bil-għan li titjieb l-effikaċja tal-forzi tas-sigurtà tiegħu u li dan il-pajjiż jitħalla jerġa' jieħu l-kontroll tat-territorju tiegħu; | 32. Jappella għat-tkomplija tal-ippjanar ta' ***sostenn possibbli***, b'rabta mal-ECOWAS, ***għar-ristrutturar*** tal-forzi armati tal-Mali bil-għan li titjieb l-effikaċja tal-forzi tas-sigurtà tiegħu u li dan il-pajjiż jitħalla jerġa' jieħu l-kontroll tat-territorju tiegħu; |

Or. en

**Emenda 107**
**Krzysztof Lisek**

**Mozzjoni għal riżoluzzjoni**
**Paragrafu 33**

| *Mozzjoni għal riżoluzzjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| 33. Iqis li l-kriżi Libjana setgħet tikkostitwixxi, għall-UE, l-okkażjoni biex turi l-kapaċità tagħha li taġixxi, anki militarment jekk ikun il-każ, fir-rispett sħiħ tar-riżoluzzjonijiet tal-Kunsill tas-Sigurtà | 33. Iqis li l-kriżi Libjana setgħet tikkostitwixxi, għall-UE, l-okkażjoni biex turi l-kapaċità tagħha li taġixxi, anki militarment jekk ikun il-każ, fir-rispett sħiħ tar-riżoluzzjonijiet tal-Kunsill tas-Sigurtà |

tan-Nazzjonijiet Uniti, quddiem kriżi ewlenija li kienet qed isseħħ wara biebha u li laqtet direttament l-istabilità tal-kuntest Ewropew; jiddispjaċih li ***l-assenza ta' rieda politika komuni*** fost ***l-Istati Membri u r-retiċenzi ideoloġiċi biex l-Unjoni tħaddem il-kapaċitajiet tagħha żammew l-Unjoni fi rwol sekondarju***;

tan-Nazzjonijiet Uniti, quddiem kriżi ewlenija li kienet qed isseħħ wara biebha u li laqtet direttament l-istabilità tal-kuntest Ewropew; jiddispjaċih li ***t-tnedija tal-appoġġ tal-UE fil-qasam tas-sigurtà u ġestjoni tal-fruntieri ttardja. Il-konsultazzjoni*** fost ***il-gvern Libjan, atturi reġjonali u internazzjonali għandha tiġi intensifikata sabiex tipprovdi appoġġ rapidu, koerenti u kkoordinat lil-Libja***;

Or. en

**Emenda 108**
**Ana Gomes**

**Mozzjoni għal riżoluzzjoni**
**Paragrafu 32**

| *Mozzjoni għal riżoluzzjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| 32. Jappella għat-tkomplija tal-ippjanar ta' operazzjoni intiża li ssostni, b'rabta mal-ECOWAS, ir-ristrutturar tal-forzi armati tal-Mali bil-għan li titjieb l-effikaċja tal-forzi tas-sigurtà tiegħu u li dan il-pajjiż jitħalla jerġa' jieħu l-kontroll tat-territorju tiegħu; | 32. Jappella għat-tkomplija tal-ippjanar ta' operazzjoni intiża li ssostni, ***possibbilment*** b'rabta mal-ECOWAS, ir-ristrutturar tal-forzi armati tal-Mali bil-għan li titjieb l-effikaċja tal-forzi tas-sigurtà tiegħu u li dan il-pajjiż jitħalla jerġa' jieħu l-kontroll tat-territorju tiegħu; |

Or. en

**Emenda 109**
**Ana Gomes**

**Mozzjoni għal riżoluzzjoni**
**Paragrafu 33**

| *Mozzjoni għal riżoluzzjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| 33. Iqis li l-kriżi Libjana setgħet tikkostitwixxi, għall-UE, l-okkażjoni biex turi l-kapaċità tagħha li taġixxi, anki militarment jekk ikun il-każ, fir-rispett sħiħ | 33. Iqis li l-kriżi Libjana setgħet tikkostitwixxi, għall-UE, l-okkażjoni biex turi l-kapaċità tagħha li taġixxi, anki militarment jekk ikun il-każ, fir-rispett sħiħ |

| | |
|---|---|
| tar-riżoluzzjonijiet tal-Kunsill tas-Sigurtà tan-Nazzjonijiet Uniti, quddiem kriżi ewlenija li kienet qed isseħħ wara biebha u li laqtet direttament l-istabilità tal-kuntest Ewropew; jiddispjaċih li l-assenza ta' rieda politika komuni fost l-Istati Membri u r-retiċenzi ideoloġiċi biex l-Unjoni tħaddem il-kapaċitajiet tagħha żammew l-Unjoni fi rwol sekondarju; | tar-riżoluzzjonijiet tal-Kunsill tas-Sigurtà tan-Nazzjonijiet Uniti, quddiem kriżi ewlenija li kienet qed isseħħ wara biebha u li laqtet direttament l-istabilità tal-kuntest Ewropew; jiddispjaċih li l-assenza ta' rieda politika komuni fost l-Istati Membri u r-retiċenzi ideoloġiċi biex l-Unjoni tħaddem il-kapaċitajiet ***militari*** tagħha żammew l-Unjoni fi rwol sekondarju; |

Or. en

**Emenda 110**
**Norica Nicolai**

**Mozzjoni għal riżoluzzjoni**
**Paragrafu 33a (ġdid)**

| *Mozzjoni għal riżoluzzjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| | ***33a. Josserva bi tħassib l-atti u d-dikjarazzjonijiet riċenti destablizzanti magħmula mill-parti ta' gruppi fi u madwar Bengażi u jqis li l-kunflitt Libjan m'għandux ikollu bħala effett id-diviżjoni tal-pajjiż, filwaqt li josserva li l-UE għandha rwol x'tiżvolġi sabiex tikkonvenċi lill-atturi involuti biex ipoġġu bilqiegħda u jaħdmu flimkien sabiex iġibu l-istabbiltà mixtieqa f'pajjiżhom;*** |

Or. en

**Emenda 111**
**Ana Gomes**

**Mozzjoni għal riżoluzzjoni**
**Paragrafu 35**

| *Mozzjoni għal riżoluzzjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| 35. Iqis li l-UE għandha rwol importanti x'tiżvolġi ***fil-proċess*** ta' tranżizzjoni | 35. Iqis li l-UE għandha rwol importanti x'tiżvolġi ***fil-futur tal-Libja u li għandha*** |

| | |
|---|---|
| ***istituzzjonali*** fil-Libja, ***partikolarment*** fl-oqsma tad-demobilizzazzjoni u tal-integrazzjoni tal-membri tal-brigati rivoluzzjonarji, fir-riorganizzazzjoni tal-forzi armati u fl-assistenza għall-kontroll tal-fruntieri terrestri u marittimi; jilmenta li l-kontribut tal-UE fis-settur tas-sigurtà qiegħed idum biex jikkonkretizza ruħu u li d-diffikultajiet tal-ippjanar u tal-implimentazzjoni ta' dan il-kontribut iħallu t-triq miftuħa għal inizjattivi bilaterali b'viżibilità u b'koerenza dubjużi; huwa favorevoli għall-aċċelerazzjoni tax-xogħlijiet intiżi li jippjanaw missjoni ċivili ta' appoġġ lill-kontroll tal-fruntieri; | ***tagħmel l-almu tagħha biex tqiegħed lill-Unjoni fil-pożizzjoni tal-kontroparti prinċipali*** ta***' Libja demokratika; huwa tal-fehma li l-UE għandha r-responsabbiltà li tappoġġja l-proċess ta***' tranżizzjoni ***demokratika*** fil-Libja, ***twieġeb it-talbiet tal-awtoritajiet Libjani, jiġifieri (1) fl-għoti ta' appoġġ għall-proċess kostituzzjonali, (2) fil-bini ta' kapaċità demokratika ġenerali, (3)*** fl-oqsma tad-demobilizzazzjoni u tal-integrazzjoni tal-membri tal-brigati rivoluzzjonarji, ***(4)*** fir-riorganizzazzjoni tal-forzi armati ***fil-Libja*** u ***(5)*** fl-assistenza għall-kontroll tal-fruntieri terrestri u marittimi; jilmenta li l-kontribut tal-UE fis-settur tas-sigurtà qiegħed idum biex jikkonkretizza ruħu u li d-diffikultajiet tal-ippjanar u tal-implimentazzjoni ta' dan il-kontribut iħallu t-triq miftuħa għal inizjattivi bilaterali***,*** b'viżibilità u b'koerenza dubjużi***, jiġifieri minn Stati Membri tal-UE mhux koordinati***; huwa favorevoli għall-aċċelerazzjoni tax-xogħlijiet intiżi li jippjanaw missjoni ċivili ta' appoġġ lill-kontroll tal-fruntieri; ***jirrakkomanda bis-sħiħ li l-preżenza diplomatika tal-UE terġa' titqiegħed f'Bengażi;*** |

Or. en

**Emenda 112**
**Tarja Cronberg, Franziska Katharina Brantner**
f'isem il-Grupp Verts/ALE

**Mozzjoni għal riżoluzzjoni**
**Paragrafu 35**

| *Mozzjoni għal riżoluzzjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| 35. Iqis li l-UE għandha rwol importanti x'tiżvolġi fil-proċess ta' tranżizzjoni istituzzjonali fil-Libja, partikolarment fl-oqsma tad-demobilizzazzjoni u tal-integrazzjoni tal-membri tal-brigati | 35. Iqis li l-UE għandha rwol importanti x'tiżvolġi fil-proċess ta' tranżizzjoni istituzzjonali fil-Libja, partikolarment fl-oqsma tad-demobilizzazzjoni u tal-integrazzjoni tal-membri tal-brigati |

rivoluzzjonarji, fir-riorganizzazzjoni tal-forzi armati u ***fl-assistenza għall-kontroll tal-fruntieri terrestri u marittimi***; jilmenta li l-kontribut tal-UE fis-settur tas-sigurtà qiegħed idum biex jikkonkretizza ruħu u li d-diffikultajiet tal-ippjanar u tal-implimentazzjoni ta' dan il-kontribut iħallu t-triq miftuħa għal inizjattivi bilaterali b'viżibilità u b'koerenza dubjużi; ***huwa favorevoli għall-aċċelerazzjoni tax-xogħlijiet intiżi li jippjanaw missjoni ċivili ta' appoġġ lill-kontroll tal-fruntieri;***

rivoluzzjonarji, fir-riorganizzazzjoni tal-forzi armati u ***tal-forzi tal-pulizija***; jilmenta li l-kontribut tal-UE fis-settur tas-sigurtà qiegħed idum biex jikkonkretizza ruħu u li d-diffikultajiet tal-ippjanar u tal-implimentazzjoni ta' dan il-kontribut iħallu t-triq miftuħa għal inizjattivi bilaterali b'viżibilità u b'koerenza dubjużi;

Or. en

**Emenda 113**
**Norica Nicolai**

**Mozzjoni għal riżoluzzjoni**
**Paragrafu 35a (ġdid)**

| *Mozzjoni għal riżoluzzjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| | ***35a. Jissottolinja li l-effett fit-tul tal-kriżi Libjana se jkun il-firxa wiesgħa tal-armi ħfief u ta' kalibru żgħir u li d-diżarm għandu jkun prijorità fil-pajjiż u r-reġjun tal-madwar; josserva li programm ta' DDR (demobilizzazzjoni, diżarm, reintegrazzjoni) jista' jiġi implimentat fil-pajjiż;*** |

Or. en

**Emenda 114**
**Tarja Cronberg, Franziska Katharina Brantner**
f'isem il-Grupp Verts/ALE

**Mozzjoni għal riżoluzzjoni**
**Paragrafu 36**

| *Mozzjoni għal riżoluzzjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| 36. Jieħu nota tat-tnedija tal-missjoni EUAVSEC South Sudan iddestinata li ssaħħaħ is-sigurtà tal-ajruport ta' Ġuba; ***jistaqsi però dwar il-motivazzjoni għar-rikors għal missjoni tal-PSDK biex tiżgura t-tqegħid fis-sigurtà ta' tali ajruport, billi missjoni bħal din setgħet twettqet mill-Kummissjoni permezz tal-Istrument għall-Istabbiltà tagħha;*** | 36. Jieħu nota tat-tnedija tal-missjoni EUAVSEC South Sudan iddestinata li ssaħħaħ is-sigurtà tal-ajruport ta' Ġuba; |

Or. en

**Emenda 115**
**Krzysztof Lisek**

**Mozzjoni għal riżoluzzjoni**
**Paragrafu 38**

| *Mozzjoni għal riżoluzzjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| 38. Jilqa' favorevolment l-isforzi tal-Unjoni Ewropea fil-qafas taż-żewġ missjonijiet tagħha EUSEC RD Congo u EUPOL RD Congo għall-konsolidament tal-istat tad-dritt f'dan il-pajjiż; josserva, iżda, li ***dawn iż-żewġ missjonijiet huma żgħar wisq meta mqabbla mal-kobor tal-kompiti rispettivi tagħhom u li*** tinħtieġ kollaborazzjoni attiva min-naħa tal-awtoritajiet Kongoliżi biex jinkisbu riżultati tanġibbli; | 38. Jilqa' favorevolment l-isforzi tal-Unjoni Ewropea fil-qafas taż-żewġ missjonijiet tagħha EUSEC RD Congo u EUPOL RD Congo għall-konsolidament tal-istat tad-dritt f'dan il-pajjiż; josserva, iżda, li tinħtieġ kollaborazzjoni attiva min-naħa tal-awtoritajiet Kongoliżi biex jinkisbu riżultati tanġibbli; |

Or. en

**Emenda 116**
**Ryszard Czarnecki**

**Mozzjoni għal riżoluzzjoni**
**Paragrafu 39**

| *Mozzjoni għal riżoluzzjoni* | *Emenda* |
| --- | --- |
| 39. Jilqa' pożittivament il-missjoni EUPOL Afghanistan, li l-għan tagħha huwa li jistabbilixxi pulizija ċivili u sistema ġudizzjarja li tħalli lill-Afgani jieħdu r-responsabilità primarja tal-kompiti tagħhom fi prospettiva ta' rikostruzzjonijiet tal-Istat Afgan; jenfasizza li din il-missjoni, li trid tibqa' fil-post sal-31 ta' Mejju 2013 ***u tista'*** tittawwal ***sal-31 ta***' Diċembru 2014***,*** tagħmel parti mill-isforz kumplessivi tal-komunità internazzjonali biex tippermetti lill-Afgani jiddeċiedu li jieħdu rajhom f'idejhom, ladarba jirtiraw it-truppi tan-NATO fl-2014; jistieden lir-Rappreżentant Għoli/Viċi President tal-Kummissjoni u lill-Kunsill jagħmlu riflessjoni approfondita u kondiviża mal-Parlament Ewropew dwar l-evoluzzjoni tal-apparat komprensiv tal-Unjoni u l-missjoni EUPOL, aktar speċifikament, fil-kuntest ta' wara l-2014 fl-Afganistan; | 39. Jilqa' pożittivament il-missjoni EUPOL Afghanistan, li l-għan tagħha huwa li jistabbilixxi pulizija ċivili u sistema ġudizzjarja li tħalli lill-Afgani jieħdu r-responsabilità primarja tal-kompiti tagħhom fi prospettiva ta' rikostruzzjonijiet tal-Istat Afgan; jenfasizza li din il-missjoni, li trid tibqa' fil-post sal-31 ta' Mejju 2013 ***[...] għandha*** tittawwal ***lil hinn mill-31 ta***' Diċembru 2014 ***u*** tagħmel parti mill-isforz kumplessivi tal-komunità internazzjonali biex tippermetti lill-Afgani jiddeċiedu li jieħdu rajhom f'idejhom, ladarba jirtiraw it-truppi tan-NATO fl-2014; jistieden lir-Rappreżentant Għoli/Viċi President tal-Kummissjoni u lill-Kunsill jagħmlu riflessjoni approfondita u kondiviża mal-Parlament Ewropew dwar l-evoluzzjoni tal-apparat komprensiv tal-Unjoni u l-missjoni EUPOL, aktar speċifikament, fil-kuntest ta' wara l-2014 fl-Afganistan; |

Or. en

**Emenda 117**
**Luis Yáñez-Barnuevo García**

**Mozzjoni għal riżoluzzjoni**
**Paragrafu 41**

| *Mozzjoni għal riżoluzzjoni* | *Emenda* |
| --- | --- |
| 41. ***Jikkonstata iżda*** li l-missjoni EUBAM Rafah *ssospendiet* l-operazzjonijiet tagħha mindu Hamas ħa l-kontroll tal-istrixxa ta' Gaża ***u jsostni, għalhekk,*** it-tnaqqis tal-persunal u jissottolinja li l-permanenza tagħha fir-reġjun turi r-rieda tal-Unjoni Ewropea li tagħti l-kontribut tagħha għal kull azzjoni li tkun tippermetti l-aġevolazzjoni tad-djalogu bejn l-Iżrealjani u l-Palestinjani; jiddispjaċih li l-gvern | 41. ***Jiddispjaċih*** li l-missjoni EUBAM Rafah *issospendiet* l-operazzjonijiet tagħha mindu Hamas ħa l-kontroll tal-istrixxa ta' Gaża***, kif ukoll*** it-tnaqqis tal-persunal u jissottolinja li l-permanenza tagħha fir-reġjun turi r-rieda tal-Unjoni Ewropea li tagħti l-kontribut tagħha għal kull azzjoni li tkun tippermetti l-aġevolazzjoni tad-djalogu bejn l-Iżrealjani u l-Palestinjani; jiddispjaċih li l-gvern Iżraeljan ma |

Iżraeljan ma awtorizzax lill-kap tal-missjoni EUPOL COPPS jassumi fl-istess ħin ir-rwol ta' kap tal-missjoni ta' EUBAM Rafah u li l-kwartieri ġenerali ta' din il-missjoni jinsabu f'Tel Aviv minflok f'Ġerusalemm tal-Lvant;

awtorizzax lill-kap tal-missjoni EUPOL COPPS jassumi fl-istess ħin ir-rwol ta' kap tal-missjoni ta' EUBAM Rafah u li l-kwartieri ġenerali ta' din il-missjoni jinsabu f'Tel Aviv minflok f'Ġerusalemm tal-Lvant;

Or. es

**Emenda 118**
**Traian Ungureanu**

**Mozzjoni għal riżoluzzjoni**
**Subintestatura 13a (ġdida)**

| *Mozzjoni għal riżoluzzjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| | ***Il-Moldova u l-Ukraina*** |
| | ***jilqa' l-estensjoni tal-mandat ta' EUBAM għall-Moldova u l-Ukraina u jenfasizza r-rwol tal-missjoni fit-titjib tal-kapaċitajiet ta' ġestjoni tal-fruntieri tal-Ukraina u l-Moldova, li mbagħad issaħħaħ is-sigurtà reġjonali ġenerali u aktar notevolment, tikkontribwixxi għal soluzzjoni paċifika tal-kunflitt Transnistrijan*** |

Or. en

**Emenda 119**
**Paweł Robert Kowal**

**Mozzjoni għal riżoluzzjoni**
**Paragrafu 42**

| *Mozzjoni għal riżoluzzjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| 42. Jissottolinja r-rwol pożittiv li tiżvolġi l-missjoni ta' osservazzjoni EUMM Georgia, partikolarment fis-sostenn tad-djalogu u tal-istabbiliment mill-ġdid ta' miżuri ta' fiduċja bejn il-partijiet, iżda jiddispjaċih li din il-missjoni għadha mhijiex awtorizzata | 42. Jissottolinja r-rwol pożittiv li tiżvolġi l-missjoni ta' osservazzjoni EUMM Georgia, partikolarment fis-sostenn tad-djalogu u tal-istabbiliment mill-ġdid ta' miżuri ta' fiduċja bejn il-partijiet, iżda jiddispjaċih li din il-missjoni għadha mhijiex awtorizzata |

| | |
|---|---|
| li tmur fit-territorji okkupati tal-Abkażja u tal-Ossezja tan-Nofsinhar; | li tmur fit-territorji okkupati tal-Abkażja u tal-Ossezja tan-Nofsinhar***, fejn ir-Russja ġiet rikonoxxuta bħala forza ta' okkupazzjoni mill-Parlament Ewropew, in-NATO, il-Kunsill tal-Ewropa u xi Stati Membri***; |

Or. en

**Emenda 120**
**Tunne Kelam**

**Mozzjoni għal riżoluzzjoni**
**Paragrafu 42**

| *Mozzjoni għal riżoluzzjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| 42. Jissottolinja r-rwol pożittiv li tiżvolġi l-missjoni ta' osservazzjoni EUMM Georgia, partikolarment fis-sostenn tad-djalogu u tal-istabbiliment mill-ġdid ta' miżuri ta' fiduċja bejn il-partijiet, iżda ***jiddispjaċih*** li din il-missjoni għadha mhijiex awtorizzata li tmur fit-territorji okkupati tal-Abkażja u tal-Ossezja tan-Nofsinhar; | 42. Jissottolinja r-rwol pożittiv li tiżvolġi l-missjoni ta' osservazzjoni EUMM Georgia, partikolarment fis-sostenn tad-djalogu u tal-istabbiliment mill-ġdid ta' miżuri ta' fiduċja bejn il-partijiet, iżda ***huwa serjament imħasseb*** li din il-missjoni għadha mhijiex awtorizzata li tmur fit-territorji okkupati tal-Abkażja u tal-Ossezja tan-Nofsinhar ***u jħeġġeġ lir-Rappreżentant Għoli / Viċi President titlob li l-aċċess għall-EUMM għat-territorji okkupati jingħata mingħajr aktar dewmien skont il-ftehim***; |

Or. en

**Emenda 121**
**Norica Nicolai**

**Mozzjoni għal riżoluzzjoni**
**Paragrafu 42a (ġdid)**

| *Mozzjoni għal riżoluzzjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| | ***42a. EUBAM Moldova*** |

Or. en

**Emenda 122**
**Norica Nicolai**

**Mozzjoni għal riżoluzzjoni**
**Paragrafu 42b (ġdid)**

| *Mozzjoni għal riżoluzzjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| | ***42b. Jinnota l-ħtieġa kontinwa għall-Missjoni EUBAM għall-Moldova u l-Ukraina u l-potenzjal tagħha biex tgħin soluzzjoni paċifika eventwali għall-problema ffriżata tat-territorju ta' Transnistrija; iqis li hija kwistjoni prijoritarja li l-UE tkompli tappoġġja din il-missjoni u li tkun aktar involuta b'mod attiv fil-proċess tal-paċi, peress li dan huwa l-aktar kunflitt iffriżat qrib il-fruntieri tal-Unjoni Ewropea;*** |

Or. en

**Emenda 123**
**Ana Gomes**

**Mozzjoni għal riżoluzzjoni**
**Paragrafu 43**

| *Mozzjoni għal riżoluzzjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| 43. Josserva li ***l-missjoni*** EUJUST LEX-Iraq, li l-mandat tagħha ġie pprorogat sal-31 ta' Diċembru 2013, kienet l-ewwel missjoni integrata "Stat tad-dritt" tal-UE bil-għan li tagħti kontribut għall-ħolqien ta' sistema tal-ġustizzja kriminali professjonali fl-Iraq ibbażata fuq l-istat tad-dritt; jikkonstata madankollu li l-Iraq għadu ***'l bogħod milli jkun*** stabilizzat, kif juru l-attentati regolari li tagħhom il-pajjiż huwa vittma, sitwazzjoni aggravata minn kuntest | 43. Josserva li ***l-ħidma importanti mwettqa mill-missjoni*** EUJUST LEX-Iraq, li l-mandat tagħha ġie pprorogat sal-31 ta' Diċembru 2013, kienet l-ewwel missjoni integrata "Stat tad-dritt" tal-UE bil-għan li tagħti kontribut għall-ħolqien ta' sistema tal-ġustizzja kriminali professjonali fl-Iraq ibbażata fuq l-istat tad-dritt; ***jenfasizza l-urġenza li titkabbar l-azzjoni tad-Delegazzjoni tal-UE fl-Iraq fil-pajjiż kollu, li teħtieġ awtonomija fil-bini tagħha stess f'Bagdad u jitlob riżorsi*** |

reġjonali mill-iktar inċerti;

***finanzjarji adegwati biex jiġu żgurati t-tnejn li huma;*** jikkonstata madankollu li l-Iraq għadu ***mhux kompletament*** stabilizzat, kif juru l-attentati ***terroristiċi*** regolari li tagħhom il-pajjiż huwa vittma, sitwazzjoni aggravata minn kuntest reġjonali mill-iktar inċerti***, li l-kriżi tas-Sirja tista' tkompli żżid***;

Or. en

**Emenda 124**
**Ana Gomes**

**Mozzjoni għal riżoluzzjoni**
**Paragrafu 43a (ġdid)**

| *Mozzjoni għal riżoluzzjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| | ***43a. Is-Sirja*** |
| | ***(ġdid). Jiddispjaċih li l-KSNU ġie ostakolat minn żewġ membri permanenti, iċ-Ċina u r-Russja, milli jippermetti lill-komunità internazzjonali teżerċita r-Responsabiltà ta' Protezzjoni tal-poplu tas-Sirja, taħt attakk mir-reġim qattiel ta' Assad, u jistieden lir-Rappreżentant Għoli / Viċi President biex tibda tippjana azzjoni kkoordinata, inkluża missjoni possibbli tal-PSDK, b'artikolazzjoni man-NU, il-Lega Għarbija u atturi reġjonali oħrajn biex jipproteġu l-poplu tas-Sirja, filwaqt li jibnu istituzzjonijiet statali fi transizzjoni lejn demokrazija fil-fażi ta' wara Assad;*** |

Or. en

**Emenda 125**
**Tunne Kelam**

**Mozzjoni għal riżoluzzjoni**
**Paragrafu 44**

| *Mozzjoni għal riżoluzzjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| 44. Josserva l-importanza tar-ritorn ta' esperjenza tal-missjonijiet u tal-operazzjonijiet immexxija fl-ambitu tal-PSDK u jilqa' pożittivament ix-xogħol kompjut f'dan is-sens mis-CMPD u mill-EUMS; jitlob lir-Rappreżentant Għoli/Viċi President tal-Kummissjoni tirrapporta lill-Parlament Ewropew dwar ir-riżultati ta' dan ix-xogħol; | 44. Josserva l-importanza tar-ritorn ta' esperjenza tal-missjonijiet u tal-operazzjonijiet immexxija fl-ambitu tal-PSDK u jilqa' pożittivament ix-xogħol kompjut f'dan is-sens mis-CMPD u mill-EUMS; jitlob lir-Rappreżentant Għoli/Viċi President tal-Kummissjoni tirrapporta ***regolarment*** lill-Parlament Ewropew dwar ir-riżultati ta' dan ix-xogħol; |

Or. en

**Emenda 126**
**Luis Yáñez-Barnuevo García**

**Mozzjoni għal riżoluzzjoni**
**Paragrafu 44a (ġdid)**

| *Mozzjoni għal riżoluzzjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| | ***44a. Iqis li hija partikolarment rilevanti l-esperjenza tal-missjonijiet u l-operazzjonijiet ċivili, qasam li fih l-UE twettaq ħidma estensiva u li pproduċiet riżultati importanti fih. Jemmen li dan il-valur miżjud tal-operazzjonijiet ċivili tal-UE, għandu jiġi kkunsidrat fil-koordinazzjoni u d-diviżjoni tax-xogħol mal-imsieħba tagħna, u l-alleati fil-ġestjoni tal-kriżi internazzjonali.*** |

Or. es

**Emenda 127**
**Petru Constantin Luhan**

**Mozzjoni għal riżoluzzjoni**
**Paragrafu 44a (ġdid)**

| *Mozzjoni għal riżoluzzjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| | ***44a. Jirrakkomanda li kull missjoni għandu jkollha uffiċjali ta' "l-aħjar prattika" li jirraportaw direttament lill-EUSR, li jabbozzaw rapporti dwar kif jistgħu jiġu evitati l-iżbalji tal-passat. Barra minn hekk, għandha tiġi stabbilita unità ta' "lezzjonijiet miksuba" fis-Segretarjat tal-Kunsill biex tissintetizza r-rapporti minn fuq il-post.*** |

Or. en

**Emenda 128**
**Ágnes Hankiss**

**Mozzjoni għal riżoluzzjoni**
**Paragrafu 45**

| *Mozzjoni għal riżoluzzjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| 45. Jikkonstata li l-operazzjonijiet ***ċivili u*** militari tal-Unjoni għadhom ta' spiss ibatu minn problemi ta' ġenerazzjoni ta' forzi u li l-kredibilità tal-PSDK hija f'riskju fl-assenza ta' kapaċitajiet kredibbli; jistieden għalhekk lill-Istati Membri jibqgħu mobilizzati biex ifornu persunal u tagħmir ta' kwalità; | 45. Jikkonstata li l-operazzjonijiet militari tal-Unjoni għadhom ta' spiss ibatu minn problemi ta' ġenerazzjoni ta' forzi u li l-kredibilità tal-PSDK hija f'riskju fl-assenza ta' kapaċitajiet kredibbli; jistieden għalhekk lill-Istati Membri jibqgħu mobilizzati biex ifornu persunal u tagħmir ta' kwalità; |

Or. hu

**Emenda 129**
**Ana Gomes**

**Mozzjoni għal riżoluzzjoni**
**Paragrafu 45**

| *Mozzjoni għal riżoluzzjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| 45. Jikkonstata li l-operazzjonijiet ċivili u militari tal-Unjoni għadhom ta' spiss ibatu | 45. Jikkonstata li l-operazzjonijiet ċivili u militari tal-Unjoni għadhom ta' spiss ibatu |

| | |
|---|---|
| minn problemi ta' ġenerazzjoni ta' forzi u li l-kredibilità tal-PSDK hija f'riskju fl-assenza ta' kapaċitajiet kredibbli; jistieden għalhekk lill-Istati Membri jibqgħu mobilizzati biex ifornu persunal u tagħmir ta' kwalità; | minn problemi ta' ġenerazzjoni ta' forzi u li l-kredibilità tal-PSDK hija f'riskju fl-assenza ta' kapaċitajiet kredibbli; jistieden għalhekk lill-Istati Membri jibqgħu mobilizzati biex ifornu persunal u tagħmir ta' kwalità ***u biex jibnu fuq il-kompetenza tal-Aġenzija Ewropea għad-Difiża biex tiggwida lill-Istati Membri rigward kif l-aħjar jippjanaw l-ispejjeż tad-difiża, il-proċessi tal-akkwist tagħhom, u tiggwidahom lejn approċċ aktar intelliġenti ta' akkomunament u kondiviżjoni ta' riżorsi u kapaċitajiet, li huwa partikolarment kruċjali fi żminijiet ta' kriżi finanzjarja u tnaqqis devastanti fil-baġit tad-difiża***; |

Or. en

**Emenda 130**
**Tarja Cronberg**
f'isem il-Grupp Verts/ALE

**Mozzjoni għal riżoluzzjoni**
**Paragrafu 46**

| *Mozzjoni għal riżoluzzjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| 46. Josserva li l-istrutturi ta' ġestjoni tal-kriżijiet *fi ħdan is-SEAE* għadhom b'persunal nieqes, ***kemm*** mil-lat ċivili ***kif ukoll militari***, u dan jagħmel ħsara lill-kapaċità ***tagħhom*** ta' reazzjoni u jikkontribwixxi għal ċerta marġinalizzazzjoni tal-PSDK; jappella lir-Rappreżentant Għoli/Viċi President tal-Kummissjoni tirmedja mill-aktar fis possibbli s-sitwazzjoni; jinsisti fuq ir-rabta diretta li trid teżisti bejn ir-Rappreżentant Għoli/Viċi President tal-Kummissjoni u l-istrutturi ta' ġestjoni ta' kriżi tal-PSDK; | 46. Josserva li l-istrutturi ta' ġestjoni tal-kriżijiet *fis-SEAE* għadhom b'persunal nieqes, mil-lat ċivili, u dan jagħmel ħsara lill-kapaċità ***tiegħu*** ta' reazzjoni u jikkontribwixxi għal ċerta marġinalizzazzjoni tal-PSDK; jappella lir-Rappreżentant Għoli/Viċi President tal-Kummissjoni tirmedja mill-aktar fis possibbli s-sitwazzjoni; jinsisti fuq ir-rabta diretta li trid teżisti bejn ir-Rappreżentant Għoli/Viċi President tal-Kummissjoni u l-istrutturi ta' ġestjoni ta' kriżi tal-PSDK; |

Or. en

**Emenda 131**
**Justas Vincas Paleckis**

**Mozzjoni għal riżoluzzjoni**
**Paragrafu 46a (ġdid)**

| *Mozzjoni għal riżoluzzjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| | ***46a. Jistieden lill-Kunsill u lill-Istati Membri biex isostnu l-kunsiderazzjoni ta' aspetti tat-tibdil fil-klima u l-protezzjoni ambjentali fl-ippjanar u l-implimentazzjoni ta' operazzjonijiet militari, ċivili-militari u ċivili madwar id-dinja;*** |

Or. en

**Emenda 132**
**Michael Gahler**

**Mozzjoni għal riżoluzzjoni**
**Subintestatura 17**

| *Mozzjoni għal riżoluzzjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| Kapaċitajiet ċivili | ***Persunal u*** kapaċitajiet ċivili |

Or. en

**Emenda 133**
**Tarja Cronberg**
f'isem il-Grupp Verts/ALE

**Mozzjoni għal riżoluzzjoni**
**Paragrafu 47**

| *Mozzjoni għal riżoluzzjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| 47. Jenfasizza d-diffikultajiet li jiltaqgħu magħhom l-Istati Membri biex ifornu l-persunal adegwat, anki f'numru suffiċjenti, għall-missjonijiet ċivili mmexxija fl- | 47. Jenfasizza d-diffikultajiet li jiltaqgħu magħhom l-Istati Membri biex ifornu l-persunal adegwat, anki f'numru suffiċjenti, għall-missjonijiet ċivili mmexxija fl- |

| | |
|---|---|
| ambitu tal-PSDK; | ambitu tal-PSDK; ***jistieden lill-Kummissjoni u s-SEAE biex jesploraw metodi ta' assistenza lill-Istati Membri rigward iż-żieda fin-numru tal-pulizija, l-imħallfin u l-persunal speċjalizzat ħafna fil-qasam tal-amministrazzjoni pubblika biex jiġu skjerati mal-missjonijiet ċivili tal-PSDK;*** |

Or. en

**Emenda 134**
**Tarja Cronberg**
f'isem il-Grupp Verts/ALE

**Mozzjoni għal riżoluzzjoni**
**Paragrafu 48a (ġdid)**

| *Mozzjoni għal riżoluzzjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| | ***48a. Jissottolinja l-ħtieġa li jiġu żviluppati, b'mod kumplimentari għal dawk il-kapaċitajiet imsemmija fil-kuntest tal-Objettiv Primarju Ċivili li jirreferu għall-pulizija, l-imħallfin, il-persunal speċjalizzat ħafna fil-qasam tal-amministrazzjoni, linji gwida aktar effettivi ta' medjazzjoni u kapaċitajiet sabiex jipprovdu riżorsi adegwati għal medjazzjoni f'waqtha u b'mod ikkoordinat;*** |

Or. en

**Emenda 135**
**Norica Nicolai**

**Mozzjoni għal riżoluzzjoni**
**Paragrafu 48a (ġdid)**

| *Mozzjoni għal riżoluzzjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| | ***48a. Josserva bi tħassib li f'xi Stati*** |

| | |
|---|---|
| | ***Membri, l-identifikazzjoni, il-koordinazzjoni u l-iskjerament ta' persunal ċivili fil-missjoni PSDK għadu maqsum bejn diversi korpi u ministeri; jitlob il-ħolqien jew l-identifikazzjoni ta' korpi rilevanti li jistgħu jissorveljaw il-kapaċitajiet ċivili tal-pajjiż, permezz ta' rosters permanenti ta' esperti, f'koordinazzjoni mal-militar għall-iskjerament tagħhom u jkunu wkoll responsabbli mill-ħlas sussegwenti u l-protezzjoni soċjali ta' dawn l-esperti;*** |

Or. en

**Emenda 136**
**Michael Gahler**

**Mozzjoni għal riżoluzzjoni**
**Paragrafu 49 – parti introduttorja**

| *Mozzjoni għal riżoluzzjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| 49. Ifakkar f'dan ir-rigward fil-konklużjonijiet tal-Kunsill tal-21 ta' Marzu 2011 dwar il-kapaċitajiet ċivili tal-PSDK u jqis li dawn għad għandhom ir-rilevanza tagħhom, jiġifieri: | 49. ***Jiddispjaċih f'dan ir-rigward dwar in-negliġenza ta' riżoluzzjonijiet parlamentari tal-passat mir-Rappreżentant Għoli / Viċi President tal-Kummissjoni Ewropea u l-Istati Membri li jitolbu persunal u kapaċitajiet ċivili sostanzjali suffiċjenti u kompetenti;*** ifakkar f'dan ir-rigward fil-konklużjonijiet tal-Kunsill tal-21 ta' Marzu 2011 dwar il-kapaċitajiet ċivili tal-PSDK u jqis li dawn għad għandhom ir-rilevanza tagħhom, jiġifieri: |

Or. en

**Emenda 137**
**Michael Gahler**

**Mozzjoni għal riżoluzzjoni**
**Subintestatura 18**

| *Mozzjoni għal riżoluzzjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| Kapaċitajiet militari | ***Persunal u*** kapaċitajiet militari |

Or. en

**Emenda 138**
**Maria Eleni Koppa**

**Mozzjoni għal riżoluzzjoni**
**Paragrafu 50**

| *Mozzjoni għal riżoluzzjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| 50. Josserva li l-Istati Membri, minħabba kemm raġunijiet finanzjarji, baġitarji kif ukoll politiċi marbuta jew le mal-kriżi li qiegħda tolqot iż-żona euro, qegħdin f'fażi ta' tnaqqis jew, l-aktar l-aktar, ta' żamma, tal-livell tal-baġits ta' difiża tagħhom, u ***jikkonstata li tali sitwazzjoni għandha effetti negattivi fit-tul fuq il-kredibilità tal-Unjoni Ewropea u tal-Istati Membri tagħha inkwantu atturi ewlenin tax-xena*** internazzjonali***, mhux biss quddiem alleat tradizzjonali bħall-Istati Uniti, iżda wkoll fil-konfront ta' pajjiżi emerġenti bħaċ-Ċina, il-Brażil jew ir-Russja***; | 50. Josserva li ***l-Ewropa bħalissa qed tiffaċċja restrizzjonijiet finanzjarji sinifikanti u li*** l-Istati Membri ***tal-UE***, minħabba kemm raġunijiet finanzjarji, baġitarji kif ukoll politiċi marbuta jew le mal-kriżi li qiegħda tolqot iż-żona euro, qegħdin f'fażi ta' tnaqqis jew, l-aktar l-aktar, ta' żamma, tal-livell tal-baġits ta' difiża tagħhom***; jenfasizza l-effetti negattivi potenzjali ta' dawn il-miżuri fuq il-kapaċitajiet militari tagħhom u***, ***għalhekk, fuq il-kapaċità tal-UE li effettivament tieħu f'idejha r-responsabbiltajiet tagħha għaż-żamma tal-paċi, il-prevenzjoni tal-kunflitti*** u ***t-tisħiħ tas-sigurtà*** internazzjonali; |

Or. en

**Emenda 139**
**Ioan Mircea Paşcu**

**Mozzjoni għal riżoluzzjoni**
**Paragrafu 50**

| *Mozzjoni għal riżoluzzjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| 50. Josserva li l-Istati Membri, minħabba | 50. Josserva li l-Istati Membri, minħabba |

| | |
|---|---|
| kemm raġunijiet finanzjarji, baġitarji kif ukoll politiċi marbuta jew le mal-kriżi li qiegħda tolqot iż-żona euro, qegħdin f'fażi ta' tnaqqis jew, l-aktar l-aktar, ta' żamma, tal-livell tal-baġits ta' difiża tagħhom, u jikkonstata li tali sitwazzjoni għandha effetti negattivi fit-tul fuq il-kredibilità tal-Unjoni Ewropea u tal-Istati Membri tagħha inkwantu atturi ewlenin tax-xena internazzjonali, mhux biss quddiem alleat tradizzjonali bħall-Istati Uniti, iżda wkoll fil-konfront ta' pajjiżi emerġenti bħaċ-Ċina, il-Brażil jew ir-Russja***;*** | kemm raġunijiet finanzjarji, baġitarji kif ukoll politiċi marbuta jew le mal-kriżi li qiegħda tolqot iż-żona euro, qegħdin f'fażi ta' tnaqqis jew, l-aktar l-aktar, ta' żamma, tal-livell tal-baġits ta' difiża tagħhom, u jikkonstata li tali sitwazzjoni għandha effetti negattivi fit-tul fuq il-kredibilità tal-Unjoni Ewropea u tal-Istati Membri tagħha inkwantu atturi ewlenin tax-xena internazzjonali, mhux biss quddiem alleat tradizzjonali bħall-Istati Uniti, iżda wkoll fil-konfront ta' pajjiżi emerġenti bħaċ-Ċina, il-Brażil***, l-Indja*** jew ir-Russja***.*** |

Or. en

**Emenda 140**
**Luis Yáñez-Barnuevo García**

**Mozzjoni għal riżoluzzjoni**
**Paragrafu 50a (ġdid)**

| *Mozzjoni għal riżoluzzjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| | ***50a. Josserva żieda fil-kapaċitajiet militari u fl-armi fil-kontinent Asjatiku u speċjalment fiċ-Ċina. Jitlob li jiġi approfondit id-djalogu mar-reġjun, b'enfasi fuq il-kwistjonijiet ta' sigurtà u ta' difiża.*** |

Or. es

**Emenda 141**
**Luis Yáñez-Barnuevo García**

**Mozzjoni għal riżoluzzjoni**
**Paragrafu 51a (ġdid)**

| *Mozzjoni għal riżoluzzjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| | ***51a. Jitlob reviżjoni u studju tar-rwol, li qed ikollhom il-forzi tas-sigurtà privati u l-merċenarji fuq il-kunflitti attwali, jitlob*** |

| | |
|---|---|
| | ***kunsiderazzjoni approfondita tal-impatt tagħhom, u l-effetti li jista' jkollhom fuq il-ħidma li l-missjonijiet u l-operazzjonijiet tal-PSDK tal-UE qed iwettqu f'pajjiżi terzi.*** |

Or. es

**Emenda 142**
**Tarja Cronberg, Reinhard Bütikofer**
f'isem il-Grupp Verts/ALE

**Mozzjoni għal riżoluzzjoni**
**Paragrafu 52**

| *Mozzjoni għal riżoluzzjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| 52. Jissottolinja li l-baġits Ewropej ta' difiża tal-Istati Membri kollha flimkien, f'valur *assoluti*, huma paragunabbli sew mal-ispejjeż tal-potenzi emerġenti prinċipali *jirriżulta li* u li l-problema hija għaldaqstant aktar politika milli baġitarja, mid-definizzjoni ta' ***bażi industrijali u teknoloġika Ewropea*** sal-akkomunament ta' ċerti kapaċitajiet operattivi; | 52. Jissottolinja li l-baġits Ewropej ta' difiża tal-Istati Membri kollha flimkien, f'valur *assolut*, huma paragunabbli sew mal-ispejjeż tal-potenzi emerġenti prinċipali u li l-problema hija għaldaqstant aktar politika milli baġitarja, mid-definizzjoni ta' ***definizzjoni tassew preċiża tal-kapaċitajiet meħtieġa għall-missjonijiet effettivi tal-PSDK*** sal-akkomunament ta' ċerti kapaċitajiet operattivi; ***ifakkar ukoll il-fatt li l-akkwist fil-qasam tal-armamenti fl-Ewropa għadu kkaratterizzat minn grad għoli ta' duplikazzjoni u għalhekk ħela ta' flus tal-kontribwenti;*** |

Or. en

**Emenda 143**
**Luis Yáñez-Barnuevo García**

**Mozzjoni għal riżoluzzjoni**
**Paragrafu 52**

| *Mozzjoni għal riżoluzzjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| 52. Jissottolinja li l-baġits Ewropej ta' difiża tal-Istati Membri kollha flimkien, f'valur assoluti, huma paragunabbli sew mal-ispejjeż tal-potenzi emerġenti prinċipali *jirriżulta li* u li l-problema hija għaldaqstant aktar politika milli baġitarja, mid-definizzjoni ta' bażi industrijali u teknoloġika Ewropea sal-akkomunament ta' ċerti kapaċitajiet operattivi; | 52. Jissottolinja li l-baġits Ewropej ta' difiża tal-Istati Membri kollha flimkien, f'valur assoluti, huma paragunabbli sew mal-ispejjeż tal-potenzi emerġenti prinċipali u li l-problema hija għaldaqstant aktar politika milli baġitarja, mid-definizzjoni ta' bażi industrijali u teknoloġika Ewropea sal-akkomunament ta' ċerti kapaċitajiet operattivi; ***jiddikjara li l-konsorzji, l-inizjattivi konġunti u proġetti ta' fużjoni bejn l-impriżi Ewropej jistgħu jikkontribwixxu għall-iżvilupp ta' industrija Ewropea tad-difiża.*** |

Or. es

**Emenda 144**
**Michael Gahler**

**Mozzjoni għal riżoluzzjoni**
**Paragrafu 53**

| *Mozzjoni għal riżoluzzjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| 53. Josserva li l-azzjoni militari fil-Libja, mibdija minn Franza u mir-Renju Unit bl-appoġġ tal-Istati Uniti u sussegwentement meħuda min-NATO, enfasizzat il-kapaċità ta' ċerti Stati Ewropej li jimpenjaw ruħhom f'kunflitti ta' intensità għolja, iżda wkoll id-diffikultajiet tagħhom biex imexxu azzjonijiet ta' dan it-tip fit-tul, partikolarment minħabba n-nuqqas ta' kapaċitajiet fundamentali bħar-riforniment ta' karburant fl-ajru, il-ġbir ta' tagħrif jew *l-munizzjon* bi gwida ta' preċiżjoni; | 53. Josserva li l-azzjoni militari fil-Libja, mibdija minn Franza u mir-Renju Unit bl-appoġġ tal-Istati Uniti u sussegwentement meħuda min-NATO, enfasizzat il-kapaċità ***limitata*** ta' ċerti Stati Ewropej li jimpenjaw ruħhom f'kunflitti ta' intensità għolja, iżda wkoll id-diffikultajiet tagħhom biex imexxu azzjonijiet ta' dan it-tip fit-tul, partikolarment minħabba n-nuqqas ta' kapaċitajiet fundamentali bħar-riforniment ta' karburant fl-ajru, il-ġbir ta' tagħrif jew *il-munizzjon* bi gwida ta' preċiżjoni; |

Or. en

**Emenda 145**
**Norica Nicolai**

**Mozzjoni għal riżoluzzjoni**
**Paragrafu 54a (ġdid)**

| *Mozzjoni għal riżoluzzjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| | ***54a. Jilqa' ftehimiet bilaterali bħat-trattat bejn Franza u r-Renju Unit dwar il-kooperazzjoni militari u jistieden lill-Istati Membri l-oħra biex jikkunsidraw tali ftehimiet bilaterali jew multilaterali għall-kooperazzjoni u l-integrazzjoni militari bħala għodda importanti għall-iffrankar tal-flus, li tista' tevita d-duplikazzjoni u tikkostitwixxi proċess ta' akkumulazzjoni lokali għall-PSDK u l-futur tal-integrazzjoni tas-sigurtà tal-UE;*** |

Or. en

**Emenda 146**
**Tarja Cronberg, Reinhard Bütikofer**
f'isem il-Grupp Verts/ALE

**Mozzjoni għal riżoluzzjoni**
**Paragrafu 55**

| *Mozzjoni għal riżoluzzjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| 55. Jifraħ bl-ewwel passi 'l quddiem tal-inizjattiva ta' "akkomunament u kondiviżjoni" ("pooling and sharing") tal-Unjoni Ewropea u ***jagħti ġieħ lill-ħidma*** tal-Aġenzija Ewropea għad-Difiża (AED) li ppermettiet li jiġu identifkati 11-il qasam ta' azzjoni prijoritarju; jissottolinja b'mod partikolari l-progress li sar f'4 oqsma: rifornimment ta' karburant fl-ajru, sorveljanza marittima, sostenn mediku u taħriġ; jitlob madankollu li din l-inizjattiva tingħata qafas strateġiku; | 55. Jifraħ bl-ewwel passi 'l quddiem tal-inizjattiva ta' "akkomunament u kondiviżjoni" ("pooling and sharing") tal-Unjoni Ewropea u ***josserva l-ħidma*** tal-Aġenzija Ewropea għad-Difiża (AED) li ppermettiet li jiġu identifkati ***biss*** 11-il qasam ta' azzjoni prijoritarju ***minn 300 proposta magħmula mill-Kapijiet nazzjonali tad-Difiża (CHODs) f'Mejju 2011***; jissottolinja b'mod partikolari l-progress li sar f'4 oqsma: rifornimment ta' karburant fl-ajru, sorveljanza marittima, sostenn mediku u taħriġ; jitlob madankollu li din l-inizjattiva tingħata qafas strateġiku ***u jitlob approċċ aktar ambizzjuż kemm f'termini*** |

*kwantitattivi kif ukoll kwalitattivi*;

Or. en

**Emenda 147**
**Michael Gahler**

**Mozzjoni għal riżoluzzjoni**
**Paragrafu 55**

| *Mozzjoni għal riżoluzzjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| 55. Jifraħ bl-ewwel passi 'l quddiem tal-inizjattiva ta' "akkomunament u kondiviżjoni" ("pooling and sharing") tal-Unjoni Ewropea u jagħti ġieħ lill-ħidma tal-Aġenzija Ewropea għad-Difiża (AED) li ppermettiet li jiġu identifkati 11-il qasam ta' azzjoni prijoritarju; jissottolinja b'mod partikolari l-progress li sar f'4 oqsma: rifορniment ta' karburant fl-ajru, sorveljanza marittima, sostenn mediku u taħriġ; jitlob madankollu li din l-inizjattiva tingħata qafas strateġiku; | 55. Jifraħ bl-ewwel passi 'l quddiem tal-inizjattiva ta' "akkomunament u kondiviżjoni" ("pooling and sharing") tal-Unjoni Ewropea u jagħti ġieħ lill-ħidma tal-Aġenzija Ewropea għad-Difiża (AED) li ppermettiet li jiġu identifkati 11-il qasam ta' azzjoni prijoritarju; jissottolinja b'mod partikolari l-progress li sar f'4 oqsma: riforniment ta' karburant fl-ajru, sorveljanza marittima, sostenn mediku u taħriġ; jitlob madankollu li din l-inizjattiva tingħata qafas strateġiku; ***jiddispjaċih madankollu li sa issa l-inizjattiva għadha ma mliet l-ebda waħda mil-lakuni identifikati fl-Objettiv Primarju tal-2010; jieħu nota tar-retiċenzi tal-Istati Membri biex jerfgħu l-piż li jkunu nazzjon gwida għal wieħed mit-300 proġett issuġġerit ta' akkomunament u kondiviżjoni ppreżentati mill-Persunal Militari tal-UE f'April 2011; fid-dawl tal-Kunsill Ewropew għad-difiża s-sena d-dieħla, jitlob lill-Istati Membri biex jikkunsidraw il-kapaċitajiet eżistenti fl-Unjoni Ewropea u jagħmlu l-inizjattiva fundamentalment sostenibbli sabiex jibdew proċess Ewropew għall-ippjanar tad-difiża;*** |

Or. en

**Emenda 148**
**Michael Gahler**

**Mozzjoni għal riżoluzzjoni**
**Paragrafu 56**

| *Mozzjoni għal riżoluzzjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| 56. Isostni partikolarment il-proġett dwar ir-riforniment ta' karburant fl-ajru li jinkludi wkoll kapitolu "akkwiżizzjoni"; jinsisti biex l-Istati Membri jippreservaw in-natura Ewropea ta' din l-inizjattiva u jqis li l-Organizzazzjoni Konġunta għall-Kooperazzjoni fil-Qasam tal-Armamenti (OCCAR) tkun adatta biex tamministra l-kapitolu "akkwiżizzjoni"; | 56. Isostni partikolarment il-proġett dwar ir-riforniment ta' karburant fl-ajru li jinkludi wkoll kapitolu "akkwiżizzjoni"; ***jiddispjaċih f'dan ir-rigward madankollu dwar ir-riżultat limitat mistenni tal-isforz fit-tiġdid biss tal-kapaċitajiet eżistenti minflok ma jinħolqu oħrajn ġodda;*** jinsisti biex l-Istati Membri jippreservaw in-natura Ewropea ta' din l-inizjattiva u jqis li l-Organizzazzjoni Konġunta għall-Kooperazzjoni fil-Qasam tal-Armamenti (OCCAR) tkun adatta biex tamministra l-kapitolu "akkwiżizzjoni"; |

Or. en

**Emenda 149**
**Tarja Cronberg**
f'isem il-Grupp Verts/ALE

**Mozzjoni għal riżoluzzjoni**
**Paragrafu 58**

| *Mozzjoni għal riżoluzzjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| ***58. Ifakkar li bil-gwerra fil-Libja deher aħjar ukoll in-nuqqas ta' vetturi tal-ajru mingħajr ekwipaġġ ta' rikonjizzjoni fil-forzi armati Ewropej u jikkonstata li, fl-Ewropa, għalissa jeżistu żewġ proġetti konkorrenti ta' vetturi tal-ajru mingħajr ekwipaġġ MALE (Medium Altitude Long Endurance); josserva wkoll li l-kooperazzjoni bejn Franza u r-Renju Unit fil-qasam tal-vetturi tal-ajru mingħajr ekwipaġġ ta' kumbattiment tista' tislet benefiċċju jekk ma tkunx esklużiva u*** | ***imħassar*** |

***tinfetaħ għal sħab Ewropej oħrajn;***

Or. en

**Emenda 150**
**Luis Yáñez-Barnuevo García**

**Mozzjoni għal riżoluzzjoni**
**Paragrafu 58**

| *Mozzjoni għal riżoluzzjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| 58. Ifakkar li bil-gwerra fil-Libja deher aħjar ukoll in-nuqqas ta' vetturi tal-ajru mingħajr ekwipaġġ ta' rikonjizzjoni fil-forzi armati Ewropej u jikkonstata li, fl-Ewropa, għalissa jeżistu żewġ proġetti konkorrenti ta' vetturi tal-ajru mingħajr ekwipaġġ MALE (Medium Altitude Long Endurance); josserva wkoll li l-kooperazzjoni bejn Franza u r-Renju Unit fil-qasam tal-vetturi tal-ajru mingħajr ekwipaġġ ta' kumbattiment tista' tislet benefiċċju jekk ma tkunx esklużiva u tinfetaħ għal sħab Ewropej oħrajn; | 58. Ifakkar li bil-gwerra fil-Libja deher aħjar ukoll in-nuqqas ta' vetturi tal-ajru mingħajr ekwipaġġ ta' rikonjizzjoni fil-forzi armati Ewropej u jikkonstata li, fl-Ewropa, għalissa jeżistu żewġ proġetti konkorrenti ta' vetturi tal-ajru mingħajr ekwipaġġ MALE (Medium Altitude Long Endurance); josserva wkoll li l-kooperazzjoni bejn Franza u r-Renju Unit fil-qasam tal-vetturi tal-ajru mingħajr ekwipaġġ ta' kumbattiment tista' tislet benefiċċju jekk ma tkunx esklużiva u tinfetaħ għal sħab Ewropej oħrajn; ***jenfasizza bis-sħiħ li deċiżjoni fundamentali għall-kisba ta' kapaċitajiet ta' vetturi tal-ajru mingħajr ekwipaġġ bl-armi għandha tkun akkumpanjata mill-iżvilupp ta' standards ċari, infurzabbli u trasparenti li jirregolaw l-użu tagħhom imħejjija bl-involviment ta' firxa wiesgħa ta' atturi, inklużi esperti legali u organizzazzjonijiet tas-soċjetà ċivili;*** |

Or. en

**Emenda 151**
**Michael Gahler**

**Mozzjoni għal riżoluzzjoni**
**Paragrafu 59**

| *Mozzjoni għal riżoluzzjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| 59. Jikkunsidra li l-ħolqien tal-Kmand Ewropew tat-Trasport bl-Ajru huwa eżempju konkret u li rnexxa ta' "akkomunament u kondiviżjoni" u jenfasizza li l-ħolqien ta' flotta ta' A400M *fi ħdan din* l-istruttura jista' jsaħħaħ notevolment il-kapaċitajiet ta' projezzjoni tal-Unjoni Ewropea u tal-Istati Membri tagħha; | 59. Jikkunsidra li l-ħolqien tal-Kmand Ewropew tat-Trasport bl-Ajru ***(EATC)*** huwa eżempju konkret u li rnexxa ta' "akkomunament u kondiviżjoni" u jenfasizza li l-ħolqien ta' flotta ta' A400M *f'din* l-istruttura jista' jsaħħaħ notevolment il-kapaċitajiet ta' projezzjoni tal-Unjoni Ewropea u tal-Istati Membri tagħha; ***jinkoraġġixxi lill-Istati parteċipanti kollha biex idaħħlu l-mezzi kollha tat-trasport disponibbli fl-EATC; jinkoraġġixxi lill-Istati Membri tal-UE mhux parteċipanti biex jieħdu sehem fl-EATC;*** |

Or. en

**Emenda 152**
**Tarja Cronberg, Reinhard Bütikofer**
f'isem il-Grupp Verts/ALE

**Mozzjoni għal riżoluzzjoni**
**Paragrafu 61**

| *Mozzjoni għal riżoluzzjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| 61. Jinsisti biex it-tisħiħ tal-kapaċitajiet Ewropej jissarraf ukoll f'konsolidament tal-bażi industrijali u teknoloġika tad-difiża Ewropea; ***ifakkar f'dan ir-rigward l-importanza ta' preferenza Ewropea u r-rilevanza ta' att Ewropew għax-xiri;*** | 61. Jinsisti biex it-tisħiħ tal-kapaċitajiet Ewropej jissarraf ukoll f'konsolidament tal-bażi industrijali u teknoloġika tad-difiża Ewropea; |

Or. en

**Emenda 153**
**Maria Eleni Koppa**

**Mozzjoni għal riżoluzzjoni**
**Paragrafu 62**

| *Mozzjoni għal riżoluzzjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| 62. ***Josserva*** li l-kriżi finanzjarja u baġitarja li għaddejjin minnha l-Unjoni Ewropea u l-Istati Membri tagħha ***se*** twassal għal telf ta' kompetenzi tekniċi ***jekk ma jkun varat l-ebda*** programm ewlieni ***f'livell Ewropew fuq bażi bilaterali jew multilaterali u din tista' tirriżulta wkoll fl-għajbien tan-nisġa industrijali ferm speċjalizzata***; | 62. ***Iwissi*** li l-kriżi finanzjarja u baġitarja li għaddejjin minnha l-Unjoni Ewropea u l-Istati Membri tagħha ***tista'*** twassal għal telf ta' kompetenzi tekniċi ***u tista' twassal ukoll għall-għajbien ta' tessut industrijali speċjalizzat ħafna; jirrakkomanda bis-sħiħ, għalhekk, is-sinerġiji Ewropej u jsostni l-promozzjoni ta'*** programm ***Ewropew*** ewlieni ***li għandhom ikunu miftuħa għall-paretecipazzjoni tal-Istati Membri kollha***; |

Or. en

**Emenda 154**
**Luis Yáñez-Barnuevo García**

**Mozzjoni għal riżoluzzjoni**
**Paragrafu 62**

| *Mozzjoni għal riżoluzzjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| 62. Josserva li l-kriżi finanzjarja u baġitarja li għaddejjin minnha l-Unjoni Ewropea u l-Istati Membri tagħha se twassal għal telf ta' kompetenzi tekniċi jekk ma jkun varat l-ebda programm ewlieni f'livell Ewropew fuq bażi bilaterali jew multilaterali u din tista' tirriżulta wkoll fl-għajbien tan-nisġa industrijali ferm speċjalizzata; | 62. Josserva li l-kriżi finanzjarja u baġitarja li għaddejjin minnha l-Unjoni Ewropea u l-Istati Membri tagħha se twassal għal telf ta' kompetenzi tekniċi jekk ma jkun varat l-ebda programm ewlieni f'livell Ewropew fuq bażi bilaterali jew multilaterali u din tista' tirriżulta wkoll fl-għajbien tan-nisġa industrijali ferm speċjalizzata; ***jiġbed l-attenzjoni wkoll, rigward l-industrija ta' daqs medju tad-difiża Ewropea, affettwata wkoll mill-kriżi ekonomika u finanzjarja, u li tista' tiġġenera attività ekonomika u hija responsabbli għall-impjiegi f'xi Stati Membri tal-UE.*** |

Or. es

**Emenda 155**
**Luis Yáñez-Barnuevo García**

**Mozzjoni għal riżoluzzjoni**
**Paragrafu 63**

| *Mozzjoni għal riżoluzzjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| 63. Jikkonstata b'inkwiet it-tnaqqis ta' approprjazzjonijiet iddestinati għar-riċerka u għat-teknoloġija, li jolqot fit-tul il-kapaċità tal-Ewropej li jżommu strument ta' difiża kredibbli; | 63. Jikkonstata b'inkwiet it-tnaqqis ta' approprjazzjonijiet iddestinati għar-riċerka u għat-teknoloġija, li jolqot fit-tul il-kapaċità tal-Ewropej li jżommu strument ta' difiża kredibbli; ***ifakkar li l-investiment fir-riċerka u t-teknoloġija tad-difiża, kellu riżultati importanti b'applikazzjonijiet ċivili.*** |

Or. es

**Emenda 156**
**Michael Gahler**

**Mozzjoni għal riżoluzzjoni**
**Paragrafu 63**

| *Mozzjoni għal riżoluzzjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| 63. Jikkonstata b'inkwiet it-tnaqqis ta' approprjazzjonijiet iddestinati għar-riċerka u għat-teknoloġija, li jolqot fit-tul il-kapaċità tal-Ewropej li jżommu strument ta' difiża kredibbli; | 63. ***Jilqa' l-proposta tal-Kummissjoni dwar Orizzont 2020 għal riċerka u akkwist ċivili u militari fil-futur iffinanzjati mill-UE fis-servizz tal-missjonijiet tal-PSDK;*** jikkonstata b'inkwiet it-tnaqqis ta' approprjazzjonijiet iddestinati għar-riċerka u għat-teknoloġija ***fost l-Istati Membri***, li jolqot fit-tul il-kapaċità tal-Ewropej li jżommu strument ta' difiża kredibbli; |

Or. en

**Emenda 157**
**Tarja Cronberg**
f'isem il-Grupp Verts/ALE

**Mozzjoni għal riżoluzzjoni**
**Paragrafu 63**

| *Mozzjoni għal riżoluzzjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| 63. Jikkonstata ***b'inkwiet it-tnaqqis*** ta' approprjazzjonijiet iddestinati għar-riċerka u għat-teknoloġija, li jolqot fit-tul il-kapaċità tal-Ewropej li ***jżommu strument ta' difiża kredibbli***; | 63. Jikkonstata ***t-tnaqqis*** ta' approprjazzjonijiet iddestinati għar-riċerka u għat-teknoloġija, li jolqot fit-tul il-kapaċità tal-Ewropej li ***jipproduċu l-firxa sħiħa ta' armamenti u tagħmir militari***; |

Or. en

**Emenda 158**
**Tunne Kelam**

**Mozzjoni għal riżoluzzjoni**
**Paragrafu 63**

| *Mozzjoni għal riżoluzzjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| 63. Jikkonstata b'inkwiet it-tnaqqis ta' approprjazzjonijiet iddestinati għar-riċerka u għat-teknoloġija, li jolqot fit-tul il-kapaċità tal-Ewropej li jżommu strument ta' difiża kredibbli; | 63. Jikkonstata b'inkwiet it-tnaqqis ta' approprjazzjonijiet iddestinati għar-riċerka u għat-teknoloġija, li jolqot fit-tul il-kapaċità tal-Ewropej li jżommu strument ta' difiża kredibbli; ***ifakkar lill-Istati Membri dwar l-impenn tagħhom biex iżidu l-allokazzjoni ta' riċerka u teknoloġija relatati mad-difiża għal mill-inqas 2% mill-baġit tad-difiża;*** |

Or. en

**Emenda 159**
**Tunne Kelam**

**Mozzjoni għal riżoluzzjoni**
**Paragrafu 63a (ġdid)**

| *Mozzjoni għal riżoluzzjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| | ***63a. Jilqa' l-inizjattivi riċenti u l-proġetti relatati maċ-ċiberdifiża; iħeġġeġ lill-Istati*** |

***Membri biex jimpenjaw ruħhom aktar mill-qrib mal-EDA fl-iżvilupp tal-kapaċitajiet tagħhom taċ-ċiberdifiża, speċjalment minħabba l-bini tal-fiduċja u l-akkomunament u l-kondiviżjoni; jilqa' l-fatt li ċ-ċiberdifiża se tkun waħda mill-prijoritajiet fil-qasam tar-Riċerka u t-Teknoloġija tad-Difiża fl-AED;***

Or. en

**Emenda 160**
**Tarja Cronberg, Reinhard Bütikofer**
f'isem il-Grupp Verts/ALE

**Mozzjoni għal riżoluzzjoni**
**Paragrafu 64**

| *Mozzjoni għal riżoluzzjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| 64. ***Jilqa' b'sodisfazzjon l-isforzi tal-Aġenzija Ewropea għad-Difiża*** biex ***tippreserva*** bażi industrijali u teknoloġika Ewropea ta' difiża kif ukoll l-inizjattiva Barnier/Tajani biex *fi ħdan il-Kummissjoni* Ewropea tinħoloq Task Force inkarigata li tippreserva u tiżviluppa dan l-istrument strateġiku bil-funzjoni li jiggarantixxi l-awtonomija tal-Unjoni Ewropea u tal-Istati Membri tagħha fil-qasam tad-difiża; | 64. ***Josserva inizjattivi riċenti*** biex ***jippreservaw*** bażi industrijali u teknoloġika Ewropea ta' difiża kif ukoll l-inizjattiva Barnier/Tajani biex *fil-Kummissjoni* Ewropea tinħoloq Task Force inkarigata li tippreserva u tiżviluppa dan l-istrument strateġiku bil-funzjoni li jiggarantixxi l-awtonomija tal-Unjoni Ewropea u tal-Istati Membri tagħha fil-qasam tad-difiża; ***jenfasizza li l-ħolqien ta' suq Ewropew tas-sigurtà u d-difiża għandu jkollu enfasi speċjali fuq il-produzzjoni ta' oġġetti militari u ta' sigurtà li huma meħtieġa għall-missjonijiet tal-PSDK u li l-ħolqien ta' tali suq intern għandu jimxi id f'id mal-komunitarizzazzjoni tal-Kodiċi ta' Kondotta tal-UE dwar l-Esportazzjoni tal-Armi stipulat fil-Pożizzjoni Komuni 2008/944/PESK, adottata fit-8 ta' Diċembru 2008;*** |

Or. en

**Emenda 161**
**Michael Gahler**

**Mozzjoni għal riżoluzzjoni**
**Paragrafu 64**

| *Mozzjoni għal riżoluzzjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| 64. Jilqa' b'sodisfazzjon l-isforzi tal-Aġenzija Ewropea għad-Difiża biex tippreserva bażi industrijali u teknoloġika Ewropea ta' difiża kif ukoll l-inizjattiva Barnier/Tajani biex *fi ħdan il-Kummissjoni* Ewropea tinħoloq Task Force inkarigata li tippreserva u tiżviluppa dan l-istrument strateġiku bil-funzjoni li jiggarantixxi l-awtonomija tal-Unjoni Ewropea u tal-Istati Membri tagħha fil-qasam tad-difiża; | 64. Jilqa' b'sodisfazzjon l-isforzi tal-Aġenzija Ewropea għad-Difiża biex tippreserva bażi industrijali u teknoloġika Ewropea ta' difiża kif ukoll l-inizjattiva Barnier/Tajani biex *fil-Kummissjoni* Ewropea tinħoloq Task Force inkarigata li tippreserva u tiżviluppa dan l-istrument strateġiku bil-funzjoni li jiggarantixxi l-awtonomija tal-Unjoni Ewropea u tal-Istati Membri tagħha fil-qasam tad-difiża; ***jiddispjaċih dwar in-nuqqas ta' attenzjoni mill-Kummissjoni Ewropea biex iżżomm lill-Parlament Ewropew infurmat dwar il-ħidma li għaddejja tat-Task Force; jistieden lill-Kummissjoni biex tinvolvi lill-Parlament fil-futur;*** |

Or. en

**Emenda 162**
**Luis Yáñez-Barnuevo García**

**Mozzjoni għal riżoluzzjoni**
**Paragrafu 65**

| *Mozzjoni għal riżoluzzjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| 65. Jitlob lill-Istati Membri japplikaw totalment id-Direttiva dwar l-Akkwist Pubbliku fil-qasam tad-difiża b'tali mod biex jiġġieldu kontra l-frammentazzjoni tas-suq li, spiss ħafna, huwa ta' vantaġġ għall-pajjiżi terzi; | 65. Jitlob lill-Istati Membri japplikaw totalment id-Direttiva dwar l-Akkwist Pubbliku fil-qasam tad-difiża b'tali mod biex ***jiżguraw interoperabilità aħjar tat-tagħmir u*** jiġġieldu kontra l-frammentazzjoni tas-suq li, spiss ħafna, huwa ta' vantaġġ għall-pajjiżi terzi; |

Or. es

**Emenda 163**
**Ana Gomes**

**Mozzjoni għal riżoluzzjoni**
**Paragrafu 65**

| *Mozzjoni għal riżoluzzjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| 65. Jitlob lill-Istati Membri japplikaw totalment id-Direttiva dwar l-Akkwist Pubbliku fil-qasam tad-difiża b'tali mod biex jiġġieldu kontra l-frammentazzjoni tas-suq li, spiss ħafna, huwa ta' vantaġġ għall-pajjiżi terzi; | 65. Jitlob lill-Istati Membri japplikaw totalment id-Direttiva dwar l-Akkwist Pubbliku fil-qasam tad-difiża b'tali mod biex jiġġieldu kontra l-frammentazzjoni tas-suq li, spiss ħafna, huwa ta' vantaġġ għall-pajjiżi terzi***, u li jiftaħ il-bieb għall-korruzzjoni, il-ħela tal-baġits tad-difiża nazzjonali, tagħmir superfluwu u ksur ċar tar-regoli tal-Kompetizzjoni u s-Suq Intern***; |

Or. en

**Emenda 164**
**Andrew Duff**

**Mozzjoni għal riżoluzzjoni**
**Paragrafu 66**

| *Mozzjoni għal riżoluzzjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| 66. Ifakkar fir-rilevanza tal-pjan ta' żvilupp tal-kapaċitajiet żviluppat mill-AED; jistieden lill-Istati Membri jintegrawh aħjar fl-ippjanar nazzjonali tagħhom; | 66. Ifakkar fir-rilevanza tal-pjan ta' żvilupp tal-kapaċitajiet żviluppat mill-AED; jistieden lill-Istati Membri jintegrawh aħjar fl-ippjanar nazzjonali tagħhom ***u li jkunu aktar lesti li jidħlu fi proġetti tal-AED***; |

Or. en

**Emenda 165**
**Luis Yáñez-Barnuevo García**

**Mozzjoni għal riżoluzzjoni**
**Paragrafu 66a (ġdid)**

*Mozzjoni għal riżoluzzjoni* | *Emenda*

***66a. Jitlob it-tisħiħ tar-rwol tal-Aġenzija Ewropea għad-Difiża (EDA), fil-koordinazzjoni tal-iżvilupp tal-kapaċitajiet, bil-għan li jitwaqqfu d-dupplikazzjonijiet u l-programmi paralleli bejn l-Istati Membri li jeħtieġu spiża eċċessiva mill-kontribwenti u li jfixklu l-ġenerazzjoni ta' ekonomiji ta' skala.***

Or. es

**Emenda 166**
**Norica Nicolai**

**Mozzjoni għal riżoluzzjoni**
**Paragrafu 67a (ġdid)**

*Mozzjoni għal riżoluzzjoni* | *Emenda*

***67a. Josserva bi tħassib li xi Stati Membri qed iwarrbu l-importanza tal-Kulleġġ Ewropew tas-Sigurtà u d-Difiża, li huwa istituzzjoni li hija vitali għall-ħolqien ta' ġenerazzjoni ġdida ta' uffiċjali tal-UE li jistgħu jaqsmu l-valuri, il-ħiliet operazzjonali u l-prattiċi;***

Or. en

**Emenda 167**
**Justas Vincas Paleckis**

**Mozzjoni għal riżoluzzjoni**
**Paragrafu 67a (ġdid)**

*Mozzjoni għal riżoluzzjoni* | *Emenda*

***67a. Jistieden lill-militar tal-Istati Membri biex jerfa' r-resposabilitajiet tiegħu fil-qasam tas-sostenibbiltà ambjentali u lill-esperti tekniċi biex isibu mezzi għal***

***azzjoni ekoloġika, minn tnaqqis ta' emissjonijiet għal titjib fir-riċiklaġġ;***

Or. en

**Emenda 168**
**Tarja Cronberg**
f'isem il-Grupp Verts/ALE

**Mozzjoni għal riżoluzzjoni**
**Paragrafu 68**

| *Mozzjoni għal riżoluzzjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| 68. Iħeġġeġ lill-Kunsill u lill-Istati Membri jagħtu lill-Aġenzija Ewropea għad-Difiża baġit u persunal adegwati bil-għan li din tkun kapaċi taqdi dmirijietha li jkunulha fdati mit-Trattat ta' Lisbona; ***iqis li dan l-aspett irid jittieħed f'kunsiderazzjoni fl-ambitu tal-qafas finanzjarju pluriennali li jmiss;*** | 68. Iħeġġeġ lill-Kunsill u lill-Istati Membri jagħtu lill-Aġenzija Ewropea għad-Difiża baġit u persunal adegwati bil-għan li din tkun kapaċi taqdi dmirijietha li jkunulha fdati mit-Trattat ta' Lisbona; |

Or. en

**Emenda 169**
**Tunne Kelam**

**Mozzjoni għal riżoluzzjoni**
**Paragrafu 68**

| *Mozzjoni għal riżoluzzjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| 68. Iħeġġeġ lill-Kunsill u lill-Istati Membri jagħtu lill-Aġenzija Ewropea għad-Difiża baġit u persunal adegwati bil-għan li din tkun kapaċi taqdi dmirijietha li jkunulha fdati mit-Trattat ta' Lisbona; ***iqis*** li dan l-aspett irid jittieħed f'kunsiderazzjoni fl-ambitu tal-qafas finanzjarju pluriennali li jmiss; | 68. Iħeġġeġ lill-Kunsill u lill-Istati Membri jagħtu lill-Aġenzija Ewropea għad-Difiża baġit u persunal adegwati bil-għan li din tkun kapaċi taqdi dmirijietha li jkunulha fdati mit-Trattat ta' Lisbona; ***jenfasizza*** li dan l-aspett irid jittieħed f'kunsiderazzjoni fl-ambitu tal-qafas finanzjarju pluriennali li jmiss; |

Or. en

**Emenda 170**
**Michael Gahler**

**Mozzjoni għal riżoluzzjoni**
**Paragrafu 72**

| *Mozzjoni għal riżoluzzjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| 72. Josserva li, minkejja r-rettifiki li saru lill-mekkaniżmu ATHENA u d-duttrina ta' ingaġġ tal-gruppi tattiċi tal-Unjoni Ewropea, kif mitlub pereżempju. fl-ittra ta' Weimar, l-ebda wieħed sal-lum ma ntuża filwaqt li dawn jistgħu jikkostitwixxu forza tal-ewwel intervent, fl-istennija ta' forzi oħrajn aktar adatti għal impenn fit-tul; | 72. Josserva li, minkejja r-rettifiki li saru lill-mekkaniżmu ATHENA***, ir-riżoluzzjonijiet preċedenti tal-Parlament*** u d-duttrina ta' ingaġġ tal-gruppi tattiċi tal-Unjoni Ewropea, kif mitlub pereżempju. fl-ittra ta' Weimar, l-ebda wieħed sal-lum ma ntuża filwaqt li dawn jistgħu jikkostitwixxu forza tal-ewwel intervent, fl-istennija ta' forzi oħrajn aktar adatti għal impenn fit-tul; |

Or. en

**Emenda 171**
**Tarja Cronberg**
f'isem il-Grupp Verts/ALE

**Mozzjoni għal riżoluzzjoni**
**Paragrafu 73**

| *Mozzjoni għal riżoluzzjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| 73. ***iqis li din is-sitwazzjoni tippreġudika l-kredibilità tal-istrument tal-gruppi tattiċi u tal-PSDK b'mod ġenerali, filwaqt li setgħu ntużaw fl-imgħoddi;*** jinkoraġġixxi lill-Istati Membri jibqgħu mobilizzati u jonoraw l-impenji tagħhom favur ***dan*** l-istrument; | 73. Jinkoraġġixxi lill-Istati Membri jibqgħu mobilizzati u jonoraw l-impenji tagħhom favur l-istrument ***tal-Gruppi Tattiċi***; |

Or. en

**Emenda 172**
**Norica Nicolai**

**Mozzjoni għal riżoluzzjoni**
**Paragrafu 73**

| *Mozzjoni għal riżoluzzjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| 73. iqis li din is-sitwazzjoni tippreġudika l-kredibilità tal-istrument tal-gruppi tattiċi u tal-PSDK b'mod ġenerali, filwaqt li setgħu ntużaw fl-imgħoddi; jinkoraġġixxi lill-Istati Membri jibqgħu mobilizzati u jonoraw l-impenji tagħhom favur dan l-istrument; | 73. iqis li din is-sitwazzjoni tippreġudika l-kredibilità tal-istrument tal-gruppi tattiċi u tal-PSDK b'mod ġenerali, filwaqt li setgħu ntużaw fl-imgħoddi; jinkoraġġixxi lill-Istati Membri jibqgħu mobilizzati u jonoraw l-impenji tagħhom favur dan l-istrument***, filwaqt li jżommu f'moħħhom li minħabba l-investiment finanzjarju u fil-ħaddiema tal-gruppi tattiċi, in-nuqqas ta' użu tagħhom fil-konfront ta' diversi opportunitajiet sar problema***; |

Or. en

**Emenda 173**
**Luis Yáñez-Barnuevo García**

**Mozzjoni għal riżoluzzjoni**
**Paragrafu 73**

| *Mozzjoni għal riżoluzzjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| 73. iqis li din is-sitwazzjoni tippreġudika l-kredibilità tal-istrument tal-gruppi tattiċi u tal-PSDK b'mod ġenerali, filwaqt li setgħu ntużaw fl-imgħoddi; jinkoraġġixxi lill-Istati Membri jibqgħu mobilizzati u jonoraw l-impenji tagħhom favur dan l-istrument; | 73. iqis li din is-sitwazzjoni tippreġudika l-kredibilità tal-istrument tal-gruppi tattiċi u tal-PSDK b'mod ġenerali, filwaqt li setgħu ntużaw fl-imgħoddi; jinkoraġġixxi lill-Istati Membri jibqgħu mobilizzati u jonoraw l-impenji tagħhom favur dan l-istrument; ***jenfasizza wkoll li l-gruppi tattiċi diġà għamlu kontribut siewi għall-politika Ewropea ta' sigurtà billi pprovdew qafas għal titjib tanġibbli fl-interoperabbiltà u l-iżvilupp tal-kapaċità konġunta;*** |

Or. en

**Emenda 174**
**Luis Yáñez-Barnuevo García**

**Mozzjoni għal riżoluzzjoni**
**Paragrafu 73a (ġdid)**

| *Mozzjoni għal riżoluzzjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| | ***73a. Itenni li l-mekkaniżmu ATHENA għandu jkompli jiġi aġġustat biex iżid il-proporzjon ta' spejjeż komuni u b'hekk jiżgura qsim aktar ġust tal-piż fl-operazzjonijiet militari u biex jingħeleb diżinċentiv għall-Istati Membri biex jieħdu rwol ta' tmexxija fil-missjonijiet tal-PSDK;*** |

Or. en

**Emenda 175**
**Michael Gahler**

**Mozzjoni għal riżoluzzjoni**
**Paragrafu 75**

| *Mozzjoni għal riżoluzzjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| 75. Iqis li l-assenjazzjoni tar-rwol ta' koordinament tal-missjoni fil-Qarn tal-Afrika liċ-Ċentru tal-operazzjonijiet jikkostitwixxi l-ewwel pass lejn il-ħolqien ta' kapaċità Ewropea għall-ippjanar u t-tmexxija tal-operazzjonijiet b'persunal u mezzi ta' komunikazzjoni u ta' kontroll suffiċjenti; | 75. Iqis li l-assenjazzjoni tar-rwol ta' koordinament tal-missjoni fil-Qarn tal-Afrika liċ-Ċentru tal-operazzjonijiet jikkostitwixxi l-ewwel pass lejn il-ħolqien ta' kapaċità Ewropea għall-ippjanar u t-tmexxija tal-operazzjonijiet b'persunal u mezzi ta' komunikazzjoni u ta' kontroll suffiċjenti; ***jiddispjaċih madankollu li ċ-Ċentru la huwa permanenti u lanqas mhu l-punt ċentrali għall-ippjanar u t-twettiq ta' missjonijiet militari u ċivili;*** |

Or. en

**Emenda 176**
**Tarja Cronberg**

f'isem il-Grupp Verts/ALE

**Mozzjoni għal riżoluzzjoni**
**Paragrafu 76**

| *Mozzjoni għal riżoluzzjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| 76. Itenni t-talba tiegħu għall-ħolqien ta' Kwartieri Ġenerali tal-Operazzjoni (OHQ) tal-Unjoni Ewropea għall-ippjanar operattiv u t-tmexxija tal-operazzjonijiet militari *fi ħdan is-Servizz* Ewropew għall-Azzjoni Esterna, jekk neċessarju permezz ta' kooperazzjoni msaħħa; | 76. Itenni t-talba tiegħu għall-ħolqien ta' Kwartieri Ġenerali tal-Operazzjoni (OHQ) tal-Unjoni Ewropea għall-ippjanar operattiv u t-tmexxija tal-operazzjonijiet militari ***tal-PSDK*** *fis-Servizz* Ewropew għall-Azzjoni Esterna, jekk neċessarju permezz ta' kooperazzjoni msaħħa; ***jemmen li taħt l-ebda ċirkostanza l-korp li jiffunzjona tajjeb għall-ippjanar operattiv u t-twettiq ta' operazzjonijiet ċivili tal-PSDK, CPCC, ma għandu jitwaħħad mal-OHQ futuri; jenfasizza l-ħtieġa li l-ktajjen ta' kmand ċivili u militari jinżammu strettament separati;*** |

Or. en

**Emenda 177**
**Andrew Duff**

**Mozzjoni għal riżoluzzjoni**
**Paragrafu 76**

| *Mozzjoni għal riżoluzzjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| 76. Itenni t-talba tiegħu għall-ħolqien ta' Kwartieri Ġenerali tal-Operazzjoni (OHQ) tal-Unjoni Ewropea għall-ippjanar operattiv u t-tmexxija tal-operazzjonijiet militari *fi ħdan is-Servizz* Ewropew għall-Azzjoni Esterna, jekk neċessarju permezz ta' kooperazzjoni msaħħa; | 76. Itenni t-talba tiegħu għall-ħolqien ***fit-tul*** ta' Kwartieri Ġenerali tal-Operazzjoni (OHQ) tal-Unjoni Ewropea għall-ippjanar operattiv u t-tmexxija tal-operazzjonijiet militari *fis-Servizz* Ewropew għall-Azzjoni Esterna, jekk neċessarju permezz ta' kooperazzjoni msaħħa; |

Or. en

**Emenda 178**
**Michael Gahler**

**Mozzjoni għal riżoluzzjoni**
**Paragrafu 76**

| *Mozzjoni għal riżoluzzjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| 76. Itenni t-talba tiegħu għall-ħolqien ta' Kwartieri Ġenerali tal-Operazzjoni (OHQ) tal-Unjoni Ewropea għall-ippjanar operattiv u t-tmexxija tal-operazzjonijiet militari *fi ħdan is-Servizz* Ewropew għall-Azzjoni Esterna, jekk neċessarju permezz ta' kooperazzjoni ***msaħħa***; | 76. Itenni t-talba tiegħu għall-ħolqien ta' Kwartieri Ġenerali tal-Operazzjoni (OHQ) tal-Unjoni Ewropea għall-ippjanar operattiv u t-tmexxija tal-operazzjonijiet ***ċivili u*** militari *fis-Servizz* Ewropew għall-Azzjoni Esterna, jekk neċessarju permezz ta' kooperazzjoni ***permanenti strutturata***; |

Or. en

**Emenda 179**
**Norica Nicolai**

**Mozzjoni għal riżoluzzjoni**
**Paragrafu 78**

| *Mozzjoni għal riżoluzzjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| 78. Josserva b'interess il-qsim taċ-Ċentru ta' Sitwazzjonijiet f'żewġ entitajiet, is-"Situation Room" (sala ta' sitwazzjoni) *minn naħa* u ċ-Ċentru ta' Intelligence ("Intelligence Centre" jew INTCEN) mill-oħra, dan tal-aħħar huwa ddestinat li jikber jekk l-Istati Membri juru r-rieda li jiżviluppaw il-PESK u l-PSDK; | 78. Josserva b'interess il-qsim taċ-Ċentru ta' Sitwazzjonijiet f'żewġ entitajiet, is-"Situation Room" (sala ta' sitwazzjoni) *min-naħa* u ċ-Ċentru ta' Intelligence ("Intelligence Centre" jew INTCEN) mill-oħra, ***u jilqa' l-fatt li*** dan tal-aħħar huwa ddestinat li jikber jekk l-Istati Membri juru r-rieda li jiżviluppaw il-PESK u l-PSDK; |

Or. en

**Emenda 180**
**Luis Yáñez-Barnuevo García**

**Mozzjoni għal riżoluzzjoni**
**Paragrafu 79**

| *Mozzjoni għal riżoluzzjoni* | *Emenda* |
| --- | --- |
| 79. Isostni l-ħolqien ta' postijiet ta' esperti tas-sigurtà temporanji jew permanenti fi ħdan l-aktar delegazzjonijiet sinifikanti tal-Unjoni Ewropea għall-PSDK bil-għan li jieħdu ħsieb aħjar il-kwistjonijiet tas-sigurtà; | 79. Isostni l-ħolqien ta' postijiet ta' esperti tas-sigurtà temporanji jew permanenti fi ħdan l-aktar delegazzjonijiet sinifikanti tal-Unjoni Ewropea għall-PSDK bil-għan li jieħdu ħsieb aħjar il-kwistjonijiet tas-sigurtà; ***jitlob li jiġi kkunsidrat ir-rwol li jista' jkollhom fil-prevenzjoni ta' sigurtà u ta' twissija bikrija.*** |

Or. es

**Emenda 181**
**Maria Eleni Koppa**

**Mozzjoni għal riżoluzzjoni**
**Paragrafu 80**

| *Mozzjoni għal riżoluzzjoni* | *Emenda* |
| --- | --- |
| 80. Jikkonstata li l-Unjoni Ewropea u n-NATO, magħqudin fi sħubija strateġika mtennija waqt is-samit ta' Chicago, huma impenjati f'bosta xenarji komuni bħall-Kosovo, l-Afganistan u l-ġlieda kontra l-piraterija fil-Golf ta' Aden u fl-Oċean Indjan; ifakkar, f'dan il-kuntest, fl-importanza ta' kooperazzjoni tajba bejn l-Unjoni Ewropea u n-NATO; | 80. Jikkonstata li l-Unjoni Ewropea u n-NATO, ***li huma organizzazzjonijiet ta' natura differenti*** magħqudin fi sħubija strateġika mtennija waqt is-samit ta' Chicago, huma impenjati f'bosta xenarji komuni bħall-Kosovo, l-Afganistan u l-ġlieda kontra l-piraterija fil-Golf ta' Aden u fl-Oċean Indjan; ifakkar, f'dan il-kuntest, fl-importanza ta' kooperazzjoni tajba bejn l-Unjoni Ewropea u n-NATO; |

Or. en

**Emenda 182**
**Luis Yáñez-Barnuevo García**

**Mozzjoni għal riżoluzzjoni**
**Paragrafu 80a (ġdid)**

| *Mozzjoni għal riżoluzzjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| | ***80a. Iqis li t-tisħiħ tal-kapaċitajiet ċivili u militari tal-UE, ikun ta' benefiċċju wkoll għan-NATO, u jgħin biex jinħolqu sinerġiji bejn it-tnejn li huma.*** |

Or. es

**Emenda 183**
**Sophocles Sophocleous**

**Mozzjoni għal riżoluzzjoni**
**Paragrafu 81**

| *Mozzjoni għal riżoluzzjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| ***81. Jenfasizza li l-istall marbut mat-tilwima Torka-Ċiprijotta ma jimpedixxix liż-żewġ organizzazzjonijiet milli jmexxu, skont modi xierqa, djalogu politiku, jaħdmu flimkien bis-saħħa tal-kuntatti bejn il-membri tal-persunal rispettivi tagħhom u jikkoordinaw bejniethom; jappella madankollu għal soluzzjoni għal din it-tilwima biex titjieb il-kooperazzjoni bejn iż-żewġ organizzazzjonijiet;*** | ***imħassar*** |

Or. en

**Emenda 184**
**Takis Hadjigeorgiou, Willy Meyer, Nikolaos Chountis, Sabine Lösing**

**Mozzjoni għal riżoluzzjoni**
**Paragrafu 81**

| *Mozzjoni għal riżoluzzjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| 81. Jenfasizza li ***l-istall marbut mat-tilwima Torka-Ċiprijotta ma jimpedixxix liż-żewġ organizzazzjonijiet milli jmexxu, skont modi xierqa, djalogu politiku, jaħdmu flimkien bis-saħħa tal-kuntatti*** | 81. Jenfasizza li ***bil-preżenza ta' madwar 43,000 forza militari ta' okkupazzjoni Torok, it-Turkija, li hija membru tan-NATO, tappoġġja sitwazzjoni li hija b'mod ċar theddida għall-paċi u l-*** |

***bejn il-membri tal-persunal rispettivi tagħhom u jikkoordinaw bejniethom***; jappella ***madankollu għal soluzzjoni għal din it-tilwima*** biex titjieb ***il-kooperazzjoni bejn iż-żewġ organizzazzjonijiet***;

***istabilità fl-UE***; jappella***, għalhekk, għall-waqfien immedjat tal-ksur tad-dritt internazzjonali permezz tal-irtirar immedjat tal-forzi Torok minn Ċipru*** biex titjieb ***l-istabilità tar-reġjun***;

Or. en

**Emenda 185**
**Andrew Duff**

**Mozzjoni għal riżoluzzjoni**
**Paragrafu 81**

| *Mozzjoni għal riżoluzzjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| 81. Jenfasizza li l-istall marbut mat-tilwima Torka-Ċiprijotta ma jimpedixxix liż-żewġ organizzazzjonijiet milli jmexxu, skont modi xierqa, djalogu ***politiku***, jaħdmu flimkien bis-saħħa tal-kuntatti bejn il-membri tal-persunal rispettivi tagħhom u jikkoordinaw bejniethom; jappella madankollu ***għal*** soluzzjoni għal ***din it-tilwima biex titjieb*** il-kooperazzjoni ***bejn iż-żewġ organizzazzjonijiet***; | 81. Jenfasizza li l-istall marbut mat-tilwima Torka-Ċiprijotta ma jimpedixxix liż-żewġ organizzazzjonijiet milli jmexxu, skont modi xierqa, djalogu ***tekniku***, jaħdmu flimkien bis-saħħa tal-kuntatti bejn il-membri tal-persunal rispettivi tagħhom u jikkoordinaw bejniethom; jappella***,*** madankollu***, li l-UE tiġi involuta b'mod attiv biex issib*** soluzzjoni għal ***dan il-kunflitt iffriżat li jippreġudika serjament il-kredibilità tal-Unjoni Ewropea u jfixkel*** il-kooperazzjoni ***xierqa tagħha man-NATO***; |

Or. en

**Emenda 186**
**Sophocles Sophocleous**

**Mozzjoni għal riżoluzzjoni**
**Paragrafu 81a (ġdid)**

| *Mozzjoni għal riżoluzzjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| | ***81a. Jitlob l-implimentazzjoni reċiproka tas-sett ta' proposti konkreti ppreżentati mill-Viċi President / Rappreżentant Għoli*** |

***lis-Segretarju Ġenerali tan-NATO, bil-għan tal-adozzjoni ta' relazzjoni ta' organizzazzjoni ma' organizzazzjoni bejn l-UE u n-NATO, b'konformità mal-prinċipji ta' awtonomija tat-teħid ta' deċiżjonijiet, l-inklussività u r-reċiproċità ;***

Or. en

**Emenda 187**
**Ioan Mircea Paşcu**

**Mozzjoni għal riżoluzzjoni**
**Paragrafu 82**

| *Mozzjoni għal riżoluzzjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| 82. Jilqa' favorevolment il-kooperazzjoni bejn l-Unjoni Ewropea u n-NATO fil-qasam tal-kapaċitajiet militari, partikolarment biex tiġi *evitat* kull duplikazzjoni bejn l-inizjattiva ta' akkomunament u kondiviżjoni tal-kapaċitajiet tal-UE u l-iSmart Defense tan-NATO; | 82. Jilqa' favorevolment il-kooperazzjoni bejn l-Unjoni Ewropea u n-NATO fil-qasam tal-kapaċitajiet militari, partikolarment biex tiġi *evitata* kull duplikazzjoni bejn l-inizjattiva ta' akkomunament u kondiviżjoni tal-kapaċitajiet tal-UE u l-iSmart Defense tan-NATO***, li jeħtieġ li jkunu kumplimentarji***; ***jissottolinja li l-Unjoni Ewropea u n-NATO għandhom jaħdmu aktar mill-qrib biex jimlew il-lakuni fil-kapaċitajiet ta' difiża essenzjali bħal munizzjon intelliġenti, rifurniment ta' karburant fl-arja, is-sorveljanza, l-intelliġenza u r-rikonjizzjoni;*** |

Or. en

**Emenda 188**
**Tunne Kelam**

**Mozzjoni għal riżoluzzjoni**
**Paragrafu 82a (ġdid)**

| Mozzjoni għal riżoluzzjoni | Emenda |
|---|---|
| | ***82a. Jissottolinja l-importanza tal-bini ta' kooperazzjoni prattika relatata maċ-ċibersigurtà u ċ-ċiberdifiża dwar il-kumplementarjetà eżistenti fl-iżvilupp tal-kapaċità ta' difiża u jenfasizza l-ħtieġa għal koordinazzjoni aktar mill-qrib, speċjalment dwar l-ippjanar, it-teknoloġija, it-taħriġ u t-tagħmir f'dan ir-rigward;*** |

Or. en

**Emenda 189**
**Krzysztof Lisek**

**Mozzjoni għal riżoluzzjoni**
**Paragrafu 83**

| Mozzjoni għal riżoluzzjoni | Emenda |
|---|---|
| 83. ***Jiddispjċih bl-iżvilupp*** ta' ***strutturi ta' ġestjoni tal-kriżijiet ċivili fi ħdan in-NATO, b'hekk ikkonstata d-duplikazzjoni inutli ta'*** kapaċitajiet ***diġà preżenti u żviluppati sewwa fi ħdan l-Unjoni Ewropea;*** | 83. ***Jemmen li l-iżvilupp ulterjuri*** ta' kapaċitajiet ***ċivili fin-NATO u kapaċitajiet militari fl-UE għandu jkun ikkoordinat mill-qrib bejn iż-żewġ organizzazzjonijiet sabiex tiġi evitata duplikazzjoni mhux meħtieġa u jiġi żgurat it-tisħiħ reċiproku tal-isforzi.*** |

Or. en

**Emenda 190**
**Ana Gomes**

**Mozzjoni għal riżoluzzjoni**
**Paragrafu 83**

| Mozzjoni għal riżoluzzjoni | Emenda |
|---|---|
| 83. ***Jiddispjċih*** bl-iżvilupp ta' strutturi ta' ġestjoni tal-kriżijiet ċivili ***fi ħdan in-NATO,*** | 83. ***Josserva li*** bl-iżvilupp ta' strutturi ta' ġestjoni tal-kriżijiet ċivili ***fin-NATO,*** |

| | |
|---|---|
| ***b'hekk*** ikkonstata d-duplikazzjoni inutli ta' kapaċitajiet diġà preżenti u żviluppati sewwa *fi ħdan l-Unjoni* Ewropea; | ikkonstata d-duplikazzjoni inutli ta' kapaċitajiet diġà preżenti u żviluppati sewwa *fl-Unjoni* Ewropea; ***jitlob lir-Rappreżentant Għoli / Viċi President biex tiġbed l-attenzjoni tal-Istati Membri dwar dan;*** |

Or. en

**Emenda 191**
**Ana Gomes**

**Mozzjoni għal riżoluzzjoni**
**Paragrafu 84**

| *Mozzjoni għal riżoluzzjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| 84. Jilqa' pożittivament il-kooperazzjoni bejn l-Unjoni Ewropea u l-Unjoni Afrikana biex tinżamm il-paċi u l-istabilità fil-kontinent Afrikan; josserva li l-Unjoni Ewropea tikkontribwixxi għar-realizzazzjoni ta' arkitettura ta' paċi u sigurtà Afrikana u, għal dan il-għan, isostni l-isforzi ta' paċi tal-Unjoni Afrikana u tal-organizzazzjonijiet reġjonali Afrikani ***bħall-ECOWAS*** intiżi biex jikkumbattu l-instabilità, l-insigurtà u t-theddida terroristika, mill-Qarn tal-Afrika sas-Saħel; | 84. Jilqa' pożittivament il-kooperazzjoni bejn l-Unjoni Ewropea u l-Unjoni Afrikana biex tinżamm il-paċi u l-istabilità fil-kontinent Afrikan; josserva li l-Unjoni Ewropea tikkontribwixxi għar-realizzazzjoni ta' arkitettura ta' paċi u sigurtà Afrikana u, għal dan il-għan, isostni l-isforzi ta' paċi tal-Unjoni Afrikana u tal-organizzazzjonijiet reġjonali Afrikani intiżi biex jikkumbattu l-instabilità, l-insigurtà u t-theddida terroristika, mill-Qarn tal-Afrika sas-Saħel; |

Or. en

**Emenda 192**
**Krzysztof Lisek**

**Mozzjoni għal riżoluzzjoni**
**Paragrafu 85**

| *Mozzjoni għal riżoluzzjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| 85. Ifakkar li l-UE għadha l-ewwel kontributur għall-baġit tal-AMISOM u jenfasizza l-bżonn ta' viżjoni strateġika | 85. Ifakkar li l-UE għadha l-ewwel kontributur għall-baġit tal-AMISOM u jenfasizza l-bżonn ta' viżjoni strateġika |

***għall-ġejjieni ta'*** din l-operazzjoni;

***għall-appoġġ futur tal-UE għal*** din l-operazzjoni;

Or. en

**Emenda 193**
**Norica Nicolai**

**Mozzjoni għal riżoluzzjoni**
**Paragrafu 85**

| *Mozzjoni għal riżoluzzjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| 85. Ifakkar li l-UE għadha l-ewwel kontributur għall-baġit tal-AMISOM u jenfasizza l-bżonn ta' viżjoni strateġika għall-ġejjieni ta' din l-operazzjoni; | 85. Ifakkar li l-UE għadha l-ewwel kontributur għall-baġit tal-AMISOM u jenfasizza l-bżonn ta' viżjoni strateġika għall-ġejjieni ta' din l-operazzjoni; ***iqis il-kooperazzjoni bejn AMISOM u ATALANTA bħala pass favorevoli lejn missjonijiet futuri konġunti potenzjali;*** |

Or. en

**Emenda 194**
**Maria Eleni Koppa**

**Mozzjoni għal riżoluzzjoni**
**Paragrafu 86a (ġdid)**

| *Mozzjoni għal riżoluzzjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| | ***86a. UE/OSKE*** |
| | ***jissottolinja l-importanza tal-kooperazzjoni bejn l-UE u l-OSKE fir-reġjuni ta' interess komuni u fuq kwistjonijiet, bħall-prevenzjoni tal-kunflitti, il-ġestjoni tal-kriżijiet, ir-riabilitazzjoni wara l-kunflitti, kif ukoll il-promozzjoni u t-tisħiħ tal-istat tad-dritt; jesprimi sodisfazzjon li l-ambitu ta' din il-kooperazzjoni twessa' u ġie approfondit matul l-aħħar snin, iżda jitlob koordinazzjoni aktar mill-qrib u sinerġija*** |

***fl-indirizzar tal-kriżijiet u l-kunflitti, biex b'hekk tiġi evitata d-duplikazzjoni tal-isforzi u jiġu żviluppati approċċi kosteffiċjenti;***

Or. en

**Emenda 195**
**Ana Gomes**

**Mozzjoni għal riżoluzzjoni**
**Paragrafu 86a (ġdid)**

| *Mozzjoni għal riżoluzzjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| | ***86a.ġdid. Jistieden lill-Rappreżentant Għoli / Viċi President u l-Kunsill biex jibdew immedjatament jiddiskutu linja ta' azzjoni għall-promozzjoni tar-riforma u t-tkabbir meħtieġa b'mod urġenti tal-KSNU, bil-għan li tiġi żgurata rappreżentazzjoni tal-UE fil-KSNU u tiġi msaħħa r-rappreżentanza u l-leġittimità tal-KSNU; dik ir-riforma għandha tinkludi r-restrizzjoni tal-użu tas-setgħa tal-veto, filwaqt li jittieħdu lezzjonijiet mill-impass attwali fuq is-Sirja, fejn il-KSNU qed jiġi ostakolat milli jippermetti li tiġi eżerċitata r-R2P mill-komunità internazzjonali;*** |

Or. en

**Emenda 196**
**Ioan Mircea Paşcu**

**Mozzjoni għal riżoluzzjoni**
**Paragrafu 87**

| *Mozzjoni għal riżoluzzjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| 87. Jifraħ ***ukoll*** bil-kooperazzjoni bejn l-Unjoni Ewropea u l-Istati Uniti għall- | 87. ***Jissottolinja r-rilevanza kontinwa ta' rabta transatlantika b'saħħitha u*** jifraħ |

operazzjonijiet ta' ġestjoni tal-kriżijiet, fosthom EUTM Somalia, EUNAVFOR Atalanta, EULEX Kosovo u EUPOL Afghanistan;

bil-kooperazzjoni bejn l-Unjoni Ewropea u l-Istati Uniti għall-operazzjonijiet ta' ġestjoni tal-kriżijiet, fosthom EUTM Somalia, EUNAVFOR Atalanta, EULEX Kosovo u EUPOL Afghanistan;

Or. en

**Emenda 197**
**Tarja Cronberg, Reinhard Bütikofer**
f'isem il-Grupp Verts/ALE

**Mozzjoni għal riżoluzzjoni**
**Paragrafu 87**

| *Mozzjoni għal riżoluzzjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| 87. Jifraħ ukoll bil-kooperazzjoni bejn l-Unjoni Ewropea u l-Istati Uniti għall-operazzjonijiet ta' ġestjoni tal-kriżijiet, fosthom EUTM Somalia, EUNAVFOR Atalanta, EULEX Kosovo u EUPOL Afghanistan; | 87. Jifraħ ukoll bil-kooperazzjoni bejn l-Unjoni Ewropea u l-Istati Uniti għall-operazzjonijiet ta' ġestjoni tal-kriżijiet, fosthom EUTM Somalia, EUNAVFOR Atalanta, EULEX Kosovo u EUPOL Afghanistan; ***jifraħ ukoll bil-kooperazzjoni tajba bejn EUNAVFOR Atalanta u pajjiżi terzi bħar-Russja, iċ-Ċina u l-Indja;*** |

Or. en

**Emenda 198**
**Tarja Cronberg, Reinhard Bütikofer**
f'isem il-Grupp Verts/ALE

**Mozzjoni għal riżoluzzjoni**
**Paragrafu 87a (ġdid)**

| *Mozzjoni għal riżoluzzjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| | ***87a. Jistieden lir-Rappreżentant Għoli / Viċi President biex tibgħat espert tal-PSDK bħala osservatur għall-Five Power Defence Arrangements (FPDA) li mill-1971 jinvolvu lir-Renju Unit, l-Awstralja, New Zealand, il-Malasja u Singapor;*** |